



Dokument ta' sessjoni

A9-0329/2023

3.11.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (COM(2022)0672 – C9-0399/2022 – 2022/0394(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Lídia Pereira

Rapporteur għall-opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:

Martin Hlaváček, Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	105
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	107
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.....	110
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	176
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	190
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	191

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0672),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0399/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Marzu 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Frar 2023²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0329/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b' mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b' mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ *ĠU C 184, 25.5.2023, p. 83.*

² *ĠU C 157, 3.5.2023, p. 58.*

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju

Emenda

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, ***għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Skont il-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima²² ("il-Ftehim ta' Pariġi"), il-komunità internazzjonali qablet li żżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali ferm inqas minn 2° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li ssegwi sforzi biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5° C ogħla mil-livelli preindustrijali. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u huma impenjati bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tiegħu bit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda fl-assorbimenti tal-karbonju.

Emenda

(1) Skont il-Ftehim ta' Pariġi adottat fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima²² ("il-Ftehim ta' Pariġi"), il-komunità internazzjonali qablet li żżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali ferm inqas minn 2° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li ssegwi sforzi biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5° C ogħla mil-livelli preindustrijali. ***Dak l-impenn issaħħaħ bl-adozzjoni, fl-ambitu tal-UNFCCC, tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li b'żieda fit-temperatura ta' 1,5 °C, minflok ta' 2 °C l-impatti tat-tibdil fil-klima se jkunu ħafna aktar baxxi u tiddeċiedi li tkompli bl-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C.*** L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ għall-implimentazzjoni

tiegħu bit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda fl-assorbimenti tal-karbonju *u fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.*

²² Approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

²² Approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Fuq skala globali, l-aħħar rapport²³ tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jindika probabbiltà dejjem tonqos li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C sakemm ma jseħħx tnaqqis rapidu u kbir fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) globali matul *id-deċennji* li ġejjin. Ir-rapport tal-IPCC jiddikjara wkoll b'mod ċar li *“l-użu* tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju biex jiġu kontrobalanċjati l-emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu huwa inevitabbli jekk għandhom jinkisbu n-newtralità karbonika (CO₂) jew in-newtralità klimatika”. Dan se jirrikjedi l-użu fuq skala kbira ta' attivitajiet sostenibbli għall-qbid tas-CO₂ mill-atmosfera u l-ħżin fit-tul tiegħu f'riżervi ġeoloġiċi, f'ekosistemi terrestri u tal-baħar, jew fi prodotti. Illum u bil-politiki attwali, l-Unjoni ma hijiex miexja fit-triq it-tajba biex twettaq l-assorbimenti tal-karbonju meħtieġa: l-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri bdew jonqsu f'dawn l-aħħar snin, u fl-Unjoni bħalissa mhux qed iseħħ l-ebda assorbiment industrijali sinifikanti tal-

Emenda

(2) Fuq skala globali, l-aħħar rapport²³ tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) jindika probabbiltà dejjem tonqos li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C sakemm ma jseħħx tnaqqis rapidu u kbir fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) globali matul *id-deċennju attwali u d-deċennji* li ġejjin. Ir-rapport tal-IPCC jiddikjara wkoll b'mod ċar li *“filwaqt li n-newtralità karbonika (CO₂) jew in-newtralità klimatika f'termini ta' gassijiet serra jirrikjedu tnaqqis sostanzjali u rapidu fl-emissjonijiet gross, l-użu* tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju biex jiġu kontrobalanċjati l-emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu huwa inevitabbli jekk għandhom jinkisbu n-newtralità karbonika (CO₂) jew in-newtralità klimatika” *u li l-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju se jkun neċessarju biex jinkisbu emissjonijiet netti negattivi ta' CO₂*”. Dan se jirrikjedi l-użu fuq skala kbira ta' attivitajiet *siguri u* sostenibbli għall-qbid tas-CO₂ mill-atmosfera u l-ħżin fit-tul tiegħu f'riżervi ġeoloġiċi, f'ekosistemi terrestri u tal-baħar, jew fi

karbonju.

²³ *Grupp ta' Ħidma III tal-IPCC (2022), Sommarju Tekniku. Fi: Climate Change 2022: Mitigation of Climate Change. Sixth Assessment Report (link)*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li ***jiġi żviluppat*** qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, bil-għan li jiġi inċentivat l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja, ***b'ħarsien*** sħiħ tal-objettivi tal-bijodiversità u ta' tniġġis żero. Huwa għodda li tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika kollettiva sal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tiġġenera emissjonijiet negattivi wara l-2050. Strument importanti għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri huwa r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, ***li bħalissa qiegħed jiġi rieżaminat. L-objettiv tar-rieżami huwa li tiġi stabbilita mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 Mt ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030, u li jiġu allokati l-miri rispettivi lil kull Stat Membru.***

prodotti. Illum u bil-politiki attwali, l-Unjoni ma hijiex miexja fit-triq it-tajba biex twettaq l-assorbimenti tal-karbonju meħtieġa: l-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri bdew jonqsu f'dawn l-aħħar snin, u fl-Unjoni bħalissa mhux qed iseħħ l-ebda assorbiment industrijali sinifikanti tal-karbonju.

²³ *IPCC (2023). Sixth Assessment Report (AR 6 Synthesis Report) (Is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni - Rapport ta' Sinteżi).*

Emenda

(3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li ***jiżviluppa*** qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, ***għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti***, bil-għan li jiġi inċentivat l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju, ***attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti li jkunu siguri, sostenibbli u ta' kwalità għolja, fir-rispett*** sħiħ tal-objettivi tal-bijodiversità u ta' tniġġis żero. Huwa għodda li tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika kollettiva sal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, ***bħala komplement tat-tnaqqis irreversibbli u gradwali tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra fis-setturi kollha bil-għan li jintlaħqu l-objettivi u l-miri stabbiliti f'dak ir-Regolament u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.*** L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tiġġenera emissjonijiet negattivi wara l-2050. Strument importanti għat-titjib tal-

assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri huwa r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet **ta' assorbiment** tal-karbonju **fl-Unjoni** li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu **tal-assorbiment nett tal-karbonju**, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll l-adozzjoni ta' attivitajiet **ta' assorbiment tal-karbonju** li jiġġeneraw kobenefiċċji għall-bijodiversità, u b'hekk jintlaħqu l-miri tar-restawr tan-natura stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar ir-restawr tan-natura. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun

Emenda

(4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet **fl-Unjoni ta' assorbiment tal-karbonju, sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ħżin** tal-karbonju **fil-prodotti** li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu nett, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll l-adozzjoni ta' attivitajiet li jiġġeneraw kobenefiċċji għall-bijodiversità, u b'hekk jintlaħqu l-miri tar-restawr tan-natura stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar ir-restawr tan-natura. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun

strumentali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

strumentali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Diversi Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u pajjiżi terzi oħra konfinanti mal-Unjoni, bħan-Norveġja u l-Iżlanda, għandhom potenzjal sinifikanti għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂. Għaldaqstant, meta jkun ġie konkluż ftehim ġuridikament vinkolanti bejn l-Unjoni u Membru taż-ŻEE jew pajjiż terz ieħor konfinanti mal-Unjoni u dak il-pajjiż japplika l-istess rekwiżiti ġuridiċi bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 2009/31/KE, jenħtieġ li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni japplika għall-karbonju atmosferiku jew bijoġeniku maqbud fl-Unjoni iżda maħżun ġeoloġikament f'dak il-Membru taż-ŻEE jew f'dak il-pajjiż konfinanti mal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jinkoraġġixxi wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jenfasizza r-rwol tal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, kif ukoll programmi oħra fil-qasam tat-teknoloġiji b'kapaċità ta' assorbiment tal-karbonju, filwaqt li jitqiesu l-proċessi eżistenti u l-iżviluppi

possibbli bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għat-teknoloġiji l-ġodda.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom f'kooperazzjoni interdixxiplinari, bl-involviment tal-istituzzjonijiet ta' riċerka nazzjonali u reġjonali, xjenzjati, bdiewa u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Sabiex jiġu appoġġati l-operaturi li jkunu lesti jagħmlu sforzi addizzjonali biex iżidu ***l-assorbimenti*** tal-karbonju b'mod sostenibbli, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li ***jqis*** it-tipi differenti ta' attivitajiet ***ta' assorbiment tal-karbonju***, l-ispeċifikitajiet tagħhom u l-impatti ambjentali relatati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li ***jipprovdi definizzjonijiet ċari tal-assorbiment tal-karbonju, tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u ta' elementi oħra tal-qafas*** ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.

(5) ***L-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandhom karatteristiċi differenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' ħżin, mal-mezz ta' ħżin u mad-durata mistennija tal-ħżin, li ta' tvarja minn deċennji għal sekli sħaħ għal ċerti attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin f'ċerti prodotti, sal-ħżin permanenti fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi jekk is-sit tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ jintgħażel u jiġi ġestit b'mod xieraq.*** Sabiex ***tiġi*** żgurata ***l-integrità tal-qafas filwaqt li*** jiġu appoġġati l-operaturi li jkunu lesti jagħmlu sforzi addizzjonali biex iżidu ***s-sekwestru*** tal-karbonju ***jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet bijoġeniċi*** b'mod sostenibbli, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li ***jagħmel distinzjoni ċara bejn*** it-tipi differenti ta' attivitajiet, l-

ispeċifikaċjonijiet tagħhom u l-impatti ambjentali relatati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li *jissepara b'mod ċar id-definizzjonijiet, il-kriterji f'dik li hi kwalità u r-regoli dwar l-użu marbut mal-attivitajiet ta' assorbimenti tal-karbonju, sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ħżin tal-karbonju fil-prodotti fil-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.*

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Fl-ambitu tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni, l-attivitajiet li, f'ċirkostanzi normali u permezz ta' prattiki ta' ġestjoni xierqa, jiżguraw il-ħżin permanenti tal-karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal diversi sekli permezz tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂, bħall-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja, jew permezz tal-mineralizzazzjoni tal-karbonju marbut b'mod permanenti, jenħtieġ li jitqiesu assorbimenti permanenti tal-karbonju. L-attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-art fis-sottokategoriji tas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija koperti mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/841 jew relatati mal-ġestjoni tal-kosti, li jirriżultaw fis-sekwestru tal-karbonju, jew l-attivitajiet li jirriżultaw fit-tnaqqis tal-emissjonijiet bijoġeniċi, pereżempju t-tnaqqis tal-metan minħabba bidliet fl-għalf jew il-ġestjoni tad-demel, jew fit-tnaqqis tal-ossidu nitruż minħabba tnaqqis tal-fertilizzanti jew il-ġestjoni tad-demel, għal perjodu minimu ta' ħames snin, jitqiesu attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Ċerti attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, b'mod partikolari t-tixrib mill-ġdid ta' torbieri, jistgħu jirriżultaw f'sekwestru

tal-karbonju ladarba t-torbiera tiġi restawrata b'mod sħiħ, filwaqt li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju permezz ta' restawr u tixrib ġestiti sew f'fażi inizjali. Ċerti attivitajiet oħra, bħal dawk ibbażati fuq l-użu tal-faħam bijoloġiku, jistgħu jkunu kategorizzati taħt tipi differenti ta' attivitajiet, skont il-kundizzjonijiet speċifiċi li fihom isiru l-attivitajiet. Fid-dawl tal-inċertezzi fil-kejl u fil-monitoraġġ tal-metodoloġiji relatati ma' ħafna applikazzjonijiet potenzjali tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti fil-fażijiet inizjali tal-iżvilupp, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li għall-ewwel tkun limitata għal prodotti tal-injam maħsud jew materjali għall-kostruzzjoni li jaħżnu l-karbonju atmosferiku u bijoġeniku maħżun għal tal-anqas ħames deċennji u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rapport li tippreżenta l-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2018/841, filwaqt li l-benefiċċji possibbli u l-kompromessi tal-inklużjoni ta' prodotti durabbli oħra tal-ħżin tal-karbonju jenħtieġ li jiġu valutati mill-Kummissjoni fl-ambitu tar-rieżami ta' dan ir-Regolament.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jipprevedi wkoll il-flessibbiltà meħtieġa biex ikopri l-ispeċifikitajiet reġjonali, tekniċi, strutturali u ġeofiżiċi, filwaqt li jqis il-varjetà ta' kundizzjonijiet f'termini ta' sistemi ta' produzzjoni fl-Istati Membri u fir-reġjuni tagħhom.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti li permezz tagħhom l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni. Għal dan il-għan, l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż u robust; u jenħtieġ li jiġu ġġenerati biss minn attivitajiet **ta' assorbiment tal-karbonju** li jiġġeneraw benefiċċju **tal-assorbiment nett tal-karbonju**, li jkunu addizzjonali, li **jkollhom l-għan li** jiżguraw il-ħżin fit-tul tal-karbonju, u li jkollhom impatt newtrali jew kobenefiċċju fuq l-oġettivi ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, **l-assorbimenti tal-karbonju** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn partijiet terzi sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' ċertifikazzjoni. Hemm fis-seħħ regoli obbligatorji tal-Unjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju stabbiliti permezz tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ li jirregolaw it-trattament tal-emissjonijiet minn attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, ħlief fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti ta' emissjonijiet minn bijomassa sostenibbli li għandhom klassifikazzjoni zero f'konformità mal-Anness IV tagħha.

Emenda

(6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti li permezz tagħhom l-assorbimenti tal-karbonju, **is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti** jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni. Għal dan il-għan, l-assorbimenti tal-karbonju, **il-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, it-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti** jenħtieġ li **jkunu konformi mal-kriterji relatati mal-ħruġ u mal-użu**; jiġu kkwantifikati b'mod preċiż u robust; u jenħtieġ li jiġu ġġenerati biss minn attivitajiet li jiġġeneraw benefiċċju nett, li jkunu addizzjonali, li jiżguraw il-ħżin/assorbiment **permanenti jew fit-tul fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u/jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u jkunu konformi mar-rekwiżiti relatati mal-monitoraġġ u mar-responsabbiltà u** li jkollhom **tal-anqas** impatt newtrali jew kobenefiċċju fuq l-oġettivi ta' sostenibbiltà **f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament**. Barra minn hekk, **l-attivitajiet** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn partijiet terzi sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' ċertifikazzjoni **u l-** **informazzjoni relatata maċ-ċertifikati u mal-proċess ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' reġistru tal-Unjoni**. Hemm fis-seħħ regoli obbligatorji tal-Unjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju stabbiliti permezz tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ li jirregolaw it-trattament tal-emissjonijiet minn attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva. Dan ir-

Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, ħliel fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti ta' emissjonijiet minn bijomassa sostenibbli li għandhom klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Anness IV tagħha.

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju ***tal-assorbiment nett tal-karbonju*** li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. ***Il-benefiċċju tal-assorbiment*** nett tal-karbonju jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju ***li attività tal-assorbiment*** tal-karbonju tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. Jenħtieġ li ***tiġi ppreferuta linja bażi standardizzata li tirrifletti l-prestazzjoni standard*** ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta'

Emenda

(7) Attività jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju nett li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. ***Il-kalkolu tal-benefiċċju nett jenħtieġ li jkun differenzjat għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju, għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, tan-nitroġenu u tal-metan u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, bil-għan li jitqiesu l-karatteristiċi fundamentalment differenti tagħhom, u jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw, kif ikun applikabbli, l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju, fil-każ ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, l-ammont ta' sekwestru tal-karbonju addizzjonali, fil-każ tal-attivitajiet ta' ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew ta' ħżin***

teknoloġiji diġitali disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi u mill-monitoraġġ tal-attivitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju***. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u biex tiġi mħeġġa l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li jiġu aġġornati ***perjodikament***.

tal-karbonju fil-prodotti, jew l-ammont tat-tnaqqis tal-emissjonijiet bijoġeniċi addizzjonali, fil-każ ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li attività tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tkun rappreżentattiva tal-prestazzjoni ta' prattiki attwali komuni ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili u jenħtieġ li tiġi ppreferuta minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. ***Bil-għan li tiġi żgurata l-integrità klimatika tal-qafas, fil-każ tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju, il-linja bażi standardizzata jenħtieġ li tkun rappreżentattiva tal-aktar livell avanzat tal-attivitajiet komparabbli, u fil-każ tal-attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-kalkolu ta' linja bażi standardizzata jenħtieġ li jeskludi l-attivitajiet eżistenti li kienu ġew identifikati, fil-każ tal-ħżin/assorbiment fil-kuntast tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, bħala mhux rappreżentattivi ta' sekwestri reali u minflok jirriżultaw f'emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, u, fil-każ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, bħala mhux rappreżentattivi ta' tnaqqis reali u minflok jirriżultaw f'aktar u mhux f'anqas emissjonijiet.*** Fil-kuntast tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji diġitali disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, ***is-sistemi l-ġodda ta' kwantifikazzjoni tal-karbonju fuq il-post***, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi

u mill-monitoraġġ tal-attivitajiet. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u biex tiġi mħeġġa l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li jiġu **rieżaminati perjodikament mill-Kummissjoni u** aġġornati **tal-anqas kull ħames snin. Madankollu, bil-għan li jiġi żgurat kuntest operattiv u tal-investimenti stabbli għall-operaturi, ladarba tkun b'diet attività, il-linja bażi jenħtieġ li tibqa' kostanti għall-operatur għal dik l-attività matul il-perjodu ta' monitoraġġ kollu, u jenħtieġ li tiġi rieżaminata u aġġornata biss maċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.**

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tieni pass għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju **tal-assorbiment nett tal-karbonju** jenħtieġ li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata **mal-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju**. L-emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra li jenħtieġ li jitqiesu jinkludu l-emissjonijiet diretti, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' aktar fertilizzanti, fjuwil jew enerġija, jew emissjonijiet indiretti, bħal dawk li jirriżultaw **mit-tibdil fl-użu tal-art, b'riskji konsegwenti għas-sigurtà alimentari** minħabba **l-ispostament tal-produzzjoni agrikola. Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li ma jitqiesx biex jiġi kkwantifikat il-benefiċċju**

Emenda

(8) It-tieni pass għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju nett jenħtieġ li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata **maċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-implimentazzjoni tal-attività**. L-emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra li jenħtieġ li jitqiesu jinkludu l-emissjonijiet diretti, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' aktar fertilizzanti, **sustanzi kimiċi**, fjuwil jew enerġija, jew emissjonijiet indiretti, bħal dawk li jirriżultaw **mit-trasport, l-input ta' materjal, l-effetti tal-ispostamenti** minħabba **domanda f'kompetizzjoni għall-enerġija jew għas-sħana mormija, it-tibdil dirett jew indirett fl-użu tal-art, b'riskji konsegwenti għas-sigurtà alimentari** minħabba **l-ispostament tal-produzzjoni agrikola u jenħtieġ li jkopru l-impatti kemm fi ħdan**

tal-assorbiment nett tal-karbonju, iżda jenħtieġ li jiġi bħala kobenefiċċju lejn l-oġġett ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; billi jiġi rrapportat fuq iċ-ċertifikati, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (bħall-kobenefiċċji tas-sostenibbiltà l-oħra) jista' jżid il-valur tal-assorbimenti tal-karbonju ċertifikati.

l-Unjoni kif ukoll barra minnha.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Attività **tal-assorbiment tal-karbonju** twassal għal benefiċċju **tal-assorbiment nett tal-karbonju meta** l-assorbimenti tal-karbonju 'l fuq mil-linja bażi jegħlbu kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba l-implimentazzjoni tal-attività **tal-assorbiment tal-karbonju**. Pereżempju, fil-każ ta' attivitajiet li jwasslu għal ħżin permanenti tal-karbonju billi l-karbonju jiġi injettat taħt l-art, l-ammont ta' karbonju maħżun b'mod permanenti jenħtieġ li jkun akbar mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija mill-proċess industrijali. Fil-każ ta' **sekwestru** tal-karbonju f'art agrikola, il-karbonju li jinqabad minn attività ta' tisgħir jew il-karbonju li jinżamm fl-art minn attività ta' tixrib mill-ġdid tat-torbieri jenħtieġ li jegħleb l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettag l-attività **tal-assorbiment tal-karbonju jew mill-emissjonijiet ta' tibdil** indirett fl-użu tal-art li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda

(9) Attività twassal għal benefiċċju nett **meta, rispettivament**, l-assorbimenti tal-karbonju, **is-sekwestru tal-karbonju jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet 'il** fuq mil-linja bażi jegħlbu kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba l-implimentazzjoni tal-attività. Pereżempju, fil-każ ta' attivitajiet li jwasslu għal ħżin permanenti tal-karbonju billi l-karbonju jiġi injettat taħt l-art, l-ammont ta' karbonju maħżun b'mod permanenti jenħtieġ li jkun akbar mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija mill-proċess industrijali **matul il-qbid, it-trasport u l-ħżin kif ukoll l-effetti tal-ispostamenti minħabba domanda f'kompetizzjoni għall-enerġija jew għashana mormija**. Fil-każ ta' **ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru** tal-karbonju f'art agrikola, il-karbonju li jinqabad **u jiġi sekwestrat** minn attività ta' tisgħir jew il-karbonju li jinżamm fl-art minn attività ta' tixrib mill-ġdid tat-torbieri jenħtieġ li jegħleb l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettag l-attività **jew mill-emissjonijiet tat-tibdil indirett fl-użu tal-art li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju**. Fil-każ ta' **tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-emissjonijiet tal-karbonju li tnaqqsu minn attività ta' tixrib mill-ġdid**

tat-torbieri jenħtieġ li jegħlbu l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettaq l-attività jew mill-emissjonijiet tat-tibdil indirett fl-użu tal-art li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) **L-assorbimenti tal-karbonju** jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b' mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti u **komparabbli**. L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' stima eċċessiva tal-kwantità tad-diossidu tal-karbonju assorbit mill-atmosfera. **L-assorbimenti** tal-karbonju **ġġenerati** mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'livell għoli ta' akkuratezza biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità u jiġu mminimizzati l-inċertezzi. Barra minn hekk, sabiex jiġu inċentivati s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, jeħtieġ li jkun meħtieġ monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tingħata għajnuna għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza **tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati** fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar bis-satellita u fuq il-post tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jirriflettu mill-qrib dawk l-approċċi, u jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji avvanzati disponibbli fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà eżistenti, u jiżguraw konsistenza mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.

Emenda

(10) **L-attivitajiet** jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b' mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti, **komparabbli** u **trasparenti**. L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq **fl-ambitu tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, b'tali mod li jkun prudenti, proporzjonat għall-grad ta' inċertezza, u skont l-approċċi statistiċi rikonnoxxuti u l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli**, sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' stima eċċessiva tal-kwantità tad-diossidu tal-karbonju assorbit mill-atmosfera. **Is-sekwestru** tal-karbonju **u t-tnaqqs tal-emissjonijiet iġġenerat** mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'livell għoli ta' akkuratezza biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità u jiġu mminimizzati l-inċertezzi, **abbażi tal-użu tal-metodoloġiji ta' livell 3 f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC tal-2006 għall-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra**. Barra minn hekk, sabiex jiġu inċentivati s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, jeħtieġ li jkun meħtieġ monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tingħata għajnuna għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza **tal-bjar ibbażati** fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar bis-satellita u fuq il-post tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jirriflettu mill-qrib dawk l-approċċi, u jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji avvanzati disponibbli fl-ambitu

tal-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà eżistenti, u jiżguraw konsistenza mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jagħti inċentivi lejn ***l-assorbimenti tal-karbonju*** li jmorru lil hinn mill-prattika standard, jenħtieġ li l-attivitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju jkunu*** addizzjonali. Għalhekk, dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji, jiġifieri, jenħtieġ li l-operaturi jwettqu attivitajiet li ma humiex diġà imposti fuqhom mil-liġi applikabbli. Barra minn hekk, l-attivitajiet ***ta' assorbiment tal-karbonju*** jenħtieġ li jsiru minħabba l-effett ta' inċentiv ipprovdut miċ-ċertifikazzjoni. Tali effett huwa preżenti meta l-inċentiv li jinħoloq mid-dħul potenzjali, u li jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, jibdel l-imġiba tal-operaturi b'tali mod li jinvolvu ruħhom fl-attività addizzjonali tal-assorbiment tal-karbonju biex jiksbu ***assorbimenti addizzjonali tal-karbonju***.

Emenda

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jagħti inċentivi lejn ***l-attivitajiet*** li jmorru lil hinn mill-prattika standard, jenħtieġ li l-attivitajiet ***ikunu*** addizzjonali. Għalhekk, dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji ***fil-livell tal-operatur individwali***, jiġifieri, jenħtieġ li l-operaturi jwettqu attivitajiet li ma humiex diġà imposti fuqhom mil-liġi applikabbli. ***Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali rekwiżiti statutorji fihom kriterji statutorji ta' ġestjoni rilevanti u standards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba stabbiliti fl-ambitu tat- Titolu III, il-Kapitolu I, it-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) 2021/2115 u rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu tal-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll rekwiżiti statutorji rilevanti oħra stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u nazzjonali, applikabbli fil-livell tal-operatur.*** Barra minn hekk, l-attivitajiet jenħtieġ li jsiru minħabba l-effett ta' inċentiv ipprovdut miċ-ċertifikazzjoni ***li jagħmel l-attività attraenti mil-lat finanzjarju***. Tali effett huwa preżenti meta l-inċentiv li jinħoloq mid-dħul potenzjali, u li jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, jibdel l-imġiba tal-operaturi b'tali mod li jinvolvu ruħhom fl-attività addizzjonali tal-assorbiment tal-karbonju biex jiksbu ***benefiċċji netti addizzjonali***.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tirrifletti l-kundizzjonijiet statutorji u tas-suq li permezz tagħhom isseħħ l-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju***. Jekk attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** tiġi imposta fuq l-operaturi mil-liġi applikabbli, ***jew ma jkollha bżonn l-ebda inċentiv biex isseħħ***, il-prestazzjoni tagħha tiġi riflessa fil-linja bażi. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** li tiġġenera ***assorbimenti tal-karbonju*** li jaqbżu tali linja bażi tiġi preżunta bħala addizzjonali. Għalhekk, l-użu ta' linja bażi standardizzata jenħtieġ li jissimplifika d-dimostrazzjoni tal-addizzjonalità għall-operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, li huwa partikolarment importanti fil-każ ta' maniġers tal-art fuq skala żgħira.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta' attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** jista' jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġigħ lura) minħabba kawżi naturali jew antropoġeniċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit għall-attività rilevanti ***tal-assorbiment tal-karbonju***. Il-validità ***tal-assorbimenti***

Emenda

(12) Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tirrifletti l-kundizzjonijiet statutorji u tas-suq li permezz tagħhom isseħħ l-attività. Jekk attività tiġi imposta fuq l-operaturi mil-liġi applikabbli, il-prestazzjoni tagħha tiġi riflessa fil-linja bażi. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li attività li tiġġenera ***benefiċċji netti*** li jaqbżu tali linja bażi tiġi preżunta bħala addizzjonali ***għar-rekwiżiti statutorji***. Għalhekk, l-użu ta' linja bażi standardizzata jenħtieġ li jissimplifika d-dimostrazzjoni tal-addizzjonalità ***regolatorja*** għall-operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, li huwa partikolarment importanti fil-każ ta' maniġers tal-art fuq skala żgħira.

Emenda

(13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta' attività jista' jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġigħ lura) minħabba kawżi naturali, ***fosthom fenomeni meteoroloġiċi estremi jew kawżi ta' forza maġġuri*** jew ***kawżi*** antropoġeniċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit għall-attività rilevanti. Il-validità ***taċ-***

ċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li tiddependi *fuq id-durata* mistennija tal-ħżin u *r-riskji* differenti tat-treġġigħ lura assoċjati mal-attività partikolari *tal-assorbiment tal-karbonju*. L-attivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju. Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, *il-validità tal-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju ġġenerati* mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li *tkun soġġetta għal data ta' skadenza li taqbel mat-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ rilevanti. Minn hemm 'il quddiem, il-karbonju jenħtieġ li jiġi preżunt li jiġi rilaxxat fl-atmosfera, sakemm l-operatur ekonomiku ma jagħtix prova taż-żamma tal-ħżin tal-karbonju permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ mingħajr interruzzjoni.*

ċertifikat jenħtieġ li tiddependi *mid-durata* mistennija tal-ħżin *jew mit-tnaqqis tal-emissjonijiet bijoġeniċi* u *mir-riskji* differenti tat-treġġigħ lura assoċjati mal-attività partikolari. L-attivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju.

Għaldaqstant, il-perjodu ta' monitoraġġ u r-rekwiżiti marbuta mal-ħżin iċċertifikat iġġenerati mill-assorbimenti permanenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 13, 17 u 18 tad-

Direttiva 2009/31/KE; Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, il-perjodu ta' monitoraġġ tas-sekwestru ċertifikat jew tat-tnaqqis iċċertifikat tal-emissjonijiet iġġenerat mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jkopri tal-anqas il-perjodu kollu li matulu r-riżultati tal-attività, skont il-projezzjonijiet, ikunu sostnuti kif iddefinit fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli, u l-perjodu ta' monitoraġġ tas-sekwestru ċertifikat iġġenerat mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li jkopri t-tul tal-ħajja tal-prodott sa tmiem il-ħajja tal-prodott, inkluż tali tmiem. Madankollu, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, bil-għan li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn fuq l-operaturi individwali, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu li jaħtru persuna ġuridika jew awtorità rilevanti, pereżempju l-aġenzija tal-pagamenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} fil-każ ta' attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola rreġistrati fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art, biex tkun responsabbli mill-monitoraġġ, suġġetta għar-rispett

tar-rekwiżiti kollha fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Minbarra l-miżuri li jittieħdu biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera matul il-perjodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa **biex jiġu indirizzati** każijiet ta' treġġiġh lura. Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-iskontar ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, buffers kollettivi jew ta' kontijiet ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni bil-quddiem. **Peress** li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà **fir-rigward tal-ħżin ġeoloġiku u t-tnixxija tas-CO₂, u l-miżuri korrettivi rilevanti diġà ġew stabbiliti bid-Direttiva 2003/87/KE u bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, dawk il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u l-miżuri korrettivi jenħtieġ li japplikaw biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja.**

Emenda

(14) Minbarra l-miżuri li jittieħdu biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera matul il-perjodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa **u jenħtieġ li tinħatar persuna fiżika jew ġuridika responsabbli biex tindirizza** każijiet ta' treġġiġh lura. **Bil-għan li tiġi evitata regolamentazzjoni doppja għall-attivitajiet ta' assorbiment permanenti tal-karbonju, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà jenħtieġ li jkun konsistenti mal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà stabbilit fid-Direttiva 2009/31/KE, filwaqt li għall-attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà jenħtieġ li jkun stabbilit u approvat fl-ambitu tal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli u jiżgura li dak is-sekwestru tal-karbonju ekwivalenti jiġi ġġenerat bħala kumpens għat-treġġiġh lura.** Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-iskontar ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, buffers kollettivi jew ta' kontijiet ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, **perċentwal ta' krediti li jiddaħħal f'raggruppament ġestit mill-iskema ta' ċertifikazzjoni fil-każ tal-attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art**

agrikola u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni bil-quddiem. Bil-għan li jiġi żgurati li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà jkomplu jkunu adatti għall-iskop, jenħtieġ li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jimmonitorjaw b'mod kostanti u jiżguraw id-disponibbiltà u t-tnejja tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà matul il-perjodu kollu ta' attività.

²⁷ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

²⁷ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Bil-għan li jitqies ir-riskju ta' treġġiġh lura u tiġi żgurata l-integrità klimatika tal-qafas, l-unitajiet iċċertifikati jenħtieġ li jkunu sospiżi fir-reġistru sakemm it-treġġiġh lura jkun ġie indirizzat permezz tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà. Meta treġġiġh lura ma jkunx ġie indirizzat permezz ta' mekkaniżmu ta' responsabbiltà fi ħdan terminu raġonevoli, il-validità ta' ċertifikat jenħtieġ li tiskadi u l-unitajiet korrispondenti jenħtieġ li jiġu kkanċellati mir-reġistru u l-operatur jew il-grupp ta' operaturi jenħtieġ li jkunu suġġetti għal penali korrettiva li tirrifletti l-kost tal-karbonju tal-ammont ta' karbonju rilaxxat fl-atmosfera. Għall-attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-validità

tal-unitajiet iċċertifikati jenħtieġ li tkun suġġetta għal data ta' skadenza li tikkorrispondi mat-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ rilevanti. Minn hemm 'il quddiem, jew fil-każ li l-monitoraġġ jiġi interrott qabel it-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ, il-benefiċċju nett iġġenerat mill-attività jenħtieġ li jiġi preżunt li jiġi rilaxxat fl-atmosfera u l-unitajiet korrispondenti jenħtieġ li jiġu kkanċellati mir-reġistru, sakemm l-operatur ekonomiku ma jagħtix prova taż-żamma tal-ħżin tal-karbonju permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ mingħajr interruzzjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għas-sostenibbiltà, anki jekk il-kompromessi ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Dawk ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif xieraq, **u filwaqt li jqisu** l-kundizzjonijiet lokali, **jibnu fuq il-kriterji** tekniċi ta' skrinjar **għal** "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" fir-rigward tal-attivitajiet tal-forestrija u l-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139,

Emenda

(15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, **tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti** għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għas-sostenibbiltà, anki jekk il-kompromessi ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom **tal-anqas** impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, **biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jiġġeneraw kobenefiċċji għal tal-anqas l-oġġettiv ta' sostenibbiltà bħall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi u jkollhom tal-anqas impatt newtrali fuq l-**

u **fuq il-kriterji** ta' sostenibbiltà għall-materja prima tal-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹. Il-prattiki, bħall-monokulturi tal-foresti, li jipproduċu effetti dannużi għall-bijodiversità jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni.

objettivi ta' sostenibbiltà bħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u tar-riżorsi tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u tal-bijota tal-ħamrija, u biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jiġġeneraw kobenefiċċji għal tal-anqas wieħed, u jkollhom tal-anqas impatt newtrali fuq il-bqija, mill-obiettivi ta' sostenibbiltà bħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u tar-riżorsi tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis u l-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u tal-bijota tal-ħamrija. Dawk ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif xieraq, **iqisu l-impatti kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra minnha u l-kundizzjonijiet lokali, u jkunu konsistenti mal-kriterji** tekniċi ta' skrinjar **għall-prinċipju** “la tagħmilx ħsara sinifikanti” fir-rigward tal-attivitajiet tal-forestrija u l-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139, u **jenħtieġ li jippromwovu l-kriterji** ta' sostenibbiltà għall-materja prima tal-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura **f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-bijomassa** stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹. Il-prattiki, bħall-monokulturi tal-foresti, li jipproduċu effetti dannużi għall-bijodiversità jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni.

²⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

²⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ma jolqtux b'mod negattiv is-sigurtà alimentari tal-Unjoni u jenħtieġ li ma jwasslux għall-ħtif tal-art jew għall-ispekulazzjoni tal-art. Tali aktivitajiet jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popolazzjonijiet indiġeni li jolqtu, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra minnha, u l-bilanċ bejn l-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fuq il-komunitajiet lokali u l-maniġers tal-art fuq skala żgħira.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-prattiki tal-biedja li jassorbu s-CO₂ mill-atmosfera jikkontribwixxu għall-oġġettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika u jenħtieġ li jiġu ppremjati, jew permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jew permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati oħra. ***B'mod speċifiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis il-prattiki tal-biedja kif imsemmija fil-Komunikazzjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli***³⁰.

30 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-operaturi jew ***gruppi*** ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti ***tal-assorbiment tal-karbonju***, żviluppata mill-Kummissjoni. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà.

Emenda

(16) Il-prattiki tal-biedja li jassorbu s-CO₂ mill-atmosfera jikkontribwixxu għall-oġġettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika u jenħtieġ li jiġu ppremjati, jew permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jew permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati oħra. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Pjattaforma u fi żmien 6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tippublika gwida biex tinforma lill-operaturi jew lill-gruppi ta' operaturi potenzjali tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola dwar dawk l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li għandhom jingħataw prijorità fit-tħejji għall-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni.***

Emenda

(17) L-operaturi jew ***il-gruppi*** ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà ***u ċ-ċertifikati jenħtieġ li jindikaw b'mod ċar il-kobenefiċċji ġġenerati minn attività, meta jkun applikabbli.*** Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti, żviluppata mill-Kummissjoni. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-

Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali se jagħtu aktar valur ekonomiku ***lill-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju*** u se jirriżultaw fi dħul ogħla għall-operaturi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ***huwa xieraq*** li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta dwar ***l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** li ***jipprovdu kobenefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità***.

ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-reqwiziti minimi ta' sostenibbiltà ***u, fil-każ tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jipprevedu l-possibbiltà tal-ġenerazzjoni ta' primjum tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għal tali kobenefiċċji***. Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali se jagħtu aktar valur ekonomiku ***lill-attivitajiet iċċertifikati*** u se jirriżultaw fi dħul ogħla għall-operaturi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta dwar ***dawk it-tipi ta' attivitajiet li jkunu l-aktar maturi, ikollhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-akbar benefiċċji netti u l-potenzjal li jipprovdu l-akbar kobenefiċċji. Fil-każ tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali prijorità jenħtieġ li tqis ukoll il-fatt jekk l-attivitajiet jikkontribux għall-ġestjoni sostenibbli tal-art agrikola u tal-foresti***.

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Huwa xieraq li jiġu żviluppatti metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti ***tal-assorbiment tal-karbonju*** sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzat, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju ***tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat mill-attività tal-assorbiment tal-karbonju, filwaqt li jiġi evitat*** piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u għas-sidien tal-foresti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni

Emenda

(18) Huwa xieraq li jiġu żviluppatti metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzat, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju ***nett iġġenerat mill-attività, ikunu faċli biex jintużaw u jiġu żviluppatti b'tali mod li jiffaċilita l-verifika tal-konformità tagħhom, u jevitaw li joħolqu*** piż amministrattiv ***u finanzjarju*** sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u

jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib **mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti** tal-Karbonju u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, jibnu fuq skemi u metodoloġiji pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni **tal-assorbiment tal-karbonju**, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

għas-sidien tal-foresti **u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, mingħajr ma jikkompromettu l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju jew tal-kobenefiċċji**. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib **mal-Pjattaforma dwar l-Attivitajiet tal-Assorbimenti tal-Karbonju, tas-Sekwestru tal-Karbonju f'Art Agrikola u tal-Ħżin** tal-Karbonju **fil-Prodotti** u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq **valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa bbażata fuq** l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli **u fuq perjodu ta' konsultazzjoni pubblika ta' tal-anqas erba' ġimgħat** u jibnu fuq skemi u metodoloġiji pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni **meta dawk jirrispettaw ir-rekwiżiti u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament**, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali, **internazzjonali** u tal-Unjoni.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kredibbli u affidabbli, jenħtieġ li l-attivitajiet **ta' assorbiment tal-karbonju jkunu** soġġetti għal awditjar indipendenti minn parti terza. B'mod partikolari, l-attivitajiet **tal-assorbiment tal-karbonju** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditu ta' ċertifikazzjoni inizjali qabel l-implimentazzjoni tagħhom, li jivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament,

Emenda

(19) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kredibbli u affidabbli, jenħtieġ li l-attivitajiet **ikunu** soġġetti għal awditjar indipendenti minn parti terza. B'mod partikolari, l-attivitajiet **kollha** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditu ta' ċertifikazzjoni inizjali qabel l-implimentazzjoni tagħhom, li jivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża l-kwantifikazzjoni korretta tal-

inkluża l-kwantifikazzjoni korretta tal-benefiċċju mistenni ***tal-assorbiment tal-karbonju***. L-attivitajiet ***ta' assorbiment tal-karbonju*** jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex tiġi vverifikata l-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, u l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fid-deskrizzjoni tal-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju***, u fir-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

benefiċċju mistenni nett. L-attivitajiet ***kollha*** jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid ***tal-anqas kull ħames snin għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u tal-anqas kull 10 snin għall-attivitajiet l-oħra, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskji***, biex tiġi vverifikata l-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju, ***tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tnaqqis tal-emissjonijiet jew tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti*** ġġenerati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, u l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fid-deskrizzjoni tal-attività, u fir-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-għoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-maniġers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizzazzjoni aħjar ***tal-assorbimenti*** tal-karbonju huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti li spiss ma jkollhomx l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplementaw attivitajiet ta' ***assorbiment*** tal-karbonju u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa xieraq li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jintalbu jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi

Emenda

(20) L-għoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-maniġers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizzazzjoni aħjar ***tas-sekwestru*** tal-karbonju ***f'art agrikola*** huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti li spiss ma jkollhomx l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplementaw attivitajiet ta' ***sekwestru*** tal-karbonju ***f'art agrikola*** u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa xieraq li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi

konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniku lill-membri tagħhom. Il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta' informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera.

jintalbu jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniku lill-membri tagħhom **u, meta rilevanti, jappoġġawhom bi gwida u b'riżorsi.** Il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat **kif ukoll strumenti finanzjarji oħra** jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta' informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera. **F'każijiet ta' kiri, jenħtieġ li l-iskema taġhti vantaġġi finanzjarji jew kumpensi ekonomiċi xierqa għall-manijer tal-art li jagħmel ix-xogħol.**

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) L-assorbimenti, is-sekwestri u t-tnaqqis tal-emissjonijiet bijoġeniċi kollha ġġenerati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu biex l-Unjoni tilħaq l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs) jew il-miri u l-oġettivi klimatiċi. Madankollu, bil-għan li jiġi evitat l-għadd doppju, jenħtieġ li unita' ċċertifikata ma tintużax jew ma tintalabx, fl-ebda mument, minn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar, bħal impriżi jew awtoritajiet pubbliċi differenti minn Stat Membru, pereżempju kunsilli muniċipali jew muniċipalitajiet oħra, u jenħtieġ li ma jingħaddux, fl-ebda mument, f'aktar minn inventarju tal-gassijiet serra ta' Stat Membru wieħed.

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20b) Is-servizzi ta' konsulenza eżistenti tal-forestrija u tal-agrikoltura, bħas-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxu għarfien u informazzjoni usa' biex jappoġġaw prattiki sostenibbli li jtejbu s-sekwestru tal-karbonju filwaqt li jipromwovu l-bijodiversità u r-restawr tan-natura, u biex jiżguraw aċċess faċli għal din l-informazzjoni inkluż l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali meta jkun rilevanti. L-AKIS jenħtieġ li tistabbilixxi pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni tal-għarfien, li tagħti pariri tekniċi lill-manigġers tal-art u feedback lill-Istati Membri.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 20c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20c) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa wkoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri permezz ta' investimenti adegwati fi programmi edukattivi u ta' taħriġ, inkluż lil partijiet pubbliċi u privati kkonċernati potenzjali u lill-forza tax-xogħol tagħhom. Tali appoġġ jenħtieġ li jqis ukoll ir-realtajiet diverġenti tal-Istati Membri u tar-reġjuni, anki billi jidentifika l-attivitajiet l-aktar adatti fir-rigward tal-ispeċifiċitajiet differenti.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) *Huwa xieraq li ċ-ċertifikati tal-*

(21) *Jenħtieġ li l-użi finali differenti*

assorbiment tal-karbonju jkunu l-bażi ta' użi finali differenti, bħall-kompilazzjoni ta' inventarji nazzjonali u korporattivi tal-gassijiet serra, inkluż fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, il-prova ta' asserzjonijiet relatati mal-klima u ta' asserzjonijiet korporattivi ambjentali oħra (inkluż dwar il-bijodiversità), jew l-iskambju ta' unitajiet ivverifikati **tal-assorbiment tal-karbonju** permezz ta' swieq volontarji ta' kumpens tal-karbonju. Għal dan il-għan, **iċ-ċertifikat** jenħtieġ li jkun fih informazzjoni preċiża u trasparenti dwar l-attività **tal-assorbiment tal-karbonju**, **inklużi** l-assorbimenti totali u **l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju** li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika jew temenda ulterjorment l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati.

tal-unitajiet iċċertifikati, bħall-kompilazzjoni ta' inventarji nazzjonali u korporattivi tal-gassijiet serra, inkluż fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, il-prova ta' asserzjonijiet relatati mal-klima u ta' asserzjonijiet korporattivi ambjentali oħra (inkluż dwar il-bijodiversità), jew l-iskambju ta' unitajiet ivverifikati permezz ta' swieq volontarji, **ikunu rregolati permezz ta' dan ir-Regolament. L-użu tal-unitajiet iċċertifikati fl-ambitu ta' dan ir-Regolament minn impriża għal finijiet ta' asserzjonijiet ta' kumpens, tpaċija jew tnaqqis volontarju fir-rapportar fl-inventarji korporattivi tal-gassijiet serra tagħha jenħtieġ li jkun l-istess bħal dak stabbilit fid-Direttiva UE.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika], li tippobjixxi l-użu ta' unitajiet iċċertifikati biex isiru asserzjonijiet li, abbażi tal-kumpens għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, prodott jew kumpanija għandhom impatt newtrali, imnaqqas jew pożittiv fuq l-ambjent f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, għall-użu futur possibbli ta' unitajiet iċċertifikati fir-rigward tal-konformità mal-qafas klimatiku nazzjonali u tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni sa ...[12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tivvaluta u, meta jkun il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-istabbiliment tal-objettivi tal-Unjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju u għas-sekwestru minn fuq l-art u, f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li sal-31 ta' Lulju 2026 tivvaluta l-mod kif il-ħżin permanenti tal-karbonju jkunu jista' jitqies u kif daww l-emissjonijiet negattivi jkunu jistgħu jiġu koperti mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u, meta jkun il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward. Għal dan il-għan, l-unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, l-unitajiet tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-**

sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-unitajiet tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li jibqgħu separati minn xulxin u ċ-ċertifikat jenħtieġ li jkun fih informazzjoni preċiża u trasparenti dwar l-attività, *inklużi t-tip ta' attività, il-mezz ta' ħżin u d-durata mistennija tar-riżultati, l-assorbimenti, is-sekwestru jew it-tnaqqis ta' emissjonijiet bijoġeniċi totali, kif xieraq, il-benefiċċju nett, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà fid-dettall u l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli, l-evidenza li l-attivitajiet laħqet l-oġettivi ta' sostenibbiltà u l-kwantità ta' unitajiet iċċertifikati* li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika jew temenda ulterjorment l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

^{31a} *Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).*

^{31b} *Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali*

vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Sabiex tiġi żgurata verifika akkurata, robusta u trasparenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni responsabbli għat-twettiq taċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju*** jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess possibbli, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu kompletament indipendenti mill-operatur li jwettaq l-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** li hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-proċess ta' ċertifikazzjoni billi jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' ***akkreditazzjoni***, u billi jinformatu l-iskemi ta' ċertifikazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

³² Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218,

Emenda

(22) Sabiex tiġi żgurata verifika akkurata, robusta u trasparenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni responsabbli għat-twettiq taċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess possibbli, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu kompletament indipendenti ***mil-lat ġuridiku u finanzjarju*** mill-operatur li jwettaq l-attività li hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***u, meta jkun il-każ, l-awtoritajiet reġjonali***, jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-proċess ta' ċertifikazzjoni billi jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' ***akkreditament***, u billi jinformatu l-iskemi ta' ċertifikazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

³² Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218,

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orijini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-data sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ivverifikati ***tal-assorbiment tal-karbonju***, b' mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, ***kontabilità*** u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, dawk ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-oġettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b' mod partikolari għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera.

Emenda

(23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orijini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-data sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ivverifikati ***ġġenerati minn attività ċċertifikata***, b' mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, ***kontabbiltà*** u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, dawk ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-oġettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b' mod partikolari għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex jiġi żgurat kontroll affidabbli u armonizzat taċ-ċertifikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet li jirrikonoxxu skemi ta' ċertifikazzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-kompetenza teknika, l-affidabbiltà, it-trasparenza u l-awditjar indipendenti. Tali deċiżjonijiet ta' rikonoxximent jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut u l-proċessi tar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni mill-Unjoni.

Emenda 36

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) ***L-iskemi ta' ċertifikazzjoni*** jenħtieġ li ***jistabbilixxu*** u ***jżommu reġistri pubbliċi*** interoperabbli sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà sħiħa taċ-ċertifikati ***tal-assorbiment tal-karbonju***, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività ***tal-assorbiment tal-karbonju jew unità tal-assorbiment tal-karbonju. Ir-reġistri*** jenħtieġ li ***jaħżnu*** d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni

Emenda

(24) Sabiex jiġi żgurat kontroll affidabbli u armonizzat taċ-ċertifikazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet li jirrikonoxxu skemi ta' ċertifikazzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-kompetenza teknika, l-affidabbiltà, it-trasparenza u l-awditjar indipendenti. Tali deċiżjonijiet ta' rikonoxximent jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien ***u jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku***. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-kontenut u l-proċessi tar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni mill-Unjoni.

Emenda

(26) ***Il-Kummissjoni*** jenħtieġ li ***tistabbilixxi*** u ***żżomm reġistru pubbliku u*** interoperabbli ***tal-Unjoni*** sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, ***l-affidabbiltà*** u t-traċċabbiltà sħiħa taċ-ċertifikati, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività ***jew unità. In-navigazzjoni u t-tiftix tal-informazzjoni kollha fir-reġistru tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru b'mod sempliċi. Jenħtieġ li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jagħtu lill-Kummissjoni l-***

tal-assorbimenti tal-karbonju, inklużi s-sommarji tal-awditj ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditj ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika. Ir-reġistri jenħtieġ li jirreġistraw ukoll l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu standards u regoli tekniċi dwar il-funzjonament u l-interoperabbiltà ta' dawk ir-reġistri.

informazzjoni kollha meħtieġa biex tinħażen u ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika fir-reġistru tal-Unjoni. Tali informazzjoni jenħtieġ li tinkludi d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni, inklużi l-awditj ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditjar ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati u l-informazzjoni inkluża fihom, l-istatus attwali tal-unità ċċertifikata, pereżempju jekk tkunx attiva, irtirata/fl-użu jew skaduta, ir-reġistru tat-tranżazzjonijiet u, jekk ikun il-każ, id-detentur attwali u l-iskop li għalih jiddetjeni ċ-ċertifikat kif ukoll il-prezz li ħallas lill-operatur. Qabel l-istabbiliment tar-reġistru pubbliku tal-Unjoni, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti mill-Kummissjoni jenħtieġ li jżommu u jaħżnu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tinħażen u ssir disponibbli għall-pubbliku aktar tard fir-reġistru tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni dwar l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-reġistru tal-Unjoni u r-regoli u l-proċeduri biex l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jfornu informazzjoni lir-reġistru tal-Unjoni.

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom rwol importanti biex jipprovdu evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jirrapportaw regolarment dwar l-attività tagħhom. Tali rapporti jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-pubbliku, bis-sħiħ jew *fejn xieraq f'format aggregat*, sabiex

Emenda

(27) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom rwol importanti biex jipprovdu evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' kwalità għall-assorbimenti tal-karbonju. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jirrapportaw regolarment dwar l-attività tagħhom. Tali rapporti jenħtieġ li jsiru disponibbli għall-pubbliku, bis-sħiħ jew, *meta jkun neċessarju biex tinżamm il-*

tiżdied it-trasparenza u tettejeb is-superviżjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, tali rappurtar ikun jipprovd i l-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tirrapporta dwar t-tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni bil-ħsieb li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u biex tiġi ppreżentata proposta, jekk ikun adatt, sabiex tali Prattiki tajbin jiġu promossi ulterjorment. Sabiex jiġi żgurat rapportar komparabbli u konsistenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji tekniċi dwar il-kontenut u l-format tar-rapporti mfassla mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni.

kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti, eskluża dik l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, sabiex tiżdied it-trasparenza ***pubblika, il-fiduċja, it-traċċabbiltà u l-iskrutinju, u biex*** tettejeb is-superviżjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, tali rappurtar ikun jipprovd i l-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tirrapporta dwar t-tħaddim tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni bil-ħsieb li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u biex tiġi ppreżentata proposta, jekk ikun adatt, sabiex tali Prattiki tajbin jiġu promossi ulterjorment. Sabiex jiġi żgurat rapportar komparabbli u konsistenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dettalji tekniċi dwar il-kontenut u l-format tar-rapporti mfassla mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni.

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod standardizzat u kosteffettiv, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' attivitajiet differenti ***ta' assorbiment tal-karbonju, is-setgħa li jiġu adottati*** atti ***f'konformità mal-Artikolu 290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni*** biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għal tipi differenti ta' attivitajiet ***ta' assorbiment tal-karbonju***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' temenda wkoll l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati. Huwa partikolarment importanti

Emenda

(28) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod standardizzat u kosteffettiv, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' attivitajiet differenti, ***jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti ***skont l-Artikolu 290*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għal tipi differenti ta' attivitajiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' temenda wkoll l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-

li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, **anke** fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet **tat-13 ta' April 2016**³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u sussegwentement mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawk ir-rieżamijiet jenħtieġ li jqisu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju u s-sigurtà alimentari inklużi d-disponibbiltà u ***l-affordabbiltà*** tal-ikel, u jenħtieġ li jiġu informati bir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 40

xogħol tagħha ta' tħejjija, **ukoll** fil-livell ta' esperti ***u permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi għall-abbozzi kollha ta' atti delegati għal perjodu ta' tal-anqas erba' ġimgħat***, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Emenda

(30) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u sussegwentement mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawk ir-rieżamijiet jenħtieġ li jqisu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju, ***tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti***, u s-sigurtà alimentari inklużi d-disponibbiltà u ***l-aċċessibbiltà ekonomika*** tal-ikel, u jenħtieġ li jiġu informati bir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi promoss l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ta' greenwashing, ma jistgħux **jintlaħqu** b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, dawk l-oġġettivi jistgħu **jintlaħqu** aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju **tas-sussidjarjetà** kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju **tal-proporzjonalità**, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa **neċessarju** sabiex **jintlaħqu** dawk l-oġġettivi,

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju minn operaturi jew gruppi ta' operaturi. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju billi jistabbilixxi:

Emenda

(31) **Minħabba li** l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi promoss l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju **u ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** ta' kwalità għolja filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ta' greenwashing, ma jistgħux **jinkisbu** b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, dawk l-oġġettivi jistgħu **jinkisbu** aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju **ta' sussidjarjetà** kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju **ta' proporzjonalità**, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa **meħtieġ** sabiex **jinkisbu** dawk l-oġġettivi,

Emenda

1. L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita **u jinkoraġġixxi** l-użu **u t-titjib** tal-assorbimenti **tal-karbonju, tas-sekwestru** tal-karbonju **f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti** minn operaturi jew gruppi ta' operaturi **bħala komplement tat-tnaqqis irreversibbli u gradwali tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra fis-setturi kollha bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi**. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-

karbonju *u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti* billi jistabbilixxi:

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet *tal-assorbiment tal-karbonju* li jseħħu fl-Unjoni;

Emenda

(a) kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet li jseħħu fl-Unjoni;

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) regoli għall-verifika u ċ-
ċertifikazzjoni *tal-assorbimenti tal-karbonju*;

Emenda

(b) regoli għall-verifika u ċ-
ċertifikazzjoni *tal-attivitajiet*;

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) regoli dwar il-ħruġ u l-użu ta' unitajiet iċċertifikati;

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Dan il-qafas volontarju tal-Unjoni

2. Dan il-qafas volontarju tal-Unjoni

għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ma japplikax għall-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, bl-eċċezzjoni tal-**ħżin tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn bijomassa sostenibbli li jkunu ugwali għal żero skont l-Anness IV tagħha.**

għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, ***tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti*** ma japplikax għall-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, bl-eċċezzjoni tal-**ħżin tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn bijomassa sostenibbli li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-ambitu tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jkunu ugwali għal żero skont l-Anness IV tad-Direttiva 2003/87/KE.**

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta bejn l-Unjoni u pajjiż terz ikun ġie konkluż ftehim ġuridikament vinkolanti dwar l-karbonju atmosferiku jew bijoġeniku maqbud fl-Unjoni iżda ġeoloġikament maħżun f'Membru taż-ŻEE, jew f'pajjiż konfinanti mal-Unjoni, u li dak il-Membru taż-ŻEE jew dak il-pajjiż japplika l-istess rekwiżiti ġuridiċi bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 2009/31/KE, dan ir-Regolament għandu japplika għal dawk l-emissjonijiet maqbuda.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) “assorbiment tal-karbonju” tfisser **jew il-ħżin ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku f'raggruppamenti tal-karbonju ġeoloġiku, f'raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku, fi prodotti u f'materjali**

(a) “assorbiment tal-karbonju” tfisser il-ħżin **permanenti** ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku **għal diversi sekli, li ma jkunx kombinat mal-irkupru**

dejjema, u fl-ambjent tal-baħar, jew it-tnaqqis tar-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera;

assistit tal-idrokarburi;

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(aa) “tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola”
tfisser attività li tikkonsisti fi Prattika/i jew proċess(i) tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola li jwettaq operatur li tirriżulta fit-tnaqqis tar-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, fit-tnaqqis tar-rilaxx tal-ossidu nitruż mill-ħamrija agrikola jew mill-ġestjoni tad-demel, jew fit-tnaqqis tar-rilaxx tal-metan mill-fermentazzjoni enterika jew mill-ġestjoni tad-demel fl-atmosfera permezz ta’ attività ta’ sekwestru tal-karbonju f’art agrikola;*

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) “attività tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser Prattika jew proċess wieħed jew aktar li jitwettaq minn operatur li jirriżulta fi ħżin permanenti tal-karbonju, li jtejjeb il-qbid tal-karbonju f’raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, u b’hekk inaqqas ir-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera, jew il-ħżin ta’ karbonju atmosferiku jew bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

imħassar

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) “raggruppament tal-karbonju bijoġeniku” tfisser ***bijomassa tal-wiċċ, bijomassa taħt l-art, skart, injam mejjet u karbonju organiku fil-ħamrija*** kif ***stabbilit*** fil-punti (a) sa (e) tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament 2018/841;

Emenda

(c) “raggruppament tal-karbonju bijoġeniku” tfisser ***il-bijomassa ħajja, il-mifrex, l-injam mejjet, il-materja organika mejta, il-ħamrija minerali u l-ħamrija organika*** kif ***stabbiliti*** fil-punti (a) sa (f) tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament 2018/841;

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew li tikkontrolla attività ***tal-assorbiment tal-karbonju***, jew li lilha tkun għet delegata setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-attività;

Emenda

(d) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew li tikkontrolla attività, ***inklużi l-entitajiet pubbliċi u l-awtoritajiet pubbliċi***, jew li lilha tkun għet delegata setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-attività; ***fil-każ tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola, operatur huwa bidwi kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew sid ta’ foresta jew forestier kif definit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jew entità pubblika jew awtorità pubblika***;

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) “grupp ta’ operaturi” tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn operatur wieħed u li hija responsabbli għall-iżgurar li dawk l-operaturi

Emenda

(e) “grupp ta’ operaturi” tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn operatur wieħed u li hija responsabbli għall-iżgurar li dawk l-operaturi

jikkonformaw ma' dan ir-Regolament;

jikkonformaw ma' dan ir-Regolament; *fil-każ tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, "grupp ta' operaturi" tfisser kooperattiva jew entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn bidwi, sid ta' foresti jew forestier wieħed, jew entitajiet pubbliċi jew awtoritajiet pubbliċi, jew organizzazzjonijiet ta' produttori jew gruppi ta' produttori;*

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) “perjodu ta’ monitoraġġ” tfisser perjodu, li d-durata tiegħu tiġi ddeterminata *f’konformità mat-tip* ta’ attività *tal-assorbiment tal-karbonju*, li matulu l-ħżin tal-karbonju jiġi mmonitorjat mill-operatur;

Emenda

(f) “perjodu ta’ monitoraġġ” tfisser perjodu, li d-durata tiegħu tiġi ddeterminata *għal kull tip* ta’ attività *f’konformità mal-Artikolu 6*, li matulu l-ħżin tal-karbonju jiġi mmonitorjat mill-operatur *jew mill-grupp ta’ operaturi u li matulu l-operatur jibqa’ responsabbli;*

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività *tal-assorbiment tal-karbonju* li, f’ċirkostanzi normali u permezz ta’ prattiki ta’ ġestjoni xierqa, taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal diversi sekli, *inkluża l-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin* tal-karbonju *u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja;*

Emenda

(g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività *li tikkonsisti fi prattika/i jew proċess(i) li jwettaq operatur* li, f’ċirkostanzi normali u permezz ta’ prattiki ta’ ġestjoni xierqa, taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal diversi sekli *permezz tal-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ jew tal-mineralizzazzjoni* tal-karbonju *marbut b’mod permanenti;*

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) “sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** relatata mal-ġestjoni tal-art ***li tirriżulta fiż-żieda tal-ħżin tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jittejjeb il-qbid tal-karbonju u/jew jitnaqqas ir-rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera;***

Emenda

(h) “sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività relatata mal-ġestjoni tal-art, ***mal-ġestjoni tal-kosti jew mat-trobbija tal-annimali li tirriżulta fil-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola jew fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola għal perjodu ta’ tal-anqas ħames snin;***

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) “ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività relatata mal-ġestjoni tal-art ***fis-sottokategoriji tas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija koperti mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/841, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/839, jew relatata mal-ġestjoni tal-kosti, li tikkonsisti fi prattika/i jew proċess(i) tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola li jwettaq operatur li jirriżultaw f’żieda tal-karbonju atmosferiku jew bijoġeniku maħżun f’raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku billi jittejjeb il-qbid tal-karbonju, kif definit għal kull attività fil-metodoloġija ta’ ċertifikazzjoni;***

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) “ħżin tal-karbonju fil-prodotti”

Emenda

(i) “ħżin tal-karbonju fil-prodotti”

tfisser attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** li ***taħżen karbonju*** atmosferiku u bijoġeniku fi prodotti jew ***materjali*** fit-tul;

tfisser attività ***li tikkonsisti fi Prattika/i jew proċess(i) li jwettaq operatur li tiżgura l-ħżin fit-terminu twil tal-karbonju*** atmosferiku u bijoġeniku fi prodotti jew ***f' materjali tal-injam maħsud*** fit-tul ***użati fil-kostruzzjoni għal tal-anqas ħames deċennji b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi ambjentali l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll mar-Regolament (UE) 2018/841 u mal-mal-linji gwida tal-IPCC kif adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC jew mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi;***

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) “ħżin ġeoloġiku ta' CO₂” tfisser il-ħżin ġeoloġiku ta' CO₂ kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/31/KE;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(n) “ċertifikat” tfisser dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa mill-korp ta' ċertifikazzjoni li tiċċertifika li l-attività tal-assorbiment tal-karbonju tikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(n) “ċertifikat” tfisser dikjarazzjoni ta' konformità maħruġa mill-korp ta' ċertifikazzjoni li tiċċertifika li l-attività tikkonforma ma' dan ir-Regolament;

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

(o) “unità tal-assorbiment tal-karbonju”
tfisser tunnellata ta’ benefiċċju iċċertifikat
tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat
minn **attività tal-assorbiment** tal-karbonju
u rreġistrat minn skema ta’ ċertifikazzjoni.

Emenda

(o) “unità tal-assorbiment tal-karbonju”
tfisser tunnellata ta’ benefiċċju iċċertifikat
tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat
minn **assorbimenti** tal-karbonju u rreġistrat
minn skema ta’ ċertifikazzjoni.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(oa) “**treġġigħ lura**” tfisser **ir-rilaxx
volontarju jew involontarju tal-karbonju
lura fl-atmosfera; fil-każ ta’ ħżin
ġeoloġiku tas-CO₂, “treġġigħ lura”
għandha l-istess tifsira bħal tnixxija kif
definita fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva
2009/31/KE jew matul it-trasport tas-CO₂;**

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ob) “**unità tal-ħżin/assorbiment fil-
kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f’art
agrikola**” tfisser tunnellata ta’ benefiċċju
tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-
sekwestru tal-karbonju f’art agrikola nett,
iċċertifikat li ġie ġġenerat mill-ħżin fil-
kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f’art
agrikola;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt oc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(oc) “unità tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti” tfisser tunnellata ta’ benefiċċju tas-sekwestru tal-karbonju fil-prodotti nett iċċertifikat li ġie ġġenerat mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti u rreġistrat minn skema ta’ ċertifikazzjoni.

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt od (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(od) “unità tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser tunnellata ta’ benefiċċju tat-tnaqqis nett iċċertifikat tal-karbonju mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola, tat-tnaqqis nett tan-nitroġenu mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola jew tat-tnaqqis nett tal-metan mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola ġġenerat mit-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola u rreġistrat minn skema ta’ ċertifikazzjoni, u separat u identifikat jew bħala “unità tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola - karbonju”, “unità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola - nitroġenu”, jew “unità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola - metan”;

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-assorbimenti tal-karbonju għandhom

L-assorbimenti tal-karbonju, *is-sekwestru*

ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandhom ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *jigħu għenerati minn attività tal-assorbiment tal-karbonju li tikkonforma* mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7;

(a) *ikunu konformi* mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (għdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *ikunu konformi mar-regoli dwar l-użu tal-unitajiet stabbiliti fl-Artikolu 3a;*

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 3a (għdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Regoli dwar il-ħruġ u l-użu ta' unitajiet

1. *L-unitajiet tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom jinħarġu sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, dment li kontroll annwali tal-monitoraġġ ma jirreġistra l-ebda nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-*

Regolament u ma jirreġistrax tregġiġh lura. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun responsabbli għall-verifika annwali tal-monitoraġġ ibbażata fuq data empirika affidabbli, li tista' tiġi pprovduta minn persuna ġuridika jew awtorità rilevanti, bħall-aġenzija tal-pagamenti, bl-għajnuna tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bçeġġe tar-raba' prevista fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/2116. Il-kontroll annwali tal-monitoraġġ għandu jittwettaq sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jittirażmetti d-data dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew tregġiġh lura għall-iskema ta' ċertifikazzjoni fi żmien xahar mill-kontroll tal-monitoraġġ.

2. Kwalunkwe użu ta' unitajiet għandu jiżgura l-oġġla integrità fir-rigward tal-mitigazzjoni tal-klima, u għandu iwassal għal konċentrazzjoni totali aktar baxxa tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera. L-assorbimenti, is-sekwestru u t-tnaqqis tal-emissjonijiet kollha ġġenerati skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs) u l-miri u l-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 u ma għandhomx jikkontribwixxu għall-NDC ta' pajjiż terz.

3. Unità ċertifikata fl-ebda mument ma għandha tintuża jew tiġi asserita minn aktar minn persuna ġuridika jew fiżika waħda, u fl-ebda mument ma għandha tingħadd f'aktar minn inventarju tal-gassijiet serra wieħed ta' Stat Membru.

4. L-unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, l-unitajiet tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-unità tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandhom jibqgħu distinti minn xulxin.

5. L-użu minn impriża ta' unitajiet

iċċertifikati skont dan ir-Regolament għal aaserzjoni ta' kumpens volontarju, tpaċija jew tnaqqis fir-rapportar tal-inventarju korporattiv tal-gassijiet serra tagħha għandu jkun soġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti għall-użu ta' unitajiet għal Prattiki kummerċjali korporattivi min-negozju għall-konsumatur fid-Direttiva 2005/29/KE kif emendata bid-Direttiva (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi id-dettalji ta' dan il-paragrafu.

6. F'konformità mal-klawżola ta' reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, sal-31 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva u valutazzjoni tal-impatt, dwar kif l-emissjonijiet negattivi li jirriżultaw mill-gassijiet serra li jitneħħew mill-atmosfera u jinħażnu b'mod sikur u permanenti jistgħu jitqiesu u kif dawk l-emissjonijiet negattivi jistgħu jiġu koperti bl-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, jekk ikun xieraq, inkluż kamp ta' applikazzjoni ċar u kriterji stretti għal tali kopertura, u salvagwardji biex jiġi żgurat li tali assorbimenti ma jikkumpensawx it-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet f'konformità mal-miri klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119;

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju = $CR_{\text{linja bażi}} - CR_{\text{total}} - \mathbf{GHG}_{\text{żieda}} > 0$

Emenda

Benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju = $CR_{\text{linja bażi}} - CR_{\text{total}} - \mathbf{GHG}_{\text{assoċjati}} > 0$

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***GHG***żieda hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' ***gassijiet serra, minbarra dawk minn raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.***

Emenda

(c) ***Il-GHGassoċjati*** hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ***tal-gassijiet serra, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-attività li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, ikkalkulata f'konformità mal-protokoll stabbiliti fil-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, emissjonijiet minħabba l-użu tal-enerġija, it-trasport, l-inputs materjali, l-effetti ta' spostament minħabba domanda kompetittiva għall-enerġija jew għas-sħana mormija, u t-tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, u jkopri kemm l-impatti fl-Unjoni kif ukoll barra minnha. Iċ-ċertifikazzjoni ta' attività tal-assorbiment tal-karbonju bbażata fuq il-ħżin tas-CO₂ minn bijomassa sostenibbli ma għandhiex twassal għal żieda fil-kapaċità tal-impjant lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju.***

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Fil-każ*** ta' sekwestru tal-karbonju

Emenda

2. ***Attività*** ta' sekwestru tal-karbonju

f'art agrikola, *CR*linja bażi u *CR*total għandhom jinftiehm u bħala assorbimenti netti ta' gassijiet serra jew emissjonijiet f'konformità mar-regoli kontabilistiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841.

f'art agrikola għandha tipprovdi benefiċċji netti, li għandhom jiġu kkwantifikati permezz tal-formula li ġejja:

Benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola = $(CS_{linja\ bażi} - CS_{total}) - GHG_{assoċjati} > 0$, fejn:

(a) $CS_{linja\ bażi}$ hija s-sekwestru tal-karbonju taħt il-linja bażi,

(b) CS_{total} hija s-sekwestru totali tal-karbonju tal-attività ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola,

(c) $GHG_{assoċjati}$ hija l-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-attività, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, emissjonijiet minħabba l-użu tal-enerġija, it-trasport, l-inputs materjali, u t-tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, u jkopri kemm l-impatti fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.

Benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola = $(RC_{linja\ bażi} - R_{total} - GHG_{assoċjati}) > 0$

Benefiċċju nett att-tnaqqis tan-nitroġenu mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola = $(N_2O_{linja\ bażi} - N_2O_{total} - GHG_{assoċjati}) > 0$

Benefiċċju nett tat-tnaqqis tal-metan mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola = $(CH_4_{linja\ bażi} - CH_4_{total} - GHG_{assoċjati}) > 0$

fejn:

(a) $RC_{linja\ bażi}$ hija s-sekwestru tal-karbonju taħt il-linja bażi,

(b) R_{total} hija t-tnaqqis totali tal-emissjonijiet ta' karbonju miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola,

(c) $GHG_{assoċjati}$ hija l-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-attività, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività

tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, emissjonijiet minħabba l-użu tal-enerġija, it-trasport, l-inputs materjali, u t-tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, u jkopri kemm l-impatti fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.

(d) $N_2O_{\text{linja bażi}}$ hija l-emissjonijiet ta' N_2O taħt il-linja bażi minħabba l-użu ta' fertilizzant jew demel;

(e) N_2O huwa t-tnaqqis totali fl-emissjonijiet ta' N_2O minħabba l-użu ta' fertilizzant jew il-ġestjoni tad-demel attribwibbli direttament għall-attività;

(f) $CH_4_{\text{linja bażi}}$ hija l-emissjonijiet ta' CH_4 taħt il-linja bażi minħabba l-fermentazzjoni enterika jew il-ġestjoni tad-demel;

(g) CH_4_{total} hija t-tnaqqis totali fl-emissjonijiet ta' CH_4 minħabba l-fermentazzjoni enterika jew il-ġestjoni tad-demel attribwibbli direttament għall-attività;

Meta l-attività tiġġenera kemm il-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 12 għandu jiżgura li ssir distinzjoni bejn l-unitajiet tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-unitajiet tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-portata tal-kwantitajiet imsemmija $fis-CS_{\text{linja bażi}}$ u $fis-CS_{\text{total}}$ tikkorrispondi għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra inklużi fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2018/841, u l-portata tal-kwantitajiet imsemmija $fl-RC_{\text{linja bażi}}$ u $fl-RC_{\text{total}}$ tikkorrispondi għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra mir-raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku kif stabbilit fil-punti (e) sa (f) tat-Taqsima B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/841.

Il-portata tal-kwantitajiet imsemmija f' N_2O linja bażi u N_2O_{total} tikkorrispondi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kategoriji tas-sorsi tal-IPCC 4B 10 – 12 (ġestjoni tad-demel) u 4D (ħamrija agrikola).

Il-portata tal-kwantitajiet imsemmija fis- CH_4 linja bażi u fis- CH_4_{total} tikkorrispondi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kategoriji tas-sorsi tal-IPCC 4A (fermentazzjoni enterika) u 4B 1 - 9 (ġestjoni tad-demel).

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Attività ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandha ttipprovi benefiċċju ta' ħżin nett tal-karbonju fil-prodotti, li għandu jiġi kkwantifikat permezz tal-formula li ġejja:

Benefiċċju tas-sekwestru nett tal-karbonju fil-prodotti = $CPS_{linja\ ba\zeta}$ – CPS_{total} – $GHG_{assoċjati}$ > 0

- (a) $CPS_{linja\ ba\zeta}$ hija l-karbonju sekwestrat f'prodott taħt il-linja bażi;*
- (b) CPS_{total} hija l-karbonju sekwestrat totali fil-prodott tal-attività;*
- (c) $GHG_{assoċjati}$ hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-attività, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, emissjonijiet minħabba l-użu tal-enerġija, it-trasport, l-inputs materjali, l-effetti ta' spostament minħabba domanda kompetittiva għall-enerġija jew għas-sħana mormija, u t-tibdil dirett u indirett fl-użu tal-art, u jkopri kemm l-impatti fl-Unjoni kif ukoll*

barra minnha.

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c), għandhom jiġu indikati b'sinjal negattiv (-) jekk ikunu assorbimenti netti ta' gassijiet serra u b'sinjal pożittiv (+) jekk ikunu emissjonijiet netti ta' gassijiet serra; dawn għandhom jiġu espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju.

Emenda

3. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c), ***fil-paragrafu 2(a), (b), (c), (d), (e), (f) and (g) u fil-paragrafu 2a(a), (b), (c)***, għandhom jiġu indikati b'sinjal negattiv (-) jekk ikunu assorbimenti netti ta' gassijiet serra, ***jew fil-każ ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tnaqqis nett ta' gassijiet serra***, u b'sinjal pożittiv (+) jekk ikunu emissjonijiet netti ta' gassijiet serra; dawn għandhom jiġu espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti, komparabbli u trasparenti.

Emenda

4. L-assorbimenti tal-karbonju ***u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti*** għandhom jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti, komparabbli u trasparenti. ***L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq fl-ambitu tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, b'tali mod li jkun prudenti, proporzjonat għall-grad ta' inċertezza, u skont l-approċċi statistiċi rikonoxxuti u l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli.***

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-linja bażi għandha **tikkorrispondi għall-prestazzjoni standard tal-assorbiment tal-karbonju** ta' attivitajiet komparabbli f' ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.

Emenda

5. **Fil-każ ta' assorbimenti tal-karbonju jew ħżin tal-karbonju**, il-linja bażi **standardizzata** għandha **tkun rappreżentattiva tal-prestazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tal-prattiki attwali komuni** ta' attivitajiet komparabbli f' ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni

5a. **Fil-każ ta' sekwestru ta' karbonju f'art agrikola, il-linja bażi standardizzata għandha tkun rappreżentattiva tal-prestazzjoni tal-prattiki attwali komuni ta' attivitajiet komparabbli f' ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.. Fil-każ ta' ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-kalkolu tal-linja bażi standardizzata ma għandux iqis dawk il-prattiki attwali komuni ta' attivitajiet komparabbli ta' ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jirriżultaw f'emissjonijiet netti ta' gassijiet serra. Fil-każ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-kalkolu tal-linja bażi standardizzata ma għandux iqis dawk il-prattiki attwali komuni ta' attivitajiet komparabbli ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jirriżultaw f'żieda fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra. Meta meħtieġ il-**

Emenda

metodoloġġi rispettivi għandhom jiddistingwu bejn linji bażi statiċi jew dinamiċi.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. B'deroga mill-paragrafu 5, fejn ikun debitament ġustifikat, il-linja bażi tista' tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali *tal-assorbiment tal-karbonju* ta' dik l-attività.

Emenda

6. B'deroga mill-paragrafu 5, fejn ikun debitament ġustifikat *fil-metodoloġġa ta' ċertifikazzjoni applikabbli min-nuqqas ta' attivitajiet komparabbli suffiċjenti biex tkun tista' tiġi stabbilita linja bażi rappreżentattiva*, il-linja bażi tista' tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali *ta' dik l-attività fil-bidu* ta' dik l-attività.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-linja bażi għandha tiġi aġġornata *perjodikament*.

Emenda

7. Il-linja bażi għandha tiġi *rieżaminata u aġġornata regolarment mill-Kummissjoni mill-inqas kull ħames snin. Il-linja bażi għandha tibqa' kostanti għall-operatur matul il-perjodu ta' monitoraġġ ladarba tkun bdiet attività, iżda għandha tiġi rieżaminata u aġġornata maċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.*

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. *Il-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju għandha tqis l-inċertezzi f'konformità mal-approċċi*

Emenda

imħassar

statistiċi rikonoxxuti.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Sabiex tiġi appoġġata l-kwantifikazzjoni ***tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru*** tal-karbonju f'art agrikola, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jiġbor data dwar ***l-assorbimenti*** tal-karbonju u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod kompatibbli mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u l-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

9. Sabiex tiġi appoġġata l-kwantifikazzjoni ***tas-sekwestru*** tal-karbonju f'art agrikola, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jiġbor data dwar ***is-sekwestru*** tal-karbonju u l-emissjonijiet ***ta' gassijiet serra abbażi tal-użu ta' metodoloġiji tal-livell 3 f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC tal-2006 għall-inventarji Nazzjonali*** tal-Gassijiet Serra, ***u*** b'mod kompatibbli mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u l-Parti 3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999, ***filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Attività tal-assorbiment tal-karbonju*** għandha tkun addizzjonali. Għal dak il-għan, l-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** għandha tissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:

Emenda

1. ***Kull attività*** għandha tkun addizzjonali. Għal dak il-għan, l-attività għandha tissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tmur lil hinn mir-reqwiziti statutorji tal-Unjoni u dawk nazzjonali;

Emenda

(a) tmur lil hinn mir-reqwiziti statutorji tal-Unjoni u dawk nazzjonali ***fil-livell tal-operatur individwali***;

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***isseħħ minħabba*** l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni.

Emenda

(b) l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni ***huwa meħtieġ biex l-attività ssir finanzjarjament attraenti***.

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Meta l-linja bażi tkun stabbilita skont l-Artikolu 4(5), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1 titqies li tkun ġiet osservata. Meta l-linja bażi tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(6), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), għandha tintwera permezz ta' testijiet speċifiċi.

Emenda

(2) Meta l-linja bażi tkun stabbilita skont l-Artikolu 4(5) ***jew (5a)***, l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(***a***) titqies li tkun ġiet osservata. Meta l-linja bażi tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(6), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), għandha tintwera permezz ta' testijiet speċifiċi ***stabbiliti fl-ambitu tal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8***.

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Ħżin fit-tul

Emenda

Rekwiżiti dwar it-tul ta' żmien tal-ħżin, il-

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu juri li attività tal-assorbiment tal-karbonju ***għandha l-għan li tiżgura l-ħżin fit-tul*** tal-karbonju.

Emenda

1. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu ***jiżgura u*** juri li attività tal-assorbiment tal-karbonju ***tirriżulta fil-ħżin permanenti*** tal-karbonju.

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu jiżgura u juri li attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola tirriżulta fis-sekwestru fit-tul tal-karbonju, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew it-tnejn.

Emenda 88

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu jiżgura u juri li l-attività tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti tirriżulta fil-ħżin fit-tul tal-karbonju.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet *tal-paragrafu 1*, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jikkonforma *maż-żewġ kriterji li ġejjin:*

(a) għandu jimmonitorja u jimmitiga kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju mażzun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ;

(b) għandu jkun soġġett għal mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe rilaxx tal-karbonju mażzun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet *tal-paragrafi 1, 1a u 1b*, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jikkonforma *mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafu 2a sa 2e.*

2a. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu jimmonitorja u jimmitiga kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju mażzun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ, li għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) għal attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, il-perjodu ta' monitoraġġ u r-rekwiżiti għandhom ikunu konsistenti mal-Artikoli 13, 17 u 18 tad-Direttiva 2009/31/KE;

(b) għal attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-perjodu ta' monitoraġġ u r-rekwiżiti għandhom ikopru tal-inqas il-perjodu kollu li r-riżultati tal-attività huma previsti li jkomplu kif stabbilit fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli.

(c) għal attivitajiet ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jkopri l-ħajja kollha tal-prodott sa u inkluż it-tmiem tal-ħajja tal-prodott;

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Operatur jew grupp ta' operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jista' jaħtar persuna ġuridika jew awtorità rilevanti, bħall-aġenzija tal-pagamenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/2116 fil-każ ta' attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola rreġistrati fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-irqajja' agrikoli, li tkun responsabbli għall-monitoraġġ, soġġett li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha skont dan ir-Regolament.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu jkun soġġett għal mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa u jaħtar persuna fiżika jew ġuridika responsabbli biex tkun responsabbli ħalli tindirizza kwalunkwe treġġiġh lura, anki minħabba forza maġġuri, fi kwalunkwe punt matul l-attività.

(a) għal attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà għandu jkun konsistenti mal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà msemmi fid-Direttiva 2009/31/KE.

(b) għal attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà għandu jiġi stabbilit u approvat fil-qafas tal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli u għandu jiżgura li jiġi ġġenerat sekwestru tal-karbonju ekwivalenti bħala kumpens għat-treġġigħ lura;

(c) għal attivitajiet tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà għandu jiġi stabbilit u approvat fil-qafas tal-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikabbli u għandu jiżgura li jiġi ġġenerat ħżin tal-karbonju ekwivalenti bħala kumpens għat-treġġigħ lura.

L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jimmonitorjaw b'mod kostanti u jiżguraw id-disponibbiltà u t-tħejjija tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà matul il-perjodu ta' monitoraġġ kollu ta' attivit.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2d. F'każ ta' treġġigħ lura, l-unitajiet korrispondenti għandhom jiġu sospiżi fir-reġistru taċ-ċertifikazzjoni fejn ikunu rreġistrati sakemm t-treġġigħ lura jkun ġie indirizzat mill-mekkaniżmu tar-responsabbiltà f'konformità mal-paragrafu 2c.

Meta treġġigħ lura ma jiġix indirizzat fi żmien raġonevoli permezz tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà f'konformità mal-paragrafu 2c, il-validità ta' ċertifikat għandha tiskadi u l-unitajiet korrispondenti għandhom jiġu kkanċellati fir-reġistru taċ-ċertifikazzjoni fejn ikunu rreġistrati.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2e. Meta l-validità ta' ċertifikat tkun skadiet f'konformità mal-paragrafu 2a(c), l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jħallas penali korrettiva li tirrifletti l-kost tal-karbonju tal-ammont ta' karbonju rilaxxat fl-atmosfera. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-formula għall-kalkolu tal-penali u l-arranġamenti għall-ħlas ta' penali.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, **il-karbonju li jinħażen b'attività tal-assorbiment tal-karbonju** għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ.

3. Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, **il-benefiċċju nett iġġenerat mill-attività matul il-ħajja kollha tal-attività** għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ **jew, fil-każ li l-monitoraġġ ikun twaqqaf, qabel tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ, u l-unitajiet korrispondenti għandhom jiġu kkanċellati fir-reġistru taċ-ċertifikazzjoni fejn ikunu rreġistrati, sakemm l-operatur jew il-grupp ta' operaturi ma jwettqux ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-attività u juru l-kontinwazzjoni tal-attività u l-perjodu ta' monitoraġġ. Madankollu, attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ma għandhiex twassal għal bir ta' karbonju mnaqqas, kif definit fir-Regolament (UE) 2018/841, meta mqabbel mal-linja bażi lil hinn mill-perjodu ta' monitoraġġ;**

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jkollha impatt newtrali fuq **jew** tiġġenera kobenefiċċji **għall-objettivi** ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin:
- (a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima lil hinn mill-benefiċċju **tal-assorbiment** nett tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);
- (b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar;
- (d) it-tranzizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
- (e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;
- (f) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jkollha **tal-anqas** impatt newtrali fuq **kull objettiv ta' sostenibbiltà, u tista'** tiġġenera kobenefiċċji **għall-wieħed jew aktar objettivi** ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin:
- (a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima lil hinn mill-benefiċċju nett tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);
- (aa) l-evitar tar-riskju tat-tnixxija tal-karbonju f'pajjiżi terzi;**
- (b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar;
- (d) it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, **inkluż l-użu effiċjenti ta' materjali b'bażi bijoloġika miksuba b'mod sostenibbli;**
- (e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;
- (f) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi.

mill-objettivi ta' sostenibbiltà elenkati fil-punti (a) sa (ea) jew tista' tiġġenera kobenefiċċji għal wieħed jew aktar mill-objettivi ta' sostenibbiltà elenkati fil-punti (a) sa (ea) kif ġej:

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima lil hinn mill-benefiċċju tas-sekwestru nett tal-karbonju f'art agrikola msemmi fl-Artikolu 4(1a);

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;

(c) l-użu sostenibbli u l-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u r-riżorsi tal-baħar;

(d) it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż l-użu effiċjenti ta' materjali b'bażi bijoloġika miksuba b'mod sostenibbli;

(e) il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;

(ea) il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u l-bijota tal-ħamrija;

(f) il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità u tal-ekosistemi.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Attività ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandu tal-anqas jkollha impatt newtrali fuq kull wieħed mill-objettivi ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin, u għandha tiġġenera kobenefiċċji għal dawn:

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima lil hinn mill-benefiċċju tas-sekwestru nett tal-karbonju f'art agrikola msemmi fl-Artikolu 4(1a);

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima;

(c) *l-użu sostenibbli u l-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u r-riżorsi tal-baħar;*

(d) *it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż l-użu effiċjenti ta' materjali b'bażi bijoloġika miksuba b'mod sostenibbli;*

(e) *il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis;*

(ea) *il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u l-bijota tal-ħamrija;*

(f) *il-protezzjoni u r-restawr tal-biodiversità u tal-ekosistemi.*

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. L-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ma għandhomx jolqtu b'mod negattiv is-sigurtà alimentari tal-Unjoni u ma għandhomx iwasslu għall-ħtif tal-art jew għall-ispekulazzjoni tal-art. Huma għandhom jirrispettaw id-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popolazzjonijiet indiġeni affettwati minn dawn l-attivitajiet, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra minnha, u l-bilanċ bejn l-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fuq il-komunitajiet lokali u l-manijers tal-art fuq skala żgħira.

Attività li tidħol fl-ambitu ta' dan ir-Regolament ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv attivitajiet oħra fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, 1a u 1c, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà għal kull tip ta' attività fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni rilevanti, fil-qafas tal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8. ***Ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà għandhom iqisu l-impatti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha u l-kundizzjonijiet lokali. Dawk ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà għandhom, fejn xieraq, ikunu konsistenti mal-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal dak li jikkonċerna l-attivitàjiet tal-forestrija u l-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139, u għandhom jippromwovu s-sostenibbiltà tal-materja prima li ġejja mill-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura f'konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u t-tnaqqis ta' emissjonijiet GHG applikabbli għall-bijomassa stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.***

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta operatur jew grupp ta' operaturi jirrapporta kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, dan għandu jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinċentivaw kemm jista' jkun il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti

Emenda

3. Meta operatur jew grupp ta' operaturi jirrapporta kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1, ***1a jew 1b*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, dan għandu jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà

minimi tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1(f).

għall-objettivi msemmija fil-paragrafu 1a u għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġi ġġenerat primjum tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għal tali kobenefiċċji, li għal dan il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-metodoloġija permezz ta' atti delegati sa... [jekk jogħġbok daħħal id-data – sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
Iċ-ċertifikati għandhom jindikaw jekk attività għandhiex impatt newtrali jew tiġġenerax kobenefiċċji pożittivi għall-objettivi ta' sostenibbiltà.

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal attivitajiet relatati mal-ħżin permanenti tal-karbonju, mas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal kull tip ta' attività. Kull metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għal kull tip ta' attività għandha tkun soġġetta għal att delegat separat. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I. ***L-ewwel tali att delegat għandu jiġi adottat sa ... [jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.]***

Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għal dawk it-tipi ta' attivitajiet li jkunu l-aktar maturi, ikollhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-akbar benefiċċji netti u l-potenzjal li jipprovdu l-akbar kobenefiċċji. Fil-każ tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali prijorità jenħtieġ li tqis ukoll il-fatt jekk l-attivitajiet jikkontribux għall-ġestjoni sostenibbli tal-art agrikola u tal-

foresti.

L-atti delegati msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu riveduti perġodikament biex jinkludu attivitajiet ġodda jew innovattivi, imhejtin skont il-kriterji elenkati fil-paragrafi 2a u 3.

Il-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni għall-attivitajiet relatati mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti għandhom jiġu żviluppati biss wara r-rapport li jrid jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2018/841 u abbażi tiegħu.

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Qabel ma jiġi adottat l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Pjattaforma msemija fl-Artikolu 8a fir-rigward tal-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 104

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Għal kull abbozz ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, li għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika konklużiva u konsultazzjoni pubblika għal perjodu ta' tal-inqas erba' xhur, u r-riżultati finali tagħha għandhom jiġu ppubblikati meta jiġi adottat l-att delegat relatat.

Fi żmien 6 xhur mid-data [jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-paragrafu 2 u wara li tikkonsulta mal-Pjattaforma, tippubblika gwida għall-operaturi jew gruppi ta' operaturi potenzjali tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola dwar il-lista ta' attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li għandhom jingħataw prijorità fit-tħejija tal-metodoloġiji. Dik il-lista tista' tiġi riveduta u estiża perjodikament.

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-oġġettivi li tiġi żgurata r-robustezza *tal-assorbimenti tal-karbonju* u li jiġu rikonoxxuti l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi;

Emenda

(a) l-oġġettivi li tiġi żgurata r-robustezza *tal-attivitajiet* u li jiġu rikonoxxuti l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi;

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u l-prinċipju ta' prekawzjoni minqux fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Emenda

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) l-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika u l-parir tal-Pjattaforma;

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) l-istandards eżistenti u l-aħjar prattiki fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, meta jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-objettiv li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira;

(b) l-objettiv li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv **u finanzjarju u li l-proċedura ta' ċertifikazzjoni tinżamm kemm jista' jkun sempliċi** għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira **u għall-impriżi żgħar u ta' daqsx medju, mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju jew il-kobenefiċċji;**

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom ikunu faċli biex jintużaw u

mfassla b'mod li jiffaċilita l-verifika tal-konformità magħhom.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

Pjattaforma dwar Attivitàjiet tal-Assorbiment tal-Karbonju, tas-Sekwestru tal-Karbonju f'Art Agrikola u tal-Ħżin tal-Karbonju fil-Prodotti

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Pjattaforma dwar Attivitàjiet tal-assorbiment tal-karbonju u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola (il-“Pjattaforma”). Din għandha tkun magħmula b'mod bilanċjat mill-gruppi li ġejjin:

(a) rappreżentanti ta':

(i) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

(ii) il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit fl-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

(b) esperti li jirrappreżentaw il-partijiet ikkonċernati privati rilevanti, inklużi l-bdiewa u s-sidien jew il-manigġers

tal-foresti, u s-setturi tan-negozju, li jirrappreżentaw l-industriji rilevanti, involuti fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament;

(ba) rappreżentanti tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni;

(c) esperti li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili b'għarfien espert fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament;

(d) esperti maħtura f'kapacià personali, li għandhom għarfien u esperjenza bil-prova fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament;

(e) esperti li jirrappreżentaw l-akkademja, inklużi universitajiet, istituti tar-riċerka u organizzazzjonijiet xjentifiċi oħra.

Il-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar l-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu integrati fil-gruppi ta' rappreżentanti u esperti msemmija fil-punti (a) sa (e) b'mod li jiggarrantixxi li l-gruppi fil-punti (a) sa (e) ikunu rappreżentati b'mod ibbilanċjat.

2. Il-Pjattaforma għandha:

(a) tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8, inkluż dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7, kif ukoll dwar il-ħtieġa possibbli li jiġu aġġornati dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni;

(b) tanalizza l-impatt tal-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni f'termini tal-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali tal-applikazzjoni tagħhom;

(c) tassisti lill-Kummissjoni fl-analiżi tat-talbiet minn partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa jew tirrevedi metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni għal attività partikolari;

(d) timmonitorja u tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati

Membri fil-qasam tal-assorbiment tal-karbonju u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;

(e) tagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa possibbli li jiġu żviluppati aktar miżuri biex jitjiebu d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data.

(f) tagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-kapaċità ta' użu tal-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li jkunu evitati piżżijiet amministrattivi mhux meħtieġa;

(g) tagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa possibbli biex jiġi emendat dan ir-Regolament;

(h) tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 9, kif ukoll dwar ir-regoli u l-proċeduri relatati mal-awditi u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, u dwar il-ħtieġa possibbli li daww ir-regoli u l-proċeduri jiġu aġġornati;

3. Il-Pjattaforma għandha tiegħu kont tal-fehmiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. L-għażla tal-membri għandu jkollha l-għan li tiżgura kompetenza dixxiplinarja u settorjali varjata, kif ukoll bilanċ bejn is-sessi u bilanċ ġeografiku.

4. Il-Pjattaforma għandha tkun ippreseduta minn membru tal-Pjattaforma elett mill-Pjattaforma u tkun magħmula f'konformità mar-regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat ta' gruppi esperti tal-Kummissjoni. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tista' tistieden esperti b'għarfien espert speċifiku fuq bażi ad hoc.

5. Il-Pjattaforma għandha twettaq il-kompiti tagħha f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Pjattaforma u dokumenti rilevanti oħra fis-sit web tal-Kummissjoni.

6. Meta l-operaturi jew il-gruppi ta'

operaturi jqisu li attività li ma tikkonformax mal-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni stabbiliti skont dan ir-Regolament, jew li għaliha għadhom ma ġewx stabbiliti tali metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni, għandha tkun eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament, huma jistgħu jinfurmaw lill-Pjattaforma b'dan.

^{1a} Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Biex japplika għal ċertifikazzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti applikazzjoni għal skema ta' ċertifikazzjoni. Malli dik l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti lil korp ta' ċertifikazzjoni deskrizzjoni komprensiva tal-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju***, inkluża l-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikata biex jiġu vvalutati l-konformità mal-Artikoli 4 sa 7, ***it-total mistenni tal-assorbimenti tal-karbonju u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju***. Il-gruppi ta' operaturi għandhom jispeċifikaw ukoll kif jiġu pprovduti ***servizzi*** ta' konsulenza dwar l-attivitàjiet ***tal-assorbiment tal-karbonju***, b'mod partikolari lill-operaturi ***tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira***.

Emenda

1. Biex japplika għal ċertifikazzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti applikazzjoni għal skema ta' ċertifikazzjoni. Malli dik l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti lil korp ta' ċertifikazzjoni deskrizzjoni komprensiva tal-attività, inkluża l-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikata biex jiġu vvalutati l-konformità mal-Artikoli ***3a*** sa 7 u ***t-total mistenni tal-benefiċċju nett***. Il-gruppi ta' operaturi għandhom jispeċifikaw ukoll kif jiġu pprovduti ***s-servizzi*** ta' konsulenza dwar l-attivitàjiet, b'mod partikolari lill-operaturi ***fuq skala żgħira, u liema miżuri jittieħdu biex jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-maniġers tal-art***. ***Għal operaturi jew gruppi ta' operaturi involuti fi proġetti transfruntiera jew li jinvolvu bosta pajjiżi, jista' jinħatar korp ta' ċertifikazzjoni uniku għall-proġetti kollha transfruntiera u li jinvolvu bosta***

pajjiżi.

Għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu pariri lill-bdiewa fil-qafas tas-servizzi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-irqajja' agrikoli rreġistrati fis-Sistema għall-Identifikazzjoni tal-Bċeġġe tar-Raba' (LPIS) stabbilita fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/2116 li fuqhom qed isseħħ attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ċċertifikata minn skema ta' ċċertifikazzjoni ma jistgħux jiġu ċċertifikati għall-istess attività minn skema ta' ċċertifikazzjoni differenti.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-Anness I(ba), għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi rreġistrata fis-sistema għall-identifikazzjoni tal-bċeġġe tar-raba', prevista fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/2116, fejn applikabbli: prattiki ta' ġestjoni relatati mal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, l-isem tal-iskema ta' ċċertifikazzjoni u n-numru jew il-kodiċi uniku taċ-ċċertifikat għal roqgħa raba' partikolari.

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Il-korp*** ta' ċċertifikazzjoni għandu jwettaq awditu ta' ċċertifikazzjoni biex jivverifika l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 u ***biex*** jikkonferma l-konformità tal-attività ***tal-assorbiment*** tal-karbonju ***mal-Artikoli 4 sa***

Emenda

2. ***L-iskema*** ta' ċċertifikazzjoni ***għandha taħtar korp ta' ċċertifikazzjoni li*** għandu jwettaq awditu ta' ċċertifikazzjoni biex jivverifika ***li*** l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 ***hija preċiża u affidabbli, u*** jikkonferma l-

7. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jorġoġ rapport ***tal-awditur*** ta' ċertifikazzjoni, li jinkludi sommarju, u ċertifikat li jkun fih, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat, u tagħmel ***is-sommarju tar-rapport*** tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku ***f'reġistru*** msemmi fl-Artikolu 12.

konformità tal-attività ***mal-Artikoli 3a sa 7. Meta jseħħu diversi attivitajiet differenti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-livell tal-azjenda agrikola, l-awditi taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu f'okkażjoni waħda. Meta*** bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni, ***il-konformità tal-informazzjoni sottomessa skont il-paragrafu 1 ġiet ivverifikata***, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jorġoġ rapport ***tal-awditu*** ta' ċertifikazzjoni, li jinkludi sommarju, u ċertifikat li jkun fih, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat, u tagħmel ***ir-rapport*** tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku ***b'mod sħiħ jew, meta meħtieġ biex tippreżerva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod li jeskludi dik l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, fir-reġistru tal-Unjoni*** msemmi fl-Artikolu 12.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex jikkonferma mill-ġdid il-konformità tal-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** mal-Artikoli 4 sa 7 u jivverifika l-benefiċċju tal-karbonju ***ġġenerat***. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jorġoġ rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, li jinkludi sommarju, u ċertifikat aġġornat. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid u ċ-ċertifikat aġġornat, u tagħmel ***is-sommarju tar-***

Emenda

3. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex jikkonferma mill-ġdid il-konformità tal-attività mal-Artikoli 3a sa 7 u jivverifika l-benefiċċju ***nett iġġenerat. L-awditi taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid għandhom isiru mill-inqas kull ħames snin għal attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u mill-inqas kull 10 snin għal attivitajiet oħra, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju***. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jorġoġ rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni

rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-
ġdid, iċ-ċertifikat aġġornat u l-unitajiet
ċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju
disponibbli għall-pubbliku **f'reġistru**
msemmi fl-Artikolu 12.

mill-ġdid, li jinkludi sommarju, u ċertifikat
aġġornat. L-iskema ta' ċertifikazzjoni
għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu
ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid u ċ-ċertifikat
aġġornat, u tagħmel **ir-rapport** tal-awditu
ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikat
aġġornat u l-unitajiet ċċertifikati tal-
assorbiment tal-karbonju disponibbli għall-
pubbliku **b'mod sħiħ jew, meta meħtieġ**
biex tiġi ppreżervata l-kunfidenzjalità ta'
informazzjoni kummerċjalment sensittiva
f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni
u dik nazzjonali, b'mod li jeskludi dik l-
informazzjoni kummerċjalment sensittiva,
fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-
Artikolu 12.

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operatur jew grupp ta' operaturi
għandu jappoġġa lill-korp ta'
ċertifikazzjoni matul l-awditi ta'
ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-
ġdid, b'mod partikolari billi jagħti aċċess
għall-bini tal-attività u jipprovdi **d-data** u
d-dokumentazzjoni **rilevanti**.

Emenda

4. L-operatur jew grupp ta' operaturi
għandu jappoġġa lill-korp ta'
ċertifikazzjoni matul l-awditi ta'
ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-
ġdid, b'mod partikolari billi jagħti aċċess
għall-bini tal-attività u jipprovdi
kwalunkwe data u d-dokumentazzjoni
meħtieġa.

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni
għandhom jiġu remunerati mill-iskema
ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata l-
indipendenza tal-awditi taċ-ċertifikazzjoni
jew taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid.

Emenda 118

Proposta għal regolament Artikolu 9 – Paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi tad-deskrizzjoni komprensiva tal-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju*** msemija fil-paragrafu 1, u tar-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemija fil-paragrafi 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 17.

Emenda

5. Il-Kummissjoni ***għandha mhux aktar tard minn... [jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi tad-deskrizzjoni komprensiva tal-attività msemija fil-paragrafu 1, u tar-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemija fil-paragrafi 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 17.

Emenda 119

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati minn awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.

Emenda

1. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati minn awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷. ***Il-lista ta' korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12.***

³⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

³⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda 120

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) indipendenti mill-operaturi jew minn grupp ta' operaturi, u jwettqu l-attivitajiet meħtieġa skont dan ir-Regolament fl-interess pubbliku.

Emenda

(b) ***legalment u finanzjarjament*** indipendenti mill-operaturi jew minn grupp ta' operaturi, u jwettqu l-attivitajiet meħtieġa skont dan ir-Regolament fl-interess pubbliku.

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippreżentaw, fuq talba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jissorveljaw l-operat tagħhom, inklużi d-data, il-ħin u l-post tal-awditi msemmija fl-Artikolu 9. Meta l-Istati Membri jsibu kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, huma għandhom jinformat lill-korp ta' ċertifikazzjoni u lill-iskema ta' ċertifikazzjoni rilevanti b'dan mingħajr dewmien.

Emenda

4. L-Istati Membri, ***u meta applikabbli, l-awtoritajiet reġjonali*** għandhom jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippreżentaw, fuq talba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***u meta applikabbli, dawk reġjonali***, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex jissorveljaw l-operat tagħhom, inklużi d-data, il-ħin u l-post tal-awditi msemmija fl-Artikolu 9. Meta l-Istati Membri, ***u meta applikabbli, l-awtoritajiet reġjonali***, jsibu kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, huma għandhom jinformat lill-korp ta' ċertifikazzjoni u lill-iskema ta' ċertifikazzjoni rilevanti b'dan mingħajr dewmien ***u jipubblikaw dan l-avviż fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12.***

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni u l-monitoraġġ interni, il-ġestjoni tal-ilmenti u ***l-appelli***, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, it-trasparenza u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni, il-ħatra u t-taħriġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni, l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, ***l-iżvilupp u l-ġestjoni tar-reġistri***.

Emenda

2. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni u l-monitoraġġ interni, il-ġestjoni tal-ilmenti u ***r-rikorsi***, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, it-trasparenza u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni, il-ħatra u t-taħriġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni ***kif ukoll*** l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. ***Għall-fini tat-trattament tal-ilmenti u r-rikorsi, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' lment u rikors faċilment aċċessibbli. Dawk il-proċeduri għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12.***

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-data sottomessi mill-operatur jew minn grupp ta' operaturi għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 9 kinux soġġetti għal awditjar indipendenti u jekk iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ***twettqitx*** b'mod akkurat, affidabbli u kosteffettiv.

Emenda

3. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jivverifikaw jekk l-informazzjoni u d-data sottomessi mill-operatur jew minn grupp ta' operaturi għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 9 kinux soġġetti għal awditjar indipendenti u jekk iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ***u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tar-rapporti ta' awditu twettqux*** b'mod akkurat, affidabbli u kosteffettiv.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippubblikaw, mill-inqas darba fis-sena, lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura, li tiddikjara għal kull korp ta' ċertifikazzjoni permezz ta' liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali ġie rikonoxxut u liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali tkun qed timmonitorjah.

Emenda

4. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippubblikaw, mill-inqas darba fis-sena, lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura ***fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12***, li tiddikjara għal kull korp ta' ċertifikazzjoni permezz ta' liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali ***jew, meta applikabbli, reġjonali***, ġie rikonoxxut u liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali ***jew, meta applikabbli, reġjonali***, tkun qed timmonitorjah.

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, li għandhom japplikaw għall-iskemi kollha ta' ċertifikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha ***mhux aktar tard minn... [jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, li għandhom japplikaw għall-iskemi kollha ta' ċertifikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Reġistri

Emenda

Reġistru tal-Unjoni

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Skema ta' ċertifikazzjoni* għandha tistabbilixxi u żżomm kif xieraq regjistru pubbliku biex tagħmel l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni *aċċessibbli għall-pubbliku, inklużi ċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u l-kwantità tal-unitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 9. Dawk ir-reġistri għandhom jużaw sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi, u għandhom ikunu interoperabbli.*

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni *tista'* tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi *tar-reġistri pubbliċi, u tar-reġistrazzjoni, taż-żamma jew tal-użu ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju*, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda

1. *Il-Kummissjoni* għandha tistabbilixxi u żżomm kif xieraq regjistru pubbliku ("*regjistru tal-Unjoni*") biex tagħmel *disponibbli għall-pubbliku* l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni *b'mod aċċessibbli, li jkun fiha bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IIa. Ir-regjistru tal-Unjoni għandu juża* sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi.

Skemi ta' ċertifikazzjoni għandha tissottometti -data u r-rapportar rilevanti kollha li huma meħtieġa li jiġu inklużi fir-regjistru tal-Unjoni skont l-Anness IIa u li huma meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

2. Il-Kummissjoni, *mhux aktar tard minn [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha* tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi *tar-Regjistru tal-Unjoni*, u *r-regoli u l-proċeduri għall-għoti tal-informazzjoni kollha*, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 129

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jirrapportaw is-sehem medju tad-dħul relatat mal-bejgħ ta' unitajiet iċċertifikati għal kull attività li hija għaddiet lill-operatur. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rapporti sottomessi u tirrapporta s-sejbiet tagħha kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 130

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni biss tista' tintuża minn operaturi jew minn grupp ta' operaturi biex juri l-konformità ma' dan ir-Regolament. Tali deċiżjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin.

1. Skema ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuta mill-Kummissjoni permezz ta' deċiżjoni biss tista' tintuża minn operaturi jew minn grupp ta' operaturi biex juri l-konformità ma' dan ir-Regolament. Tali deċiżjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin, **u għandha ssir pubblika fir-Reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12. Il-Kummissjoni għandha tinforma l-iskema ta' ċertifikazzjoni dwar id-deċiżjoni tagħha għal rikonoxximent mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet amministrata n-notifika.**

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Stat Membru **għandu jinnotifika** lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-

2. Stat Membru, **jew meta rilevanti, l-awtoritajiet reġjonali, għandhom**

rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni pubblika. Ir-rappreżentant legali ta' skema ta' ċertifikazzjoni privata għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni privata.

jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni pubblika. Ir-rappreżentant legali ta' skema ta' ċertifikazzjoni privata għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-iskema ta' ċertifikazzjoni privata.

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjoni li tirrikonoxxi skema ta' ċertifikazzjoni skont il-paragrafu 1 meta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tonqos milli timplimenta l-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5). Meta Stat Membru *jqajjem* tħassib li skema ta' ċertifikazzjoni ma taħdimx f'konformità mal-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5) li jikkostitwixxu l-bażi għad-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-kwistjoni u għandha tiegħu azzjoni xierqa, inkluż li tħassar id-deċiżjoni rilevanti.

Emenda

3. Il-Kummissjoni tista', *wara konsultazzjoni xierqa mal-iskema ta' ċertifikazzjoni*, tħassar deċiżjoni li tirrikonoxxi skema ta' ċertifikazzjoni skont il-paragrafu 1 meta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tonqos milli timplimenta l-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5). Meta Stat Membru *jew meta rilevanti, l-awtorità reġjonali, iqajmu tħassib, jew persuna ġuridika, operatur jew grupp ta' operaturi jqajmu* tħassib *fondat kif xieraq*, li skema ta' ċertifikazzjoni ma taħdimx f'konformità mal-istandards u r-regoli stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5) li jikkostitwixxu l-bażi għad-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-kwistjoni u għandha tiegħu azzjoni xierqa, inkluż li tħassar id-deċiżjoni rilevanti.

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni *tista'* tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-

Emenda

4. Il-Kummissjoni *għandha sa [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan*

istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tal-proċessi ta' notifika u rikonoxximent imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

ir-Regolament] tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tal-proċessi ta' notifika u rikonoxximent imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku, b'mod sħiħ jew, fejn meħtieġ, biex ***tippreserva*** l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ***f'forma aggregata***.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku ***fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12***, b'mod sħiħ jew, fejn meħtieġ biex ***tiġi ppreservata*** l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva ***f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod li jeskludi din l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva***.

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda

3. Il-Kummissjoni ***għandha sa [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 14a

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 13(2) u (3).

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-lista ta' informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 9.

Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Pjattaforma msemmija fl-Artikolu 8a, għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-lista ta' informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 9.

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8 u 15 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli **3a**, 8 u 15 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 139

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8 u 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f' data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 140

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħturin minn kull Stat Membru f' konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

Emenda 141

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Atti delegati adottati skont l-Artikoli 8 u 15 għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun esprimew xi

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli **3a**, 8 u 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f' data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha **twettaq konsultazzjoni pubblika ta' erba' ġimgħat u għandha** tikkonsulta mal-esperti maħturin minn kull Stat Membru f' konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

oġġezzjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

oġġezzjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-ambitu tar-rapport fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-benefiċċji u l-kompromessi possibbli tal-inklużjoni ta' prodotti oħra għall-ħżin tal-karbonju b'ħajja twila abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika u tista', fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill.

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva u valutazzjoni tal-impatt, dwar l-istabbiliment ta' miri tal-Unjoni għall-assorbimenti permanenti tal-karbonju u għas-sekwestru bbażat fuq l-art bħala parti integrali mill-qafas klimatiku tal-Unjoni għal wara l-2030.

Emenda 144

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-għażliet biex jiżdied it-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-katina tal-provvista tal-ikel, inkluż għażliet relatati mal-użu tal-unitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u għandha, fejn xieraq, sa... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tippreżenta proposta leġiżlattiva akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt għal dak l-għan.

Emenda 145

Proposta għal regolament Anness I

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Elementi tal-metodoloġiji taċ-
ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8
Meta jiġu adottati atti delegati skont l-
Artikolu 8, il-metodoloġiji taċ-
ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-
inqas l-elementi li ġejjin:

Elementi tal-metodoloġiji taċ-
ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8
Meta jiġu adottati atti delegati skont l-
Artikolu 8, il-metodoloġiji taċ-
ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-
inqas l-elementi li ġejjin:

(a) **id-deskrizzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju** koperta, **inkluż il-perjodu** ta' monitoraġġ tagħha;

(-a) deskrizzjoni tat-tip ta' attività koperta (l-assorbiment tal-karbonju, ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu jew tal-metan, jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti);

(a) **deskrizzjoni dettaljata tal-attività** koperta, **inkluża d-durabbiltà prevista tar-riżultati tagħha u l-perjodu** ta' monitoraġġ tagħha;

(b) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tal-assorbiment tal-karbonju u

(b) għall-attivitàjiet tal-assorbiment tal-karbonju:

(i) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tal-assorbiment tal-karbonju u

s-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1);

(c) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(d) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(1)(b);

(e) ir-regoli għall-kalkolu taż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1)(c);

s-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1);

(ii) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(iii) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(1)(b);

(iv) ir-regoli għall-kalkolu taż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1)(c);

(c) **għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola:**

(i) **ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tas-sekwestru tal-karbonju u tat-tnaqqis kollu tas-sekwestru tal-karbonju u tat-tnaqqis u tas-sorsi kollha tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(2);**

(ii) **għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tas-sekwestru tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a);**

(iii) **għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tas-sekwestru totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b);**

(iv) **għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu taż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c);**

(v) **għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a);**

(vi) **għat-tnaqqis tal-karbonju mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-**

regoli għall-kalkolu tat-tnaqqis totali tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b);

(vii) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu taż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt(c);

(viii) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet N20 taħt il-linja bażi msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d);

(ix) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tat-tnaqqis totali tal-emissjonijiet N20 imsemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e);

(x) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet CH4 taħt il-linja bażi msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (f);

(xi) għat-tnaqqis tal-karbonju mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tal-emissjonijiet CH4 totali msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (g);

(d) għall-attivitajiet ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti.

(i) ir-regoli għall-identifikazzjoni tal-bjar kollha tas-sekwestru tal-karbonju u s-sorsi kollha tal-emissjonijiet GHG msemija fl-Artikolu 4(2a);

(ii) ir-regoli għall-kalkolu tal-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemija fl-Artikolu 4(2a), il-punt (a);

(iii) ir-regoli għall-kalkolu tas-sekwestru totali tal-karbonju msemija

(f) ir-regoli biex jiġu indirizzati l-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(8);

(g) ir-regoli għat-twertiq tat-testijiet speċifiċi tal-addizzjonalità msemija fl-Artikolu 5(2);

(h) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2)(a);

(i) ir-regoli dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa msemija fl-Artikolu 6(2)(b);

(j) **ir-regoli dwar ir-rekwiżiti** minimi ta' sostenibbiltà msemija fl-Artikolu 7(2);

(k) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kobenefiċċji msemija fl-Artikolu 7(3).

Emenda 146

Proposta għal regolament Anness II

Test propost mill-Kummissjoni

Informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 9

Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-informazzjoni minima li ġejja:

fl-Artikolu 4(2a), il-punt (b);

(iv) **ir-regoli għall-kalkolu taż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemija fl-Artikolu 4(2a), il-punt (c);**

(e) ir-regoli biex jiġu indirizzati l-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(4);

(f) **il-linja bażi msemija fl-Artikolu 4(5), 4(5a) jew 4(6), inklużi r-regoli u l-ġustifikazzjoni għal-linja bażi stabbilita;**

(g) ir-regoli għat-twertiq tat-testijiet speċifiċi tal-addizzjonalità msemija fl-Artikolu 5(2);

(h) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2a);

(i) ir-regoli dwar il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa msemija fl-Artikolu 6(2c);

(ia) **ir-regoli dwar il-validità u l-penali msemija fl-Artikolu 6(2d) u 6(2e);**

(j) **l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti** minimi ta' sostenibbiltà msemija fl-Artikolu 7(2);

(k) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-kobenefiċċji msemija fl-Artikolu 7(3).

Emenda

Informazzjoni minima inkluża fiċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 9

Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-informazzjoni minima li ġejja:

(a) l-isem u t-tip tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluż l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi;

(b) il-post tal-attività ***tal-assorbiment tal-karbonju***, inkluż il-post ġeografikament espliċitu tal-konfini tal-attività, li jħares ir-rekwiżiti tal-iskala tal-immappjar 1:5000 għall-Istat Membru;

(c) id-data tal-bidu u d-data ta' tmiem ***l-attività tal-assorbiment tal-karbonju***;

(d) l-isem tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni;

(e) l-isem u l-indirizz tal-korp li jiċċertifika u tal-logo;

(f) in-numru jew il-kodiċi (uniku) taċ-ċertifikat;

(g) il-post u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat;

(h) ir-referenza għall-metodoloġija taċ-ċertifikazzjoni applikabbli msemmija fl-Artikolu 8;

(i) il-benefiċċju nett tal-assorbiment tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);

(j) l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(a) l-isem u t-tip tal-attività, ***inkluż jekk l-attività tikkostitwix attività*** tal-assorbiment tal-karbonju, ***tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tat-tnaqqis ta' emissjoni tan-nitroġenu jew il-metan, jew tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti*** inkluż l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi;

(b) il-post tal-attività, inkluż il-post ġeografikament espliċitu tal-konfini tal-attività, li jħares ir-rekwiżiti tal-iskala tal-immappjar 1:5000 għall-Istat Membru;

(ba) għall-attivitàjiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, fejn applikabbli, identifikazzjoni unika tar-roqgħa agrikola kif irreġistrata fis-sistema ta' sistema għall-identifikazzjoni tal-bċejeċ tar-raba' prevista fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2021/2116 li fuqhom qed isseħħ l-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;

(c) id-data tal-bidu u d-data ta' tmiem ***mistennija tal-attività***;

(d) l-isem tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni;

(e) l-isem u l-indirizz tal-korp li jiċċertifika u tal-logo;

(f) in-numru jew il-kodiċi (uniku) taċ-ċertifikat;

(g) il-post u d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat;

(h) ir-referenza għall-metodoloġija taċ-ċertifikazzjoni applikabbli msemmija fl-Artikolu 8;

(i) għall-attivitàjiet tal-assorbiment tal-karbonju:

(i) il-benefiċċju nett tal-assorbiment tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1);

(ii) l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(k) l-assorbimenti totali tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(1)(b);

(l) *iż-żieda* fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemija fl-Artikolu 4(I)(c);

(iii) l-assorbimenti totali tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(1)(b);

(ia) *għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola:*

(i) *għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-benefiċċju nett tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola msemmi fl-Artikolu 4(2)*

(ii) *għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, is-sekwestru tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmi fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a);*

(iii) *għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, is-sekwestru totali tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b);*

(iv) *għall-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemija fl-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c);*

(v) *għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-benefiċċju nett tat-tnaqqis ta' emissjoni mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola msemmi fl-Artikolu 4(2)*

(vi) *għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-emissjonijiet tal-karbonju taħt il-linja bażi msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a);*

(vii) *għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regoli għall-kalkolu tat-tnaqqis totali tal-karbonju msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b);*

(viii) *għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra msemija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (c);*

(ix) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-emissjonijiet N20 taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (d);

(x) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, it-tnaqqis totali tal-emissjonijiet N20 msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (e);

(xi) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-emissjonijiet GH4 taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (f);

(xii) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-emissjonijiet CH4 totali msemmija fl-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (g);

(ib) għall-attivitajiet ta' ħżin tal-karbonju fil-prodotti.

(i) il-benefiċċju nett tas-sekwestru nett tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(2a);

(ii) is-sekwestru tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(2a), il-punt (a);

(iii) is-sekwestru totali tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(2a), il-punt (b);

(iv) iż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(2a), il-punt (c);

(m) analiżi dettaljata skont il-gassijiet, is-sorsi, il-bjar tal-karbonju u l-ħażniet fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-punti *(j)*, *(k)* u *(l)* ta' dan l-Anness;

(n) id-durata tal-perjodu ta' monitoraġġ tal-attività *tal-assorbiment tal-karbonju*;

(m) analiżi dettaljata skont il-gassijiet, is-sorsi, il-bjar tal-karbonju u l-ħażniet fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-punti *(i)* u *(ia)* u *(ib)* ta' dan l-Anness;

(n) *il-mezz ta' ħżin*, id-durata *mistennija tar-riżultati u d-durata* tal-perjodu ta' monitoraġġ tal-attività *f'konformità mal-Artikolu 6(2a)*;

(na) mekkaniżmu dettaljat ta' responsabbiltà u persuna ġuridika jew fiżika responsabbli f'konformità mal-

(o) *kwalunkwe kobenefiċċji sostenibbli msemmi fl-Artikolu 7(3);*

(p) referenza għal kwalunkwe ċertifikazzjoni oħra tal-assorbiment tal-karbonju.

Artikolu 6(2b);

(nb) fil-każ ta' treġġiġh lura, l-ammont ta' karbonju totali rilaxxat fl-atmosfera minn bjar tal-karbonju ġeoloġiġi jew bijoġeniċi;

(o) *għal attività tal-assorbiment tal-karbonju, evidenza li l-attività tissodisfa l-oġettivi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7(1) jew li l-attività tiġġenera l-kobenefiċċji;*

(oa) għal attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, evidenza li l-attività tissodisfa l-oġettivi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7(1a) u li l-attività tiġġenera wkoll kobenefiċċji pożittivi fir-rigward tal-oġettiv fil-punt (f);

(ob) għal ħżin tal-karbonju f'attività ta' prodott, evidenza li l-attività tissodisfa l-oġettivi ta' sostenibbiltà msemmija fl-Artikolu 7(1b) u li l-attività tiġġenera wkoll kobenefiċċji pożittivi fir-rigward ta' mill-inqas wieħed minn dawk l-oġettivi;

(oc) il-kwantità ta' unitajiet iċċertifikati miċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 9;

(p) referenza għal kwalunkwe ċertifikazzjoni oħra tal-assorbiment tal-karbonju *jew sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew ħżin tal-karbonju fil-prodotti.*

Emenda 147

Proposta għal regolament Anness IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IIa

***Informazzjoni minima li għandha tiġi
inkluża fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-
Artikolu 12***

***Għal kull attività ċċertifikata, ir-reġistru
tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12 għandu***

jinkludu mill-inqas informazzjoni minima li ġejja:

(a) l-isem u t-tip tal-attività, inkluż jekk l-attività tikkostitwix attività tal-assorbiment tal-karbonju, attività tal-ħżin/assorbiment fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, attività tat-tnaqqis ta' emissjoni mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għall-karbonju, in-nitroġenu jew il-metan, jew attività tal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi;

(b) id-data tal-bidu effettiv u d-data ta' tmiem mistennija tal-attività;

(c) l-isem tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni;

(d) l-Istat Membru fejn isseħħ l-attività;

(e) il-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għal kull attività, f'konformità mal-Artikolu 8;

(f) il-benefiċċju nett mistenni;

(g) l-istatus attwali taċ-ċertifikat (attiv, irtirat, skadut);

(h) fejn applikabbli, id-detentur fiżiku jew ġuridiku ta' unità ċertifikata, l-għan li għalih tinżamm dik l-unità ċertifikata u l-prezz imħallas lill-operatur;

(i) għal kull attività, link għar-rapport tal-awditu taċ-ċertifikazzjoni u, meta applikabbli, ir-rapport tal-awditu aġġornat, f'konformità mal-Artikolu 9;

Ir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 12 għandu jinkludi wkoll lista tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni rikonoxxuti kollha, ir-regoli u l-proċeduri tagħhom f'konformità mal-Artikolu 11(2), ir-rapporti ta' attività annwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 u l-lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura tagħhom, li tiddikjara għal kull korp ta' ċertifikazzjoni b'liema entità jew awtorità pubblika nazzjonali jiġi rikonoxxut u

*liema entità jew awtorità pubblika
nazzjonali qed timmonitorjah,
f'konformità mal-Artikolu 11(4).*

NOTA SPJEGATTIVA

“L-użu tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju (CDR) biex jiġu kontrobalanċjati l-emissjonijiet residwi li huma diffiċli sabiex jitrażżnu huwa inevitabbli jekk għandhom jintlaħqu l-emissjonijiet netti zero tas-CO2 jew tal-gassijiet serra”.

IPCC, Is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni

It-tibdil fil-klima sar suġġett jaħraq u jinsab fil-qalba tal-Parlament Ewropew. Dan ir-rapport jissottolinja l-importanza tal-assorbiment tal-karbonju fil-kisba tal-oġettiv globali ta' emissjonijiet zero netti u jenfasizza l-ħtieġa ta' oqfsa ta' ċertifikazzjoni robusti biex jiġi żgurat li l-assorbiment tal-karbonju jintuża b'mod effettiv u responsabbli.

L-ewwel nett, **id-definizzjoni tal-assorbiment tal-karbonju fil-Qafas ta' Ċertifikazzjoni tal-Assorbiment tal-Karbonju għandha tkun konsistenti ma' standards internazzjonali u xjentifiċi** biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà, b'mod partikolari mad-definizzjoni tal-IPCC.

L-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda li tirrikjedi approċċ b'diversi aspetti. **Filwaqt li t-tnaqqis tal-emissjonijiet jibqa' l-prijorità ewlenija tagħna**, huwa ċar, u rikonoxxut internazzjonalment, li se **jkollna b'zonn ukoll li nużaw strateġiji oħra bħall-assorbiment tal-karbonju biex niksbu l-emissjonijiet zero netti**. L-assorbiment tal-karbonju jista' jkun effettiv fil-qbid u fil-ħżin tad-diossidu tal-karbonju mill-atmosfera, u jgħin biex jittaffa l-impatt ta' emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu.

Madankollu, huwa kruċjali li nittrattaw b'mod serju l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju u li nindirizzaw ir-riskji tiegħu. **Il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jirregola b'mod adegwat iċ-ċertifikazzjonijiet tal-assorbiment tal-karbonju biex jiġu pprevenuti l-assorbimenti ta' kwalità baxxa u l-greenwashing**, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jimminaw l-isforzi tagħna biex niġġieldu t-tibdil fil-klima. Din hija r-raġuni għaliex l-istabbiliment ta' qafas robust ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju huwa tant importanti u l-passi meħuda f'dan ir-rapport dwar **il-monitoraġġ, il-validità, ir-responsabbiltà, it-trasparenza u l-informazzjoni li għandha ssir pubblika** huma daqstant importanti. Il-Parlament jeħtieġli jmur lil hinn mill-Kummissjoni **rigward l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi xierqa ta' monitoraġġ, skadenza u responsabbiltà** biex jindirizza każijiet ta' treggiġh lura u għandu jkun hemm parti responsabbli fi kwalunkwe mument.

Il-qafas għandu jitfassal biex jappoġġa assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja u fit-tul li jkunu jistgħu jiksbu assorbimenti sinifikattivi tal-emissjonijiet mill-atmosfera. Fl-istess ħin, **dan għandu jhegġegħ l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-prattiki tal-assorbiment tal-karbonju, u l-investment mis-settur privat, inkluż fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti, li ninkludu wkoll attivitajiet li jnaqqsu r-rilaxx tal-karbonju u b'hekk iwasslu għall-assorbiment tal-karbonju, bħal fit-tixrib mill-ġdid tal-artijiet tat-torbiera. Barra minn hekk, biex ninċentivaw il-ħżin fit-tul, għandna nkunu **miftuħa għall-ħżin permanenti tal-karbonju barra mill-Unjoni** jekk il-karbonju jinqabad fl-Unjoni u l-ħżin isir taħt regoli simili għall-UE. Pereżempju, il-possibiltajiet ta' ħżin ġeoloġiku huma rikonoxxuti f'pajjiżi bħan-Norveġja u l-Iżlanda. Għalhekk, il-karbonju mneħħi fl-Unjoni, iżda maħżun ġeoloġikament f'pajjiż terz taħt l-istess rekwiżiti legali għandu jkun

iċċertifikat ukoll.

Wiehded mill-aspetti kritiċi ta' qafas ta' ċertifikazzjoni b' suċċess għall-assorbiment tal-karbonju huwa l-kapaċità li ssir distinzjoni bejn l-assorbiment ta' kwalità għolja u ta' kwalità baxxa. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-assorbimenti tal-karbonju fil-fatt jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u ma jipprovdux sempliċità mod kif il-kumpaniji jiddikjaraw innewtralità klimatika mingħajr ma fil-fatt inaqqsu l-emissjonijiet. Għalhekk, huwa importanti li l-qafas jinkludi **standards stretti għall-proġetti tal-assorbiment tal-karbonju, inkluża l-verifika tal-assorbimenti tal-karbonju, u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-proġett fuq perjodu twil**. Kemm l-assorbiment permanenti kif ukoll dak temporanju tal-karbonju jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi, iżda f'kundizzjonijiet differenti, li għandhom ikunu ħafna aktar stretti għall-assorbiment temporanju tal-karbonju, f'termini ta' rekwiżiti fil-qasam tal-monitoraġġ, tal-iskadenzi u tar-responsabbiltà, sabiex jiġu żgurati l-fiduċja pubblika u l-integrità klimatika.

Sabiex nevitaw li noħolqu burokrazija bla bżonn, il-qafas għandu jopera wkoll b' mod effiċjenti u effettivi. Dan jista' jinvolvi s-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-iżviluppaturi tal-proġetti u l-iżgurar ta' informazzjoni faċilment komparabbli u trasparenti, **inkluż reġistru tal-Unjoni uniku**. Fl-istess ħin, il-qafas għandu jiffassal biex jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u jippermetti l-iżvilupp ta' teknoloġiji u prattiki ġodda u aktar effettivi għall-assorbiment tal-karbonju. Dan jipprovdi qafas ta' monitoraġġ, verifika u rapportar ta' kwalità għolja, u ma għandux jantiċipa deċiżjonijiet dwar l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju, li se jiġu regolati taħt l-oqfsa ġuridiċi xierqa. Dan l-approċċ jiżgura l-konsistenza, jevita d-duplikazzjoni regolatorja, u fuq kollox jippermetti valutazzjonijiet fil-fond u ddedikati dwar l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju f'kundestji differenti qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet regolatorji dwar l-użu, b' mod partikolari permezz tar-rieżamijiet li ġejjin fil-kuntest tal-EU ETS u l-LULUCF maqbula fir-rieżamijiet reċenti ta' dawh l-atti, fil-proposta għal Asserzjonijiet Ekoloġiċi ppreżentata reċentement, jew fil-proposti li ġejjin dwar il-miri klimatiċi għall-2040.

Qafas ta' ċertifikazzjoni li jirnexxi għall-assorbiment tal-karbonju jeħtieġ li jkun interessanti wkoll għas-settur privat. Dan jista' jinvolvi l-ħolqien ta' inċentivi għall-kumpaniji biex jinvestu fi proġetti għall-assorbiment tal-karbonju.

Bħala konklużjoni, l-istabbiliment ta' qafas robust ta' ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tagħna ta' emissjonijiet zero netti u ma għandux jissostitwixxi t-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Tali qafas irid jagħti prijorità lit-tnaqqis fl-emissjonijiet, jappoġġa l-assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja u fit-tul, irawwem l-innovazzjoni, u jattira l-investment mis-settur privat. Permezz ta' dan, nistgħu noħolqu suq trasparenti u affidabbli għall-assorbimenti tal-karbonju li jappoġġa l-isforzi tagħna biex niġġieldu t-tibdil fil-klima filwaqt li noħolqu opportunitajiet ġodda għall-investment u l-innovazzjoni.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA
KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja tfasslet fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet li ġejjin fit-tnejn tal-abbozz tar-rapport:

Entità u/jew persuna
Associação Zero
ATIC
Barilla
Bellona
BioEnergy Europe
CAN Europe
Carboculture
Carbon Gap
Carbon Market Watch
Cembureau
CEPI
CEPS
Clean Air Task Force
Concito
Copa-cogeca
Corporate Europe Observatory
Drax Group
E3G
ECOS
Ecostandard
European Biochar Industry Consortium
European Confederation of Woodworking Industries
European Environmental Bureau
European Forest Owners
Fern
FoodDrink Europe
Gevo
Hydro
I4CE
ILO
Indigo
Negative Emmissions Platform
Paebbl
Permanent Representation of the Kingdom of the Netherlands to the European Union
PlasticsRecyclers Europe
Potsdam Institute
Stockholm Exergi
Swedenergy

SWP
The European Lime Association - EuLA
The Swedish Forest Industries Federation
UNDRR

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (COM(2022)672 – C9-0399/2022 – 2022/0394(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Martin Hlaváček

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola adottati fuq skala akbar permezz ta' prattiki xierqa ta' ġestjoni tal-art jirrappreżentaw potenzjal kbir fil-kontribut u fl-ilħuq tal-oġġettivi klimatiċi tal-UE. Permezz ta' azzjonijiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-forestiera għandhom ikunu jistgħu jgħibu valur miżjud u effetti kkombinati mhux biss għall-ambjent, iżda wkoll għas-servizzi tal-ekosistema u l-bijodiversità filwaqt li fl-istess ħin tinżamm is-sigurtà tal-ikel tal-UE. Għal dan, huwa meħtieġ l-iżvilupp ta' skemi robusti, volontarji, kredibbli u aċċessibbli fil-livell tal-UE li jirrikonoxxu legalment lill-bdiewa għall-azzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari peress li ħafna bdiewa llum huma mħajra jipparteċipaw fi skemi privati multipli b'livelli differenti ta' kredibbiltà.

Għal dan il-għan, l-abbozz jipproponi l-istabbiliment ta' qafas volontarju konsistenti, attraenti u kredibbli għaċ-ċertifikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li għandu jiżgura l-interess tal-bdiewa, jipprovdi garanziji tal-prinċipji tal-politika agrikola u ambjentali ewlenin tagħna, jillimita l-piż u l-kost ta' natura amministrattiva addizzjonali. Dan għandu jiżgura wkoll tranżizzjoni minn skemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti għal qafas futur tal-UE f'każ li jissodisfaw l-istandards ta' kwalità meħtieġa.

Din hija r-raġuni għaliex dan ir-rapport jipproponi d-diżakkoppjament tal-attivitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa dovut għall-karattru speċifiku u għall-bażi ġuridika tal-biedja u għall-permanenza differenti tal-ħżin. Billi ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ aspetti, is-soluzzjonijiet għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola se jinfasslu aktar għar-realtà tal-agrikoltura u tal-forestrija.

Fil-biedja, huwa diffiċli li wieħed jitkellem esklużivament dwar l-assorbimenti tal-karbonju mingħajr ma jiġi indirizzat it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, speċjalment għall-metan u għall-ossidu nitruż. Il-fatt li jsir enfasi b'mod esklużiv fuq l-assorbimenti tal-karbonju jkollu impatt sinifikanti fuq l-interess tal-bdiewa fit-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-farms. Il-fatt li t-tnaqqis fl-emissjonijiet mhux tas-CO₂ jitqies bħala kobenefiċċji biss ma jipprovdi biżżejjed biex jinkoraġġixxi lill-bdiewa jagħmlu sforz akbar għal din il-kwistjoni. B'riżultat ta' dan, dan ixekkel l-ambizzjonijiet tagħna għas-settur agrikolu fit-totalità tiegħu biex ikun hemm trasformazzjoni aktar rapida lejn is-sostenibbiltà ambjentali.

Il-permanenza tal-ħżin tal-karbonju fil-biedja jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod oġġettiv. Sabiex jiġi vvalutat ir-riskju ta' riversibbiltà, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għal kull attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola approssimazzjoni tal-permanenza tal-ħżin u abbażi ta' dan, tistabbilixxi rati ta' skont għal kull attività. Dan jippermetti lill-bdiewa jidħlu fl-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola tagħhom bl-għarfien minn qabel dwar il-permanenza u r-riskji assoċjati mad-deċiżjonijiet tagħhom u jneħħi wkoll il-piż u l-kost tal-monitoraġġ u l-verifika fit-tul.

Għall-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha titgħallem minn dawk ta' quddiem nett sabiex ma jerġax isir xogħol li diġà sar filwaqt li fl-istess ħin tistabbilixxi qafas ċar u legalment sod. L-esperti u l-bdiewa involuti fl-iskemi eżistenti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li bħalissa huma stabbiliti għandhom jkunu involuti wkoll fl-abbozzar tal-metodoloġiji biex jiġi żgurat l-iskambju tal-aħjar Prattiki u r-rati ta' adożzjoni.

Għandna nistabbilixxu wkoll standard tal-prezzijiet għall-kumpens u l-awditi tal-karbonju. Jekk ma jkun hemm l-ebda gwida dwar l-istandards tal-prezzijiet u l-kost tal-awditi, hemm riskju ta' adożzjoni ħażina mill-bdiewa.

Sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-kostijiet amministrattivi u tat-tranżazzjonijiet għall-iskemi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-rapport jipproponi li jsir użu mill-istrutturi eżistenti tal-UE għall-amministrazzjoni. Għal dan il-għan, huwa aħjar li l-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri jieħdu r-rwol tal-awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni kif ukoll jużaw il-bażi ta' data eżistenti tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) għar-reġistrazzjoni tal-impenji tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u għall-ogħla livell ta' trasparenza.

L-iżvilupp ta' qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju, solidu, kredibbli u legalment sod tal-UE dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola loġikament iwitti triq lejn ir-rikonoxximent kemm tat-naqqis fl-emissjonijiet kif ukoll tal-assorbimenti tal-karbonju fl-oqfsa eżistenti tal-EU ETS u tal-LULUCF. Dan ikompli jżid il-motivazzjoni tal-atturi kollha fil-katina tal-valur. Barra minn hekk, sabiex ma tiġix limitata l-kummerċjabbiltà tal-assorbimenti u tat-naqqis tal-karbonju, il-bdiewa għandhom ikunu limitati biss għat-naqqis fl-emissjonijiet tal-Kamp ta' applikazzjoni 3.

EMENDA

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat *għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-
Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju

Emenda

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-
Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju **u s-
sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**

Emenda 2

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-
Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u
b'mod partikolari ***l-Artikolu*** 192(1) tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-
Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u
b'mod partikolari ***l-Artikoli 43(2) u*** 192(1)
tiegħu,

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li ***jiġi żviluppat*** qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, bil-għan li jiġi inċentivat l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja, b'ħarsien sħiħ tal-oġġettivi tal-bijodiversità u ta' tniġġis zero. Huwa għodda li tappoġġa l-ilhug tal-oġġettivi tal-

Emenda

(3) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li ***jiżviluppa*** qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju ***u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola***, bil-għan li jiġi inċentivat l-użu ta' assorbimenti tal-karbonju ta' kwalità għolja ***u, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, it-tnaqqis fl-***

Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika kollettiva sal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tiġġenera emissjonijiet negattivi wara l-2050. Strument importanti għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri huwa r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **li bħalissa qiegħed jiġi rieżaminat**. L-oġġettiv tar-rieżami huwa li tiġi stabbilita mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 Mt ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030, u li jiġu allokati l-miri rispettivi lil kull Stat Membru.

emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'ħarsien sħiħ tal-oġġettivi tal-bijodiversità u ta' tniġġis żero. Huwa għodda li tappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika kollettiva sal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tiġġenera emissjonijiet negattivi wara l-2050.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119, jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis fl-emissjonijiet fossili, li se jkollu jiġi kkomplementat b'żieda fl-assorbimenti tal-karbonju sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika. Ir-Regolament (UE) 2021/119 jirrikonoxxi li l-bjar tal-karbonju jinkludu soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi. Strument importanti għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju fl-ekosistemi terrestri huwa r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/839²⁵**. L-oġġettiv tar-rieżami huwa li tiġi stabbilita mira tal-Unjoni ta' assorbimenti netti ta' 310 Mt ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030, u li jiġu allokati l-miri rispettivi lil kull Stat Membru. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ibbażati fuq l-art tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/841, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/839, u tar-rapportar skont dak ir-Regolament fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra, u wkoll mar-rapportar fl-Anness V, il-Parti 3, tar-Regolament (UE) 2018/1999. F'dan ir-rigward, ir-reviżjoni ppjanata tar-Regolament (UE) 2023/839 jenħtieġ li tħares ukoll lejn kif għandhom jiġu inkorporati l-assorbimenti tal-karbonju miksuba permezz tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-miri tal-UE u dawk nazzjonali. Barra minn hekk, fil-każ ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-Kummissjoni tista' tqis kif se tinkludi dawk fis-Sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS). Sakemm**

jidħlu fis-seħħ regoli mal-UE kollha dwar asserzjonijiet ambjentali, l-użu ta' unitajiet iċċertifikati huwa limitat għal asserzjonijiet klimatiċi fil-livell ta' kumpanji. Dan huwa limitat aktar b'mod li la jimpedixxi u lanqas inaqas l-ilħuq tal-miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-kumpanija.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fl-Unjoni li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu tal-assorbiment nett tal-karbonju, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll ***l-adozzjoni ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw kobenefiċċji għall-bijodiversità, u b'hekk jintlaħqu l-miri tar-restawr tan-natura***

Emenda

(4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fl-Unjoni li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu tal-assorbiment nett tal-karbonju, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll ***li jintlaħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra flimkien mal-assorbimenti tal-karbonju, peress li dawn it-tnejn huma marbuta b'mod***

stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar ir-restawr tan-natura. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun strumentali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

intrinsiku fiċ-ċikli naturali tagħhom. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra se jirrikjedi metodoloġija tagħhom stess għall-kontabbiltà u ċ-ċertifikazzjoni, flimkien mal-assorbimenti tal-karbonju. Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun strumentali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. **Il-qafas ta' ċertifikazzjoni volontarju tal-Unjoni jibni fuq il-ħidma pubblika u privata li għaddejja bħalissa fir-rigward ta' ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju u jikkontribwixxi għaliha.**

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jiġu appoġġati l-operaturi li jkunu lesti jagħmlu sforzi addizzjonali biex iżidu l-assorbimenti tal-karbonju b' mod sostenibbli, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jqis it-tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju, l-ispeċifitajiet tagħhom u l-impatti ambjentali relatati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi definizzjonijiet ċari tal-assorbiment tal-karbonju, tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u ta' elementi oħra tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni.

Emenda

(5) Sabiex jiġu appoġġati l-operaturi li jkunu lesti jagħmlu sforzi addizzjonali biex iżidu l-assorbimenti tal-karbonju b' mod sostenibbli, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jqis it-tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju **u ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola,** l-ispeċifitajiet tagħhom u l-impatti ambjentali relatati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi definizzjonijiet ċari tal-assorbiment tal-karbonju, **tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tal-ħżin tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra,** tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola,** u ta' elementi oħra tal-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni **u jispeċifika firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet ta' finanzjament, sew jekk privat jew jekk pubbliku.**

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) *Fir-rigward speċifiku tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ir-regolament jenħtieġ li jivvaluta l-assorbimenti tal-karbonju u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġġenerati minn proġetti ta' mitigazzjoni, dment li dawn tal-aħħar ma jkunux soġġetti għall-applikazzjoni ta' prinċipju ta' min iniġġes iħallas vinkolanti fil-livell Ewropew. L-għan huwa li jiġi żgurati appoġġ wiesa' għall-qafas ta' ċertifikazzjoni fost il-manijers tal-art, filwaqt li jkun hemm fil-mira l-ilhug tal-miri ambizzjużi tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030, li jibqgħu prijorità.*

**Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti li permezz tagħhom l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni. Għal dan il-għan, l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż u robust; u jenħtieġ li jiġu ġġenerati biss minn attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, li jkunu addizzjonali, li jkollhom l-għan li jiżguraw il-ħżin fit-tul tal-karbonju, u li jkollhom impatt newtrali jew kobenefiċċju fuq l-oġġettivi ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, l-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn partijiet terzi sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' ċertifikazzjoni. Hemm fis-seħħ regoli

(6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti li permezz tagħhom l-assorbimenti tal-karbonju ***u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jenħtieġ li jkunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni. Għal dan il-għan, l-assorbimenti tal-karbonju ***u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra taħt is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż u robust ***filwaqt li jitqies il-livell ta' inċertezza tagħhom sabiex jiġi llimitat ir-riskju li l-kwantità ta' CO₂ mneħħi mill-atmosfera tiġi stmata b'mod eċċessiv***; u jenħtieġ li jiġu ġġenerati biss minn attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, li jkunu addizzjonali, li

obbligatorji tal-Unjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju stabbiliti permezz tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ li jirregolaw it-trattament tal-emissjonijiet minn attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, ħlief fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti ta' emissjonijiet minn bijomassa sostenibbli li għandhom klassifikazzjoni zero f'konformità mal-Anness IV tagħha.

jkollhom l-għan li jiżguraw il-ħżin fit-tul tal-karbonju, ***jew, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, wieħed temporanju***, u li jkollhom impatt newtrali jew kobenefiċċju fuq l-oġġettivi ta' sostenibbiltà. ***Għall-assorbimenti tal-karbonju u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba permezz tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, dawn jenħtieġ li jiġu kkwantifikati wkoll b'mod preċiż u robust, b'informazzjoni pprovduta permezz tal-bażi ta' data tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS); jenħtieġ li jkunu wkoll addizzjonali u joħlqu kobenefiċċji.*** Barra minn hekk, l-assorbimenti tal-karbonju ***u l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn partijiet terzi sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' ċertifikazzjoni. Hemm fis-seħħ regoli obbligatorji tal-Unjoni dwar l-ipprezzar tal-karbonju stabbiliti permezz tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ li jirregolaw it-trattament tal-emissjonijiet minn attivitajiet koperti minn dik id-Direttiva. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/87/KE, ħlief fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti ta' emissjonijiet minn bijomassa sostenibbli li għandhom klassifikazzjoni zero f'konformità mal-Anness IV tagħha.

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

²⁶ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

(6a) Il-produzzjoni tal-faħam bijoloġiku jenħtieġ li taderixxi ma' kriterji stretti ta' sostenibbiltà, bħal dawk stabbiliti miċ-Ċertifikat Ewropew tal-Faħam Bijoloġiku u għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja u tas-sors tal-input ipprovduta minn parti terza. Għall-applikazzjoni fil-ħamrija, il-limiti biex jiġu ggarantiti l-użu u l-ħżin sikuri huma stabbiliti fir-regolament tal-UE dwar il-prodotti fertilizzanti. Limiti għal applikazzjonijiet oħra eż. l-użu fil-materjali huma stabbiliti fiċ-Ċertifikat Ewropew tal-Faħam Bijoloġiku.

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 7

(7) Attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. Il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju li attività tal-assorbiment tal-karbonju tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. Jenħtieġ li tiġi ppreferuta linja bażi standardizzata li tirrifletti l-prestazzjoni standard ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji diġitali

(7) Attività **ċċertifikata** tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. Il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju li attività tal-assorbiment tal-karbonju tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. **Barra minn hekk, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw ukoll it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilit skont il-linja bażi.** Jenħtieġ li tiġi ppreferuta linja bażi standardizzata li tirrifletti l-prestazzjoni standard ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet

disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi u mill-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u **biex tiġi mħeġġa** l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li jiġu aġġornati **perjodikament**.

amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji diġitali disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, **is-sistemi ta' kwantifikazzjoni tal-karbonju ġodda fuq il-post**, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi u mill-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. **Jenħtieġ li r-rekwiżiti fuq il-protezzjoni tad-data jkunu għoljin, peress li ħafna mid-data miġbura tista' tkun data personali**. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u **titħeġġeġ** l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li jiġu **perjodikament** aġġornati **filwaqt li l-piż amministrattiv jinżamm ġestibbli, b'mod partikolari għall-operaturi individwali**.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tieni pass għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata mal-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. L-emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra li jenħtieġ li jitqiesu jinkludu l-emissjonijiet diretti, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' aktar

Emenda

(8) It-tieni pass għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jikkonsisti fit-tnaqqis ta' kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatata mal-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. L-emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra li jenħtieġ li jitqiesu jinkludu l-emissjonijiet diretti, bħal dawk li jirriżultaw mill-użu ta' aktar

fertilizzanti, fjuwil jew enerġija, jew emissjonijiet indiretti, bħal dawk li jirriżultaw mit-tibdil fl-użu tal-art, b'riskji konsegwenti għas-sigurtà alimentari minħabba l-ispostament tal-produzzjoni agrikola. ***Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li ma jittqiesx biex jiġi kkwantifikat il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, iżda jenħtieġ li jittqies bħala kobenefiċċju lejn l-oġettiv ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; billi jiġi rrapportat fuq iċ-ċertifikati***, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (***bħall-kobenefiċċji tas-sostenibbiltà l-oħra***) jista' jżid il-valur tal-assorbimenti tal-karbonju ċċertifikati.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Attività tal-assorbiment tal-karbonju twassal għal benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju meta l-assorbimenti tal-karbonju 'l fuq mil-linja bażi jegħlbu kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba l-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Pereżempju, fil-każ ta' attivitajiet li jwasslu għal ħżin permanenti tal-karbonju billi l-karbonju jiġi injettat taħt l-art, l-ammont ta' karbonju maħżun b'mod permanenti jenħtieġ li jkun akbar mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija mill-proċess industrijali. Fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ***il-karbonju*** li jinqabad minn attività ta' tisgħir jew il-karbonju li jinżamm fl-art minn attività ta' tixrib mill-ġdid tat-torbieri jenħtieġ li jegħleb l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettag l-attività tal-assorbiment tal-karbonju jew mill-emissjonijiet ta' tibdil indirett fl-użu tal-art

fertilizzanti, fjuwil jew enerġija, jew emissjonijiet indiretti, bħal dawk li jirriżultaw mit-tibdil fl-użu tal-art, b'riskji konsegwenti għas-sigurtà alimentari minħabba l-ispostament tal-produzzjoni agrikola. ***Ir-rapportar tal-kobenefiċċji dwar iċ-ċertifikati jista' jżid il-valur tal-primjum tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola***, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***għandu jittqies għall-benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola tal-attività***.

Emenda

(9) Attività tal-assorbiment tal-karbonju twassal għal benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju meta l-assorbimenti tal-karbonju 'l fuq mil-linja bażi jegħlbu kwalunkwe żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba l-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Pereżempju, fil-każ ta' attivitajiet li jwasslu għal ħżin permanenti tal-karbonju billi l-karbonju jiġi injettat taħt l-art, l-ammont ta' karbonju maħżun b'mod permanenti jenħtieġ li jkun akbar mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija mill-proċess industrijali. Fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, ***il-benefiċċju tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola nett tal-karbonju*** li jinqabad minn attività ta' tisgħir jew il-karbonju li jinżamm fl-art minn attività ta' tixrib mill-ġdid tat-torbieri jenħtieġ li ***jkun pożittiv u jenħtieġ li*** jegħleb l-emissjonijiet mill-makkinarju li jintuża biex titwettag l-

li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

attività tal-assorbiment tal-karbonju jew mill-emissjonijiet ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li jistgħu jiġu kkawżati mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. ***Il-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-forestiera jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, li għandu jiġi kkwantifikat u meqjus bħala parti mill-benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.***

Emenda 12
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti u komparabbli. L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' stima eċċessiva tal-kwantità tad-diossidu tal-karbonju assorbit mill-atmosfera. L-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'livell għoli ta' akkuratizza biex tiġi żgurata l-oġhla kwalità u jiġu mminimizzati l-inċertezzi. Barra minn hekk, sabiex jiġu inċentivati s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, ***jeħtieġ li jkun*** meħtieġ monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tingħata għajnuna għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar bis-satellita u fuq il-post tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jirriflettu mill-qrib dawk l-approċċi, u jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji avvanzati disponibbli fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà eżistenti, u jiżguraw konsistenza mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.

Emenda

(10) L-assorbimenti tal-karbonju jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, komplut, konsistenti u komparabbli ***u definit sew***. L-inċertezzi fil-kwantifikazzjoni jenħtieġ li jiġu rrapportati u jitqiesu kif xieraq sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' stima eċċessiva tal-kwantità tad-diossidu tal-karbonju assorbit mill-atmosfera. L-assorbimenti tal-karbonju ***u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li jiġu kkwantifikati b'livell għoli ta' akkuratizza ***u trasparenza, f'konformità mal-kriterji vvalidati u konsistenti*** biex tiġi żgurata l-oġhla kwalità u jiġu mminimizzati l-inċertezzi. Barra minn hekk, sabiex jiġu inċentivati s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, ***huwa*** meħtieġ monitoraġġ imtejjeb tal-art, u b'hekk tingħata għajnuna għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura madwar l-Unjoni. Il-monitoraġġ u r-rapportar bis-satellita u fuq il-post tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti jeħtieġ li jirriflettu mill-qrib dawk l-approċċi, u jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġiji avvanzati disponibbli fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni, bħal Copernicus, billi jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġà

eżistenti, u jiżguraw konsistenza mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni **jagħti** inċentivi lejn l-assorbimenti tal-karbonju li jmorru lil hinn mill-prattika standard, jenħtieġ li l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju jkunu addizzjonali. Għalhekk, dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji, jiġifieri, jenħtieġ li l-operaturi jwettqu attivitajiet li ma humiex diġà imposti fuqhom mil-liġi applikabbli. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jsiru minħabba l-effett ta' inċentiv ipprovdut miċ-ċertifikazzjoni. Tali effett huwa preżenti meta l-inċentiv li jinħoloq mid-dħul potenzjali, u li jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, jibdel l-imġiba tal-operaturi b'tali mod li jinvolvu ruħhom fl-attività addizzjonali tal-assorbiment tal-karbonju biex jiksbu assorbimenti addizzjonali tal-karbonju.

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tirrifletti l-kundizzjonijiet statutorji u tas-suq li permezz tagħhom isseħħ l-attività tal-assorbiment tal-karbonju. Jekk attività

Emenda

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni **jiddirezzjona** inċentivi lejn l-assorbimenti tal-karbonju **u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra** li jmorru lil hinn mill-prattika standard, jenħtieġ li l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** jkunu addizzjonali. Għalhekk, dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti statutorji, jiġifieri, jenħtieġ li l-operaturi jwettqu attivitajiet li ma humiex diġà imposti fuqhom mil-liġi applikabbli. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** jenħtieġ li jsiru minħabba l-effett ta' inċentiv ipprovdut miċ-ċertifikazzjoni **u jenħtieġ li jippermettu lill-operaturi jadottaw Prattiki li jiġġeneraw dħul addizzjonali fuq bażi volontarja**. Tali effett huwa preżenti meta l-inċentiv li jinħoloq mid-dħul potenzjali, u li jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni, jibdel l-imġiba tal-operaturi b'tali mod li jinvolvu ruħhom fl-attività addizzjonali tal-assorbiment tal-karbonju biex jiksbu assorbimenti addizzjonali tal-karbonju.

Emenda

(12) Linja bażi standardizzata jenħtieġ li tirrifletti l-kundizzjonijiet statutorji u tas-suq li permezz tagħhom isseħħ l-attività tal-assorbiment tal-karbonju **jew tas-**

tal-assorbiment tal-karbonju tiġi imposta fuq l-operaturi mil-liġi applikabbli, jew ma jkollha bżonn l-ebda inċentiv biex isseħħ, il-prestazzjoni tagħha tiġi riflessa fil-linja bażi. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li attivit tal-assorbiment tal-karbonju li tiġġenera assorbimenti tal-karbonju li jaqbżu tali linja bażi tiġi preżunta bħala addizzjonali. Għalhekk, l-użu ta’ linja bażi standardizzata jenħtieġ li jissimplifika d-dimostrazzjoni tal-addizzjonalit għall-operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess ta’ ċertifikazzjoni, li huwa partikolarment importanti fil-każ ta’ manijers tal-art fuq skala zġħira.

sekwestru tal-karbonju f’art agrikola. Jekk attivit tal-assorbiment tal-karbonju tiġi imposta fuq l-operaturi mil-liġi applikabbli, jew ma jkollha bżonn l-ebda inċentiv biex isseħħ, il-prestazzjoni tagħha tiġi riflessa fil-linja bażi. ***Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola fil-ħamrija minerali li tinħadem, il-linja bażi standardizzata tista’ titqies bħala fissa, minħabba l-fatt li r-rati attwali tal-assorbiment tal-karbonju fuq il-ħamrija minerali fl-UE huma bħala medja qrib iż-zero.*** Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li attivit tal-assorbiment tal-karbonju li tiġġenera assorbimenti tal-karbonju li jaqbżu tali linja bażi tiġi preżunta bħala addizzjonali. Għalhekk, l-użu ta’ linja bażi standardizzata jenħtieġ li jissimplifika d-dimostrazzjoni tal-addizzjonalit għall-operaturi. Għalhekk, jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess ta’ ċertifikazzjoni, li huwa partikolarment importanti fil-każ ta’ manijers tal-art fuq skala zġħira.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta’ attivit tal-assorbiment tal-karbonju jista’ jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġigħ lura) minħabba kawżi naturali jew antropoġeniċi. ***Għalhekk***, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta’ monitoraġġ stabbilit għall-attivit rilevanti tal-assorbiment tal-karbonju. Il-validit tal-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li tiddependi fuq id-durata mistennija tal-ħżin u r-riskji differenti tat-treġġigħ lura assoċjati mal-attivit partikolari tal-

Emenda

(13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta’ attivit tal-assorbiment tal-karbonju jista’ jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġigħ lura) minħabba kawżi naturali jew antropoġeniċi. ***It-tipi differenti ta’ attivitjiet ta’ assorbiment tal-karbonju jvarjaw f’termini tal-proċess ta’ assorbiment, il-mezz tal-ħżin u l-perjodi ta’ żmien tal-ħżin, li jistgħu jvarjaw minn deċennji għal sekli sħaħ għas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju f’ċerti prodotti, għal saħansitra ħżin permanenti. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli differenti għal dawn it-tipi ta’ attivitjiet. Kemm l-assorbimenti tal-***

assorbiment tal-karbonju. L-attivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju. Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, il-validità tal-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li **tkun** soġġetta għal data ta' skadenza li **taqbel mat-tmiem tal-perjodu** ta' **monitoraġġ rilevanti**. **Minn hemm 'il quddiem, il-karbonju** jenħtieġ li **jiġi preżunt** li **jiġi rilaxxat fl-atmosfera, sakemm l-operatur ekonomiku** ma **jagħtix prova taż-żamma tal-ħżin** tal-karbonju permezz ta' **attivitajiet** ta' **monitoraġġ mingħajr interruzzjoni**.

karbonju permanenti kif ukoll temporanju jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi, iżda taħt kundizzjonijiet differenti. Jenħtieġ li l-operaturi **jitħeġġu** jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit għall-attività rilevanti tal-assorbiment tal-karbonju. Il-validità tal-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li tiddependi fuq id-durata mistennija tal-ħżin u r-riskji differenti tat-treġġiġh lura assoċjati mal-attività partikolari tal-assorbiment tal-karbonju. **Fost possibiltajiet oħra**, l-attivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju. Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, il-validità tal-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li **ma tkunx** soġġetta għal data ta' skadenza **iżda jenħtieġ** li **tiġi ddefinita aktar skont l-attività** ta' **sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni**. **Ir-riskju ta' riversibbiltà tal-ħżin tal-karbonju** jenħtieġ li **jitqies fir-rata perċentwali ta' unitajiet** li **għandhom jitqiegħdu f'raggruppament ġestit mill-iskema ta' ċertifikazzjoni, kif stabbilit fl-att delegat għal kull attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**. **Il-manigġers tal-portafoll tal-assorbiment tal-karbonju jista' jkollhom ukoll l-għażla ta' mekkaniżmu ta' responsabbiltà** **proporzjonat li jimmonitorja l-prestazzjoni tal-lonġevità fil-portafoll kollu pereżempju permezz ta' taħlita ta' teknoloġiji ta' telerilevament u ta'**

kampjunar in situ. Il-bdiewa jenħtieġ li ma jìgux skoraġġuti milli jwettqu attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jaħżnu l-karbonju fuq bażi temporanja, peress li dawn l-attivitajiet jistgħu jissekwestraw ammonti sinifikanti ta' karbonju fuq terminu qasir. Ir-riskju ta' riversibbiltà ta' dan il-ħżin temporanju tal-karbonju jista' jìgi indirizzat permezz ta' għodod bħal fondi mutwi, sistemi ta' assigurazzjoni jew ta' ribass.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Minbarra l-miżuri li jittieħdu biex jìgi mminimizzat ir-riskju ta' rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera matul il-perjodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jìgu introdotti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa biex jìgu indirizzati każijiet ta' treġġiġh lura. Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-iskontar ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, buffers kollettivi jew ta' kontijiet ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni bil-quddiem. Peress li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fir-rigward tal-ħżin ġeoloġiku u t-tnixxija tas-CO₂, u l-miżuri korrettivi rilevanti diġà ġew stabbiliti bid-Direttiva 2003/87/KE u bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, daww il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u l-miżuri korrettivi jenħtieġ li japplikaw biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja.

Emenda

(14) Minbarra l-miżuri li jittieħdu biex jìgi mminimizzat ir-riskju ta' rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera matul il-perjodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jìgu introdotti mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa biex jìgu indirizzati każijiet ta' treġġiġh lura, ***filwaqt li jitqiesu l-avvenimenti ta' temp estrem u ta' force majeure li jistgħu jaffettwaw il-ħżin tal-karbonju bbażati fuq l-art.*** Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu, pereżempju, l-iskontar ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u ta' unitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, fondi mutwi,*** buffers kollettivi jew ta' kontijiet ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***jew ta' unitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola,*** u mekkaniżmi ta' assigurazzjoni bil-quddiem. Peress li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fir-rigward tal-ħżin ġeoloġiku u t-tnixxija tas-CO₂, u l-miżuri korrettivi rilevanti diġà ġew stabbiliti bid-Direttiva 2003/87/KE u bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, daww il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u l-miżuri korrettivi jenħtieġ li japplikaw biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni doppja.

²⁷ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għas-sostenibbiltà, anki jekk il-kompromessi ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Dawk ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif xieraq, u filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet lokali, ***jibnu fuq il-kriterji*** tekniċi ta' skrinjar għal "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" fir-rigward ***tal-attivitajiet tal-forestrija u l-ħżin*** ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139²⁸, ***u fuq il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-materja prima tal-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***²⁹. ***Il-prattiki, bħall-monokulturi***

²⁷ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

Emenda

(15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku għas-sostenibbiltà, anki jekk il-kompromessi ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà ***ambjentali, ekonomika u soċjali*** biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, ***il-protezzjoni tal-kwalità tal-ħamrija u l-prevenzjoni tal-erożjoni, il-produttività agrikola, il-kwalità tal-prodotti, ir-remunerazzjoni ġusta tal-operaturi***, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ***b'bażi bijoloġika*** ċirkolari, u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. ***L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma tridx tipperikola l-kapaċità produttiva tal-azjendi agrikoli u tal-forestrija iżda fl-istess ħin tippovdi opportunitajiet ekonomiċi ġodda għall-bdiewa. Għalhekk, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li ma jkollux impatt newtrali fuq is-sigurtà tal-***

tal-foresti, li jipproduċu effetti dannużi għall-bijodiversità jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni.

ikel, il-produzzjoni tal-ikel, id-disponibbiltà u l-provvista tal-ikel fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi. Dawk ir-
rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif
xieraq, u filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet
lokali, *jkunu konsistenti mal-kriterji*
tekniċi ta' skrinjar għal "La Tagħmilx
Ħsara Sinifikanti" fir-rigward *tal-ħżin*
ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂,
stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-
Kummissjoni (UE) 2021/2139²⁸. *L-*
attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art
agrikola jenħtieġ li jiġġeneraw
kobenefiċċji pożittivi għal mill-inqas
prattika addizzjonali waħda stabbilita,
bħall-prevenzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-
ilma, il-protezzjoni tal-kwalità tal-ħamrija
u l-prevenzjoni tal-erożjoni, il-produttività
agrikola, il-kwalità tal-prodott, ir-
remunerazzjoni ġusta tal-operaturi, il-
protezzjoni tal-bijodiversità u oħrajn.

²⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

²⁹ *Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).*

²⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-prattiki tal-biedja li **jassorbu** s-CO₂ mill-atmosfera jikkontribwixxu għall-objettiv **li tinkiseb in-newtralità klimatika** u jenħtieġ li jiġu ppremjati, jew **permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jew permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati oħra. B'mod speċifiku, dan ir-Regolament** jenħtieġ li **jqis il-prattiki tal-biedja kif imsemmija fil-Komunikazzjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli**³⁰.

³⁰ *Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800.*

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-operaturi jew gruppi ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' sostenibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju, żviluppati mill-Kummissjoni. Il-metodoloġiji ta'

Emenda

(16) Il-prattiki tal-biedja li **jneħħu** s-CO₂ mill-atmosfera **jew inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra rilaxxati** jikkontribwixxu għall-objettiv **tan-newtralità klimatika u jipprovdu kobenefiċċji pożittivi għall-ekosistemi, il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima** u jenħtieġ li jiġu ppremjati, **permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati, bħall-finanzjament privat sostenibbli, is-swieq volontarji tal-karbonju u d-dikjarazzjonijiet tal-prodotti jew jiġu kkummerċjalizzati fis-sistema tal-kwoti tal-emissjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li l-krediti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jipprovdu fluss ta' introjtu addizzjonali għall-bdiewa, il-valur tal-krediti jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn barra l-Politika Agrikola Komuni (PAK), filwaqt li l-PAK tista' tkopri l-istabbiliment tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.**

Emenda

(17) L-operaturi jew gruppi ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji **soċjali, ambjentali u ekonomiċi** li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' sostenibbiltà lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju, żviluppati mill-Kummissjoni. Il-

ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali se jagħtu aktar valur ekonomiku lill-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju u se jirriżultaw fi dħul oġhla għall-operaturi. ***Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, huwa xieraq li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta dwar l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jipprovdu kobenefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità.***

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Huwa xieraq li jiġu żviluppati metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzat, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat mill-attività tal-assorbiment tal-karbonju, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira u għas-sidien tal-foresti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn

metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali se jagħtu aktar valur ekonomiku lill-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju u se jirriżultaw fi dħul oġhla għall-operaturi.

Emenda

(18) Huwa xieraq li jiġu żviluppati metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzat, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk il-metodoloġiji jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** ġġenerat mill-attività tal-assorbiment ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, f'konformità ma' kriterji vvalidati u konsistenti fl-UE*** filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv ***u finanzjarju*** sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira u għas-sidien tal-foresti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġiji

ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, jibnu fuq skemi u metodoloġiji pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli ***u dik l-aktar reċenti, u fuq is-sitwazzjoni fuq il-post***, jibnu fuq skemi u metodoloġiji pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. ***L-iżvilupp ta' dawn il-metodoloġiji jenħtieġ li jinkludi sejħa għal evidenza li tappoġġa l-abbozzar tal-metodoloġiji u sejħa għal feedback dwar l-abbozz tal-metodoloġiji, u tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati interessati kollha l-possibbiltà li jikkontribwixxu.***

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kredibbli u affidabbli, jenħtieġ li l-attivitajiet ***ta' assorbiment*** tal-karbonju jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn parti terza. B'mod partikolari, l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditu ta' ċertifikazzjoni inizjali qabel l-implimentazzjoni tagħhom, li jivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża l-kwantifikazzjoni korretta tal-benefiċċju mistenni tal-assorbiment nett tal-karbonju. L-attivitajiet ***ta' assorbiment*** tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex tiġi vverifikata l-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi,

Emenda

(19) Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kredibbli u affidabbli, jenħtieġ li l-attivitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju u tas-sekwestru*** tal-karbonju ***f'art agrikola*** jkunu soġġetti għal awditjar indipendenti minn parti terza. B'mod partikolari, l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awditu ta' ċertifikazzjoni inizjali qabel l-implimentazzjoni tagħhom, li jivverifika l-konformità tagħhom mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża l-kwantifikazzjoni korretta tal-benefiċċju mistenni tal-assorbiment nett tal-karbonju. L-attivitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju u tas-sekwestru*** tal-karbonju ***f'art agrikola*** jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal awditi perjodiċi ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid biex tiġi vverifikata l-konformità tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati. Għal dan il-għan, il-

u l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fid-deskrizzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, u fir-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, **il-prezz massimu għall-awditu ta' ċertifikazzjoni**, u l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fid-deskrizzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**, u fir-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

Emenda 22 Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-ġhoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-manigġers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizzazzjoni aħjar tal-assorbimenti tal-karbonju huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti li spiss ma jkollhomx l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplementaw attivitajiet **ta' assorbiment** tal-karbonju u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa **xieraq li l-organizzazzjonijiet** tal-produtturi **jintalbu** jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniċu lill-membri tagħhom. Il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta' informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera.

Emenda

(20) L-ġhoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-manigġers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizzazzjoni aħjar tal-assorbimenti tal-karbonju **u tal-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti li spiss ma jkollhomx **ir-riżorsi finanzjarji**, l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplementaw attivitajiet **tal-assorbiment tal-karbonju u tas-sekwestru** tal-karbonju **f'art agrikola** u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa **importanti li jiġu pprovduti l-linji gwida meħtieġa u l-inċentivi finanzjarji** li **jippermettu lill-organizzazzjonijiet** tal-produtturi **u lill-kooperattivi** jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniċu lill-membri tagħhom. Il-Politika Agrikola Komuni, u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat, jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta'

informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera.

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Huwa xieraq li ċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju jkunu l-bażi ta' użi finali differenti, bħall-kompilazzjoni ta' inventarji nazzjonali u korporattivi tal-gassijiet serra, inkluż fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, il-prova ta' asserzjonijiet relatati mal-klima u ta' asserzjonijiet korporattivi ambjentali oħra (inkluż dwar il-bijodiversità), jew l-iskambju ta' unitajiet ivverifikati tal-assorbiment tal-karbonju permezz ta' swieq volontarji ta' kumpens tal-karbonju. Għal dan il-għan, iċ-ċertifikat jenħtieġ li jkun fih informazzjoni preċiża u trasparenti dwar l-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inklużi l-assorbimenti totali u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika jew temenda ulterjorment l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-

Emenda

(21) Huwa xieraq li ċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jkunu l-bażi ta' użi finali differenti, bħall-kompilazzjoni ta' inventarji nazzjonali u korporattivi tal-gassijiet serra, inkluż fir-rigward tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, il-prova ta' asserzjonijiet relatati mal-klima u ta' asserzjonijiet korporattivi ambjentali oħra (inkluż dwar il-bijodiversità), jew l-iskambju ta' unitajiet ivverifikati tal-assorbiment tal-karbonju permezz ta' swieq volontarji ta' kumpens tal-karbonju. Għal dan il-għan, iċ-ċertifikat jenħtieġ li jkun fih informazzjoni preċiża u trasparenti dwar l-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inklużi l-assorbimenti totali u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju ***u, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika jew temenda ulterjorment l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati.

³¹ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Sabiex tiġi żgurata verifika akkurata, robusta u trasparenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni responsabbli għat-twertiq taċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess possibbli, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu kompletament indipendenti mill-operatur li jwettaq l-attività tal-assorbiment tal-karbonju li hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-proċess ta' ċertifikazzjoni billi jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni, u billi jinformat l-iskemi ta' ċertifikazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

³² Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-

Emenda

(22) Sabiex tiġi żgurata verifika akkurata, robusta u trasparenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni responsabbli għat-twertiq taċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** jenħtieġ li jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³². ***Għall-finijiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, dawn l-awtoritajiet ta' akkreditazzjoni nazzjonali jenħtieġ li jkunu aġenziji nazzjonali tal-pagamenti.*** Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess possibbli, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkunu kompletament indipendenti mill-operatur li jwettaq l-attività tal-assorbiment tal-karbonju ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** li hija soġġetta għaċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-proċess ta' ċertifikazzjoni billi jissorveljaw t-tħaddim tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-awtoritajiet nazzjonali ta' akkreditazzjoni, u billi jinformat l-iskemi ta' ċertifikazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti ta' nuqqas ta' konformità.

³² Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orìġini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-data sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ***ivverifikati*** tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, kontabilità u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, dawk ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-objettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera.

Emenda

(23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orìġini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-data sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ***tal-assorbiment tal-karbonju, tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jew tat-tnaqqis tal-gassijiet serra vverifikati, iġġenerata b'attività ċċertifikata***, b'mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. ***Filwaqt li unità tal-assorbiment tal-karbonju u unità tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola huma ugwali f'termini tal-għadd ta' tunnellati ta' karbonju mneħħi u fil-kriterji tal-kwalità, kif stabbilit fil-metodoloġija taċ-ċertifikazzjoni, dawn iwarjaw f'termini tat-tul tal-validità tal-unità, minħabba d-differenza fil-permanenza tal-karbonju maħżun.*** Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, kontabilità u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. ***Fir-rigward tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-għadd doppju, l-informazzjoni kollha meħtieġa***

dwar iċ-ċertifikati tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jenħtieġ li tkun disponibbli fis-sistema tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS), marbuta mal-irqajja' speċifiċi li jibbenefikaw mill-iskema. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, dawk ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-objettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv **u finanzjarju** mhux meħtieġ għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera.

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu reġistri pubbliċi interoperabbli sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà sħiħa taċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività tal-assorbiment tal-karbonju minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività tal-assorbiment tal-karbonju jew unità tal-assorbiment tal-karbonju. Ir-reġistri jenħtieġ li jaħżnu d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, inklużi s-sommarji tal-awditi ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika. Ir-reġistri jenħtieġ li

Emenda

(26) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu reġistri pubbliċi interoperabbli sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà sħiħa taċ-ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività tal-assorbiment tal-karbonju minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi reġistru ċentralizzat tal-Unjoni li jkun fih b'mod kompletament aċċessibbli għall-pubbliku l-informazzjoni rilevanti kollha. L-informazzjoni kollha f'dan ir-reġistru ċentrali għandha tkun faċli biex tiġi nnavigata u mfittxija. Jenħtieġ li skemi ta' ċertifikazzjoni jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tinħażen u ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika fir-***

jirreġistraw ukoll l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu standards u regoli tekniċi dwar il-funzjonament u l-interoperabbiltà ta' dawk ir-reġistri.

reġistru tal-Unjoni. Għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-frodi fir-rigward tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-irqajja' fis-sistema tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) diġà marbuta ma' skema eżistenti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola mhux konformi ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jitqisux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament.

Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività tal-assorbiment tal-karbonju jew unità tal-assorbiment tal-karbonju. Ir-reġistri jenħtieġ li jaħżnu d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, inklużi s-sommarji tal-awditi ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u jaġmluhom disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika. Ir-reġistri jenħtieġ li jirreġistraw ukoll l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu standards u regoli tekniċi dwar il-funzjonament u l-interoperabbiltà ta' dawk ir-reġistri.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod standardizzat u kosteffettiv, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' attivitajiet differenti ta' assorbiment tal-karbonju, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ

Emenda

(28) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod standardizzat u kosteffettiv, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' attivitajiet differenti ta' assorbiment tal-karbonju, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ

li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għal tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' temenda wkoll l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejjiġa, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejjiġa ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejjiġa ta' atti delegati.

³⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju minn operaturi jew gruppi ta' operaturi. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju billi jistabbilixxi:

li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għal tipi differenti ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' temenda wkoll l-Anness II li jelenka l-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fiċ-ċertifikati. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet **pubbliċi** xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejjiġa, anke fil-livell ta' esperti, **u inkluża talba għal evidenza u feedback**, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejjiġa ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejjiġa ta' atti delegati, **u mill-inqas rwol konsultattiv fihom**.

³⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

Emenda

1. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita **u jappoġġa** l-użu tal-assorbimenti tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** minn operaturi jew gruppi ta' operaturi **filwaqt li jiġi żgurat l-impenn għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meħtieġ skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119**. Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-

assorbimenti tal-karbonju ***u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** billi jistabbilixxi:

Emenda 29
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju li jseħħu fl-Unjoni;

Emenda

(a) kriterji tal-kwalità għall-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** li jseħħu fl-Unjoni;

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) regoli ***għall-verifika*** u ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju;

Emenda

(b) regoli ***għall-monitoraġġ, ir-responsabbiltà, il-verifika*** u ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola***;

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) regoli ta' tranżizzjoni għall-użu aħħari tal-unitajiet iċċertifikati

Emenda 32
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Dan il-qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ma japplikax għall-emissjonijiet

2. Dan il-qafas volontarju tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju***

li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, bl-eċċezzjoni tal-ħżin tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn bijomassa sostenibbli li jkunu ugwali għal żero skont l-Anness IV tagħha.

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

f'art agrikola ma japplikax għall-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, bl-eċċezzjoni tal-ħżin tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn bijomassa sostenibbli li jkunu ugwali għal żero skont l-Anness IV tagħha.

Emenda

Artikolu 1a

Regoli ta' tranżizzjoni għall-użu aħħari tal-unitajiet iċċertifikati

Sad-dħul fis-seħħ tar-regoli għall-UE kollha dwar l-asserzjonijiet ekoloġiċi, impriża, kif definita fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 2013/34/UE, tista' tuża l-unitajiet iċċertifikati skont dan ir-Regolament għal asserzjonijiet volontarji dwar il-klima biss jekk dan la jimpedixxi u lanqas inaqqas l-ilħuq tal-miri tagħha għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, f'konformità mal-istandards tar-rapportar tal-UE dwar is-sostenibbiltà adottati skont l-Artikolu 29b tad-Direttiva 2013/34/UE.

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) “assorbiment tal-karbonju” tfisser jew il-ħżin ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku f'raggruppamenti tal-karbonju **ġeoloġiku**, f'raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku, fi prodotti u f'materjali dejjiema, u fl-ambjent tal-baħar, **jew it-tnaqqis tar-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku**

Emenda

(a) “assorbiment tal-karbonju” tfisser jew il-ħżin ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku f'raggruppamenti tal-karbonju **litosferiku**, f'raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku, fi prodotti u f'materjali dejjiema, u fl-ambjent tal-baħar;

fl-atmosfera;

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) “attività tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser prattika jew proċess wieħed jew aktar li jitwettaq minn operatur li jirriżulta fi ħżin permanenti tal-karbonju, li jtejjeb il-qbid tal-karbonju f’raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, **u b’hekk inaqqs ir-rilaxx tal-karbonju minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera**, jew il-ħżin ta’ karbonju atmosferiku jew bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

Emenda

(b) “attività tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser prattika jew proċess wieħed jew aktar li jitwettaq minn operatur li jirriżulta fi ħżin permanenti tal-karbonju, li jtejjeb il-qbid tal-karbonju f’raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, jew il-ħżin ta’ karbonju atmosferiku jew bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) “**Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra**” tfisser **it-tnaqqis fir-rilaxx tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn raggruppament tal-karbonju bijoġeniku fl-atmosfera u t-tnaqqis marbut mal-ġestjoni tal-art jew kostali, il-ġestjoni tal-foresti, il-prattiki tal-biedja u l-prattiki tat-trobbija tal-animali**”;

Emenda

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew li tikkontrolla attività tal-assorbiment tal-karbonju, jew li lilha tkun ġiet delegata setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-

Emenda

(d) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew li tikkontrolla attività tal-assorbiment tal-karbonju **jew tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola**, jew li lilha tkun ġiet

funzjonament tekniku tal-attività;

delegata setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-attività; **għall-finijiet tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, operatur huwa bidwi kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2021/2115 jew sid ta' foresta jew forestier kif definit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jista' juri l-kontroll fit-tul tal-art. F'każijiet ta' kiri, il-benefiċċji finanzjarji jew il-premju li jirriżultaw mill-iskema għandhom jaslu għand il-manijer tal-art li jagħmel ix-xogħol, u mhux għand is-sid tal-art;**

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) “grupp ta’ operaturi” tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn operatur wieħed u li hija responsabbli għall-iżgurar li dawk l-operaturi jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament;

Emenda

(e) “grupp ta’ operaturi” tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn operatur wieħed u li hija responsabbli għall-iżgurar li dawk l-operaturi jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament. **Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, grupp ta' operaturi tfisser entità ġuridika li tirrappreżenta aktar minn bidwi, sid jew manijer jew kollettivitajiet jew kooperattivi tal-foresti wieħed;**

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) “perjodu ta’ monitoraġġ” tfisser perjodu, li d-durata tiegħu tiġi ddeterminata f’konformità mat-tip ta’ attività tal-assorbiment tal-karbonju, li matulu l-ħżin tal-karbonju jiġi mmonitorjat mill-operatur;

Emenda

(f) “perjodu ta’ monitoraġġ” tfisser perjodu, li d-durata tiegħu tiġi ddeterminata f’konformità mat-tip ta’ attività tal-assorbiment tal-karbonju **u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**, li matulu l-ħżin tal-karbonju jiġi mmonitorjat mill-operatur, **jew minn grupp ta’ operaturi;**

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li, f’ċirkostanzi normali u permezz ta’ prattiki ta’ ġestjoni xierqa, taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal ***diversi sekli***, inkluża l-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja;

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) “sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju relatata ***mal-ġestjoni*** tal-art li tirriżulta fiż-żieda ***tal-ħżin*** tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jittejjeb il-qbid tal-karbonju u/jew jitnaqqas ir-rilaxx tal-karbonju fl-atmosfera;

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li, f’ċirkostanzi normali u permezz ta’ prattiki ta’ ġestjoni xierqa, taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal ***perjodu ta’ żmien sinifikanti***, inkluża l-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju, ***il-faħam bijoloġiku*** u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja;

Emenda

(h) “sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju ***u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra*** relatata ***mal-prattiki tal-farms, il-ġestjoni kostali jew tal-art, l-agrikoltura, il-ġestjoni tat-trobbija tal-annimali jew*** tal-art li tirriżulta fiż-żieda ***fil-ħżin*** tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jittejjeb il-qbid tal-karbonju u/jew jitnaqqas ir-rilaxx tal-karbonju ***u ta’ emissjonijiet tal-gassijiet serra oħrajn*** fl-atmosfera ***permezz ta’ ġestjoni mtejba tal-art, kostali, tal-forestrija, tat-trobbija tal-annimali u ta’ prattiki tal-farms;***

Emenda

(ħa) “ħżin tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola” tfisser attività tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola li

taħżen il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku fil-bijomassa ħaġġa, fil-faħam bijoloġiku, fil-ħamrija u fil-materja organika mejta kif definiti għal kull attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni;

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) “ħżin tal-karbonju fil-prodotti” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li taħżen karbonju atmosferiku u bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

Emenda

(i) “ħżin tal-karbonju fil-prodotti” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** li taħżen karbonju atmosferiku u bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) “skema ta' ċertifikazzjoni” tfisser ***skema*** ġestita minn organizzazzjoni privata jew pubblika li tissorvelja ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-operaturi jew tal-grupp ta' operaturi ma' dan ir-Regolament;

Emenda

(k) “skema ta' ċertifikazzjoni” tfisser ***inizjattiva, magħmula minn sett ta' impenji*** ġestita minn organizzazzjoni privata jew pubblika li tissorvelja ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-operaturi jew tal-grupp ta' operaturi ma' dan ir-Regolament;

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(oa) “unità tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola” tfisser ***tunnellata ta' benefiċċju ċertifikat tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat minn attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u rreġistrat minn skema ta'***

Emenda

ċertifikazzjoni.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(oa) “treġġigħ lura” tfisser kwalunkwe rilaxx tal-karbonju assorbit, maħżun u ċċertifikat li jseħħ matul il-perjodu ta’ monitoraġġ.

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ob) “unità għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra” tfisser tunnellata waħda ta’ benefiċċju fil-forma ta’ tnaqqis iċċertifikat ta’ emissjonijiet netti tal-gassijiet serra tas-CO₂ jew tas-CO₂ ekwivalenti iġġenerat mill-attività tas-sekwestru tal-karbonju f’art agrikola u rreġistrat minn skema ta’ ċertifikazzjoni.

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt oc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(oc) “faħam bijoloġiku” tfisser materjal stabbli, poruż, karbonjuż prodott bit-trattament pirolitiku ta’ materja prima organika.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-assorbimenti tal-karbonju għandhom ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

L-assorbimenti tal-karbonju ***u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** għandhom ikunu eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skont dan ir-Regolament meta jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiġu ġġenerati minn attività tal-assorbiment tal-karbonju li tikkonforma mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7;

Emenda

(a) jiġu ġġenerati minn attività tal-assorbiment tal-karbonju ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** li tikkonforma mal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7;

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) GHG_{żieda} hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra, ***minbarra dawk minn raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola***, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.

Emenda

(c) GHG_{żieda} hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju

Emenda

2. Fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju

f'art agrikola, $CR_{linja\ ba\zi}$ u CR_{total} għandhom jinftiehem bħala assorbimenti netti ta' gassijiet serra jew emissjonijiet f'konformità mar-regoli kontabilistiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841.

f'art agrikola, *il-benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandu jinftiehem bħala l-benefiċċju nett tal-assorbiment tal-karbonju flimkien ma' benefiċċju ta' tnaqqis nett tal-gassijiet serra u għandu jiġi kkwantifikat bil-formula li ġejja:*

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Benefiċċju nett tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola = $[(CR_{linja\ ba\zi} - CR_{total} - GHG_{\acute{z}ieda}) > 0] + [(GHG_{linja\ ba\zi} - GHG_{tnaqqis}) > 0]$ fejn:

Emenda 54
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) $CR_{linja\ ba\zi}$ hija l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi;

Emenda 55
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) CR_{total} hija l-assorbimenti totali tal-karbonju tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) GHG_{żieda} hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra, minbarra dawk minn raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku fil-każ ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.

Emenda 57
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) GHG_{total} hija r-rilaxx tal-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra meqjusa f' CO_2 jew CO_2 ekwivalenti, miksub permezz tal-implimentazzjoni tal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

Emenda 58
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) $GHG_{linja\ ba\zi}$ hija r-rilaxx ta' emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra tas-sit tal-attività.

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. F'dan il-każ, $CR_{linja\ ba\zi}$ u CR_{total} għandhom jinftehemu bħala assorbimenti jew emissjonijiet netti tal-gassijiet serra f'konformità mar-regoli kontabilistiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/841.

Emenda 60
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c), għandhom jiġu indikati b'sinjal negattiv (-) jekk ikunu assorbimenti netti ta' gassijiet serra u b'sinjal pożittiv (+) jekk ikunu emissjonijiet netti ta' gassijiet serra; dawn għandhom jiġu espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju.

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, **komplut**, konsistenti, komparabbli u trasparenti.

Emenda 62
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 63
Proposta għal regolament

PE745.292v04-00

148/191

RR\1289493MT.docx

Emenda

3. Il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c), **u fil-paragrafu 2(a), (b), (c) u (d) (e)** għandhom jiġu indikati b'sinjal negattiv (-) jekk ikunu assorbimenti netti ta' gassijiet serra **jew, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tnaqqis** u b'sinjal pożittiv (+) jekk ikunu emissjonijiet netti ta' gassijiet serra; dawn għandhom jiġu espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju.

Emenda

4. L-assorbimenti tal-karbonju għandhom jiġu kkwantifikati b'mod rilevanti, akkurat, **ibbażat fuq l-evidenza, robust**, konsistenti, komparabbli u trasparenti, **ibbażat fuq kriterji validi u fuq livell uniformi mal-UE kollha.**

Emenda

4a. L-iskemi kollha ta' ċertifikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola vverifikati b'mod f'waqtu, mingħajr ma tingħata ebda prijorità lil xi metodoloġija jew settur partikolari.

Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-linja bażi għandha tikkorrispondi għall-prestazzjoni **standard** tal-assorbiment tal-karbonju ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.

Emenda

5. Il-linja bażi għandha tikkorrispondi għall-prestazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju **jew, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' prattiki komuni attwali** ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi simili u tqis il-kuntest ġeografiku.

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għal sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq ħamrija minerali li tinħadem, il-linja bażi standardizzata tkun fissa, u din hija ekwivalenti għal assorbimenti żero.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. **B'deroga mill-paragrafu 5, fejn ikun debitament ġustifikat, il-linja** bażi tista' tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali **tal-assorbiment tal-karbonju** ta' dik l-attività.

6. **Il-linja** bażi tista' tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali ta' dik l-attività **jew, fil-każ ta' attività ta' tnaqqis tal-gassijiet serra tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, fuq valutazzjoni individwali tal-emissjonijiet diretti u indiretti marbuta mas-sit tal-attività, jew fuq il-verifika tal-ħażniet tal-karbonju individwali reali minn korp indipendenti.**

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)

Primjum imtejjeb għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jista' jinkiseb permezz ta'azzjonijiet ulterjuri li juru titjib f'indikaturi ambjentali oħra, bħal titjib fil-biodiversità jew il-miżuri li jnaqqsu l-użu ta' fjuwils fossili, u jrid jiġi vverifikat minn korp indipendenti.

Emenda 67
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-linja bażi għandha tiġi aġġornata perjodikament.

Emenda

7. Il-linja bażi għandha tiġi aġġornata perjodikament, **iżda għandha tibqa' konsistenti għall-operatur tul il-perjodu ta' monitoraġġ ladarba tkun bdiet attività tal-assorbiment tal-karbonju jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.**

Emenda 68
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Sabiex **tiġi appoġġata** l-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jiġbor data dwar l-assorbimenti tal-karbonju u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod kompatibbli mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u **l-Parti 3 tal-Anness V** tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

9. Sabiex **jiġu appoġġati** l-kwantifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju **u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra** ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-operatur jew il-grupp ta' operaturi għandu jiġbor data dwar l-assorbimenti tal-karbonju u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod kompatibbli mal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra skont ir-Regolament (UE) 2018/841 u **l-Anness V, il-Parti 3,** tar-Regolament (UE) 2018/1999 **b'metodi simplifikati għall-operaturi fuq skala iżghira, kif previst fl-Artikolu 8.3.**

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) isseħħ minħabba l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni.

Emenda

(b) isseħħ minħabba l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni, ***il-ħolqien ta' unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju u l-monetizzazzjoni tagħha.***

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandha tkun addizzjonali. Għal dak il-għan, l-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandha tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) tmur lil hinn mir-rekwiżiti statutorji tal-Unjoni u nazzjonali, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti statutorji rilevanti ta' ġestjoni u l-istandards tal-KAAT stabbiliti skont il-Kapitolu I, it-Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2021/2115 u r-rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mid-dritt nazzjonali u tal-Unjoni;

(b) isseħħ minħabba l-effett ta' inċentiv taċ-ċertifikazzjoni u l-ħolqien ta' unitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew [it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra] u l-monetizzazzjoni tagħha.

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta l-linja bażi tkun stabbilita skont l-Artikolu 4(5), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1 titqies li tkun ġiet osservata. Meta l-linja bażi tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(6), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), għandha tintwera permezz ta' testijiet speċifiċi.

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu juri li attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha l-għan li tiżgura l-ħżin fit-tul tal-karbonju.

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għandu jimmonitorja u jimmitiga kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ;

Emenda 74
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għandu jkun soġġett għal

PE745.292v04-00

2. Meta l-linja bażi tkun stabbilita skont l-Artikolu 4(5), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1 **u 1(a)** titqies li tkun ġiet osservata. Meta l-linja bażi tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(6), l-addizzjonalità kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), għandha tintwera permezz ta' testijiet speċifiċi.

Emenda

1. Operatur jew grupp ta' operaturi għandu **jimpenja ruħu li** juri li attività tal-assorbiment tal-karbonju **jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola** għandha l-għan li tiżgura l-ħżin fit-tul **u, fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-ħżin temporanju** tal-karbonju.

Emenda

(a) għandu jimmonitorja u jimmitiga kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ. **Għall-assorbiment tal-karbonju tal-faħam bijoloġiku, għandu jipprovdi evidenza xjentifika b'saħħitha li treggħigh lura ta' forma solida (eż. karbonati jew faħam bijoloġiku) tal-karbonju għal CO₂ huwa pprevenut;**

(b) għandu jkun soġġett għal

Emenda

152/191

RR\1289493MT.docx

mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ.

mekkaniżmi ta' responsabbiltà xierqa, ***bħal pereżempju għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, perċentwal ta' krediti li jridu jitqiegħdu f'raggruppament ġestit mill-iskema ta' ċertifikazzjoni, li trid tiġi definita aktar f'att delegat, sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta' monitoraġġ bl-eċċezzjoni ta' fejn tapplika l-force majeure. Tali ċirkostanzi jistgħu jiġu protetti permezz ta' fond mutwu jew mekkaniżmu tal-assigurazzjoni.***

Emenda 75
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u*** għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-karbonju li jinħażen b'attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ.

Emenda

3. Għall-ħżin tal-karbonju fil-prodotti, il-karbonju li jinħażen b'attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ.

Emenda 76
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-użu tal-faħam bijoloġiku, din id-dispożizzjoni ma tapplikax jekk il-karbonju jkun marbut b'mod permanenti f'matriċi tal-minerali (konkrit) jew fil-ħamrija li ma jistax jiġi sseparat jew rilaxxat minnha.

Emenda

Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-karbonju maħżun għandu jitqies bħala rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta' valutazzjoni tal-permanenza inkluż fil-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni, dment li jiġi rrispettat il-perjodu minimu ta' monitoraġġ, sakemm l-operatur jew il-grupp ta' operaturi ma jġeddidx il-perjodu

billi jagħti prova tal-manutenzjoni kontinwa u mingħajr interruzzjoni tal-attività u l-monitoraġġ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew maniġer tal-portafoll tal-assorbiment tal-karbonju jassumi r-responsabbiltà u jiżgura, bħala parti mill-monitoraġġ tal-portafoll kollu, il-kontinwazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-monitoraġġ wara tmiem il-perjodu ta' monitoraġġ.

Fejn il-politika pubblika, fl-interess pubbliku, titlob li l-bdiewa jwettqu attività li tnaqqas il-ħażniet tal-karbonju tagħhom, il-bidwi mhux se jinżamm responsabbli għall-impatt fuq il-ħażniet tal-karbonju ta' tali attivitajiet meħtieġa.

Għandhom jitħeġġu attivitajiet ta' tisħiħ preventiv li jevitaw ir-rilokazzjoni naturali tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jkollha impatt newtrali **fuq** jew tiġġenera kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin:

Emenda

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju **permanenti** għandu jkollha impatt newtrali jew tiġġenera kobenefiċċji għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin:

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-tranzizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

Emenda

(d) it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari **b'bażi bijoloġika u l-aċċess għal materja prima rinnovabbli**;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) il-produttività agrikola inkluż is-sigurtà tal-produzzjoni agrikola;

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) il-kwalità tal-prodotti agrikoli;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) l-introjt ta' bdiwa jew ir-riżultat ekonomiku ta' operazzjoni tal-farm;

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fd) is-sigurtà u d-disponibbiltà tal-ikel.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandu jkollhom impatt newtrali fuq l-oġġettivi ta' sostenibbiltà kollha li ġejjin u għandhom jiġġeneraw kobenefiċċji pożittivi għal mill-inqas wieħed mill-oġġettivi ta'

sostenibbiltà li ġejjin:

(a) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-prattiki agrikoli, kif ukoll iż-żamma tal-ħażniet eżistenti tal-karbonju u t-titjib fis-sekwestru tal-karbonju;

(b) l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż azzjonijiet biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel u d-diversità tal-annimali u tal-pjanti għal reżistenza aqwa għall-mard u t-tibdil fil-klima;

(c) il-protezzjoni jew it-titjib tal-kwalità tal-ilma u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma;

(d) it-tranzizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'bażi bijoloġika;

(e) il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija u l-erożjoni tal-ħamrija, ir-restawr tal-ħamrija, it-titjib tal-fertilità tal-ħamrija u tal-ġestjoni tan-nutrijenti u l-bijota tal-ħamrija;

(f) il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-konservazzjoni jew ir-restawr ta' habitats jew speċijiet, inkluż iż-żamma u l-ħolqien ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jew żoni mhux produttivi;

(g) l-azzjonijiet għal użu sostenibbli u mnaqqas ta' pestiċidi u fertilizzanti sintetiċi, b'mod partikolari dawk li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

(h) il-produttività agrikola inkluż is-sigurtà tal-produzzjoni agrikola;

(i) il-kwalità tal-prodotti agrikoli;

(j) l-introjt u tal-bdiewa jew ir-riżultat ekonomiku tal-operazzjoni tal-farm;

(k) is-sigurtà u d-disponibbiltà tal-ikel.

L-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandu jkollha wkoll impatt newtrali jew tiġġenera kobenefiċċji f'termini ta' sostenibbiltà soċjali u

ekonomika.

Attività tal-assorbiment tal-karbonju jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola ma għandhiex twassal għall-ħtif tal-art u għall-ispekulazzjoni tal-art.

Emenda 84
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1***, attività tal-assorbiment tal-karbonju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8.

Emenda

2. Għall-finijiet ***tal-paragrafi 1 u 2***, attività tal-assorbiment tal-karbonju ***u tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà stabbiliti fil-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni, stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 8 ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar rekwiżiti sostenibbli, jew fejn rilevanti u disponibbli għal dawk stabbiliti fir-regolament korrispondenti dwar is-sostenibbiltà settorjali, bħall-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-attivitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.***

Emenda 85
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta operatur jew grupp ta' operaturi jirrapporta kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġettivi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, dan għandu jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom ***jinċentivaw kemm jista' jkun il-ġenerazzjoni*** ta' kobenefiċċji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti

Emenda

3. Meta operatur jew grupp ta' operaturi jirrapporta kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-oġettivi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 ***u 1a*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi tas-sostenibbiltà msemmija fil-paragrafu 2, ***il-mod kif inhuma rrapportati skont dan ir-regolament*** għandu jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 8. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom ***jinkludu deskrizzjoni*** ta' kobenefiċċji li

minimi tas-sostenibbiltà, ***b'mod partikolari għall-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1(f).***

jmorru lil hinn mir-reqwiziti minimi tas-sostenibbiltà, ***u jipprovdu premju addizzjonali għal tali kobenefiċċji.***

Emenda 86
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal attivitajiet relatati mal-ħżin permanenti tal-karbonju, mas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta, ***fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal attivitajiet relatati mal-ħżin permanenti tal-karbonju, mas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.

Huma jistgħu jkunu bbażati fuq metodoloġiji, jew jikkonsistu minn metodoloġiji, użati fi proġetti eżistenti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, li l-esperti rilevanti jkunu ppreżentaw lill-Kummissjoni matul il-konsultazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.

Emenda 87
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qabel ma tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjoni pubblika bir-reqqa, li tinkludi wkoll esperti involuti fil-proġetti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola attwalment fis-seħħ, rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-bdiewa u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju.

Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-metodoloġiji għandhom iqisu

d-diversità tal-ħamrija, tal-klima, tat-temperatura u ta' kuntesti rilevanti oħra tal-Istati Membri differenti.

Barra minn hekk, għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, kwalunkwe attività li tissekwestra l-karbonju u tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-livell tal-farms tista' tiġi ċċertifikata. Meta jseħħu diversi attivitajiet differenti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fil-livell tal-farms, tista' ssir ċertifikazzjoni unika tal-farms. Fl-att delegat, il-Kummissjoni għandha tippreżenta metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għal mill-inqas l-attivitajiet elenkati fl-Anness III. Dan l-Anness u l-att delegat għandhom jiġu rieżaminati perġodikament biex jinkludu attivitajiet ġodda jew innovattivi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, imħejjija f'konformità mal-kriterji elenkati fil-paragrafu 3 u wara konsultazzjoni mal-esperti involuti fil-proġetti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola attwalment fis-seħħ, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-bdiewa, inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju.

Emenda 88
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-oġġettivi li tiġi żgurata r-robustezza tal-assorbimenti tal-karbonju u li jiġu rikonoxxuti l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi;

Emenda

(a) l-oġġettivi li tiġi żgurata r-robustezza tal-assorbimenti tal-karbonju u ***t-tnaqqis tal-gassijiet serra u*** li jiġu rikonoxxuti l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi;

Emenda 89
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-objettiv li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira;

Emenda

(b) l-objettiv li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv **u finanzjarju** għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira **speċjalment għall-Artikolu 4, il-paragrafu 9;**

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-istandards u l-aħjar Prattiki eżistenti fil-metodoloġiji taċ-ċertifikazzjoni;

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-eżiti tad-deliberazzjonijiet ta' grupp ta' esperti li jikkonsisti minn esperti tal-Istati Membri u esperti oħra;

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) l-eżiti ta' konsultazzjoni pubblika kif stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt dd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dd) *l-eżiti ta' sejħa għal evidenza speċifika għall-atti rispettivi;*

Emenda 94
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt de (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(de) *l-eżitu ta' sejħa għal feedback dwar abbozz tal-atti rispettivi;*

Emenda 95
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Biex japplika għal ċertifikazzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti applikazzjoni għal skema ta' ċertifikazzjoni. Malli dik l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti lil korp ta' ċertifikazzjoni deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluża l-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikata biex jiġu vvalutati l-konformità mal-Artikoli 4 sa 7, it-total mistenni tal-assorbimenti tal-karbonju u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju. Il-gruppi ta' operaturi għandhom jispeċifikaw ukoll kif jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari lill-operaturi ***tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** fuq skala żgħira.

1. Biex japplika għal ċertifikazzjoni ta' konformità ma' dan ir-Regolament, operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti applikazzjoni għal skema ta' ċertifikazzjoni. Malli dik l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jissottometti lil korp ta' ċertifikazzjoni deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju, inkluża l-metodoloġija ta' ċertifikazzjoni applikata biex jiġu vvalutati l-konformità mal-Artikoli 4 sa 7, it-total mistenni tal-assorbimenti tal-karbonju u l-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju, ***jew il-benefiċċju tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola***. Il-gruppi ta' operaturi għandhom jispeċifikaw ukoll ***il-mod*** kif jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza dwar l-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ***u għandhom jispeċifikaw il-mod kif jipproponu li jimminimizzaw il-piż amministrattiv għall-maniġers tal-art***, b'mod partikolari lill-operaturi tal-karbonju fuq skala żgħira. ***Għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu pariri lill-bdiewa fil-qafas tas-servizzi konsultattivi***

msemmija fl-Artikolu 15 jew fir-Regolament (UE) 2021/2115. Għal operaturi jew gruppi ta' operaturi involuti fi proġetti ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola transfruntiera u/jew f'bosta pajjiżi, l-iskema ta' ċertifikazzjoni tista' taħtar korp ta' ċertifikazzjoni uniku għall-proġetti kollha ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola transfruntiera u f'bosta pajjiżi.

Emenda 96
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, roqgħa agrikola rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) stabbilita fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2116/2021 li diġà hija ċċertifikata fi skema differenti għall-assorbiment tal-karbonju jew għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhiex tkun eliġibbli biex tapplika għaċ-ċertifikazzjoni.

Emenda 97
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditu ta' ċertifikazzjoni biex jivverifika l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 u biex jikkonferma l-konformità tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju mal-Artikoli 4 sa 7. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu joħroġ rapport tal-awditur ta' ċertifikazzjoni, li jinkludi sommarju, u ċertifikat li jkun fih, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. L-

2. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jwettaq awditu ta' ċertifikazzjoni biex jivverifika l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1 u biex jikkonferma l-konformità tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju mal-Artikoli 4 sa 7. Bħala riżultat ta' dak l-awditu ta' ċertifikazzjoni, il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu joħroġ rapport tal-awditur ta' ċertifikazzjoni, li jinkludi sommarju, u, **meta l-informazzjoni li jipprova l-operatur jew grupp ta' operaturi**

iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat, u tagħmel is-sommarju tar-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku f'reġistru msemmi fl-Artikolu 12.

tikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7, għandu joħroġ ċertifikat li jkun fih, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II. L-iskema ta' ċertifikazzjoni għandha tikkontrolla r-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat, u tagħmel is-sommarju tar-rapport tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikat disponibbli għall-pubbliku f'reġistru msemmi fl-Artikolu 12.

Emenda 98
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jappoġġa lill-korp ta' ċertifikazzjoni matul l-awditi ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, b'mod partikolari billi jagħti aċċess għall-bini tal-attività u jipprovdi d-data u d-dokumentazzjoni rilevanti.

Emenda

4. L-operatur jew grupp ta' operaturi għandu jappoġġa lill-korp ta' ċertifikazzjoni matul l-awditi ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, b'mod partikolari billi jagħti aċċess għall-bini tal-attività u jipprovdi d-data u d-dokumentazzjoni rilevanti, ***u jiżgura l-konformità mar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data personali, l-ġharfien u s-sigrieti kummerċjali;***

Emenda 99
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi tad-deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju msemmija fil-paragrafu 1, u tar-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemmija fil-paragrafi 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta'

Emenda

5. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi tad-deskrizzjoni komprensiva tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju ***jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola*** msemmija fil-paragrafu 1, u tar-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni u ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, ***kif ukoll il-prezz massimu għall-awditu ta' ċertifikazzjoni stabbilit b'rabta mal-***

eżami msemmija fl-Artikolu 17.

benefiċċju totali tal-assorbiment tal-karbonju nett jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola nett tal-operaturi jew tal-grupp ta' operaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati minn awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.

³⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p.30).

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni maħtura minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati minn awtorità nazzjonali tal-akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.

Għall-finijiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, l-awtorità nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandha tkun l-aġenzija nazzjonali tal-pagamenti skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

³⁷ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p.30).

2a. Se jiġi żviluppat qafas li jiżgura l-

konsistenza fl-Istati Membri kollha li jippermetti t-tħaddim ta' skema ta' ċertifikazzjoni komuni madwar l-Unjoni.

Emenda 102
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Skema ta' ċertifikazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm kif xieraq regjistru pubbliku biex tagħmel l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni aċċessibbli **għall-pubbliku**, inklużi ċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u l-kwantità tal-unitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju ċ-ċertifikati f'konformità mal-Artikolu 9. Dawk ir-reġistri għandhom jużaw sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi, u għandhom ikunu interoperabbli.

Emenda

1. Skema ta' ċertifikazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm kif xieraq regjistru pubbliku (**“regjistru ta' skema ta' ċertifikazzjoni”**) biex tagħmel l-informazzjoni relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni **pubblikament u faċilment** aċċessibbli **b'mod li jkun faċli li titfittex**, inklużi ċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u l-kwantità tal-unitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju, **l-unitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, u l-unitajiet tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra** ċ-ċertifikati f'konformità mal-Artikolu 9. Dawk ir-reġistri għandhom jużaw sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi, u għandhom ikunu interoperabbli.

Emenda 103
Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1a. Għall-finijiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-prattiki ta' ġestjoni relatati mal-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju; l-isem tal-iskema ta' ċertifikazzjoni u n-numru jew il-kodiċi uniku taċ-ċertifikat fuq roqgħa agrikola partikolari għandhom jiġu inklużi fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-irqajja' agrikoli, stabbilita fl-Artikolu 68 tar-Regolament

Emenda

(UE) 2116/2021.

Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi u żżomm kif xieraq regjistru pubbliku (“regjistru tal-Unjoni”) li se jitrassponi f’regjistru komuni d-data mir-reġistri kollha tal-iskemi ta’ ċertifikazzjoni stabbiliti fl-UE. L-iskemi ta’ ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni inkluża fil-paragrafu għall-finijiet tal-istabiliment u ż-żamma tar-regjistru tal-Unjoni.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni *tista’* tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-reġistri pubbliċi, u tar-reġistrazzjoni, taż-żamma jew tal-użu ta’ unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda

2. Il-Kummissjoni *għandha* tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabilixxu l-istruttura, il-format u d-dettalji tekniċi tar-reġistri pubbliċi *u tar-regjistru tal-Unjoni*, u tar-reġistrazzjoni, taż-żamma jew tal-użu ta’ unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 17.

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Ir-reqwiżiti għall-proċessi ta’ notifika u rikonoxximent għandhom jiżguraw l-aċċessibilità għal skemi ta’ ċertifikazzjoni iżgħar.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Minbarra r-Rapport li l-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Lulju 2026 kif imsemmi fid-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif għandu jitqies it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, li jirriżulta mill-attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 u kif dan għandu jkun kopert mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Minbarra r-Rapport li l-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament kif imsemmi fir-Regolament 2018/841, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif għandhom jitqiesu l-assorbimenti tal-karbonju, li jirriżultaw mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, għall-mira tal-Unjoni għall-2030 fir-rigward tal-assorbimenti netti tal-gassijiet serra.

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Minbarra l-iżviluppi possibbli jew in-nuqqas ta' żviluppi fl-arena internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, fejn xieraq, li tipproponi qafas għal skemi ta' ċertifikazzjoni għal

pajjiżi terzi li lesti jallinjaw mal-istandards ta' ċertifikazzjoni tal-UE jew li jikkonformaw ma' arranġamenti ekwivalenti.

Emenda 109
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2)(a);

Emenda

(h) ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' rilaxx tal-karbonju maħżun imsemmi fl-Artikolu 6(2)(a) ***u perjodu ta' monitoraġġ minimu meħtieġ għall-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;***

Emenda 110
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ia) *il-valutazzjoni tar-riskju għal kull attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li tistabbilixxi r-rata perċentwali ta' unitajiet li għandhom jitqiegħdu f'raggruppament ġestit mill-iskema ta' ċertifikazzjoni;*

Emenda

(ia) ***il-valutazzjoni tar-riskju għal kull attività tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li tistabbilixxi r-rata perċentwali ta' unitajiet li għandhom jitqiegħdu f'raggruppament ġestit mill-iskema ta' ċertifikazzjoni;***

Emenda 111
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ka) *il-kriterji tal-kwalità għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;*

Emenda

(ka) ***il-kriterji tal-kwalità għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola;***

Emenda 112
Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(kb) ir-regoli għall-verifika u ċertifikazzjoni tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

Emenda 113

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt kc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(kc) l-iffissar tal-istandards għall-punt tal-prezz tal-unitajiet tal-assorbiment tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u tat-tnaqqis tal-gassijiet serra;

Emenda 114

Proposta għal regolament

Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' attivitajiet ta' sekwestru tal-karbonju f'art agrikola eliġibbli għal ċertifikazzjoni

Attivitajiet tan-natura u tal-pajsaġġ

Natura u Pajsaġġ

Tħawwil ta' ringieli ta' sġajriet

Tħawwil ta' siġar f'artijiet bl-għelejjel u bil-ħaxix

Ħolqien ta' habitats mifruxa/postijiet ta' mistrieħ għall-ħajja selvaġġa b'kopertura ta' pjanti permanenti fuq art agrikola

Attivitajiet ta' artijiet mistagħdra u torbieri

Restawr ta' alka kostali

Restawr ta' marġ kostali

Restawr ta' veġetazzjoni ta' għarm kostali

Restawr ta' torbieri - tixrib mill-ġdid /

tnaqqis fl-iskular ta' torbieri tal-ilma ħelu
Żoni ta' bijoretenzjoni tal-ilma tax-xita /
“ġbir tal-ilma tax-xita” Paludikultura
Attivitajiet ta' art tal-għelejjel
Konverżjoni ta' art tal-għelejjel f'art bil-
ħaxix permanenti
Kultivazzjoni ta' pjanti b'għeruq fondi
Kultivazzjoni annwali ta' għelejjel ta'
kopertura / tħaddir permanenti, kif ukoll
għelejjel diġà miżrugħa
Kultivazzjoni ta' għelejjel perenni
Rotazzjonijiet ta' għelejjel b'arrikkiment
tal-karbonju organiku fil-ħamrija / għażla
ta' għelejjel
Kultivazzjoni ta' għelejjel li jinħartu
Żamma ta' residwi tal-għelejjel
Bidla fis-sistema tal-ħdim tar-raba' - għal
ħdim tar-raba' mnaqqas jew ebda ħdim
tar-raba' (ħdim fi strixxi), kif ukoll
tnaqqis fil-kumpattezza tal-ħamrija
b'makkinarju tqil, inkluż l-użu ta'
karreġġati permanenti
Ħdim tar-raba' b'inverżjoni profonda
Sistemi agroforestali
Imsaġar u vinji b'kopertura minima tal-
ħamrija
Linjoċellulożi minn produzzjoni agrikola
Faħam bijoloġiku bħala addittiv tal-
ħamrija
Kultivazzjoni ta' pjanti tal-fibra bħala
materja prima industrijali għal prodotti li
jibqgħu tajbin għal perjodu medju sa twil
Kultivazzjoni ta' għelejjel perenni tal-
għalf / Attivitajiet ta' artijiet bil-ħaxix
permanententi
Konverżjoni ta' bwar f'taħlitiet ta' ħxejjex
u legumi
Intrużjoni tal-pjanti tal-injam fuq artijiet
li kienu mergħat u artijiet għar-ragħa tal-
annimali

Ragħa – Intensità Ottimali

*Restawr ta' art bil-ħaxix degradata
permezz ta' intensità ta' ġestjoni ottimali*

*Restrizzjonijiet tal-ħinijiet tal-qtugħ għal
ġestjoni li tiffavorixxi l-insetti u l-
għasafar*

Attivitajiet tal-forestrija

Afforestazzjoni / Reforestazzjoni

*Ġestjoni tal-foresti ottimizzata
b'sekwestru tal-karbonju*

*Konverżjoni għal foresti bi speċijiet
imħallta u klima stabbli*

*Tixrib mill-ġdid / tnaqqis fl-iskular tal-
foresti fuq torbieri bi produttività baxxa*

*Truf ta' foresti kklassifikati bħala rikki fl-
ispeċijiet*

*Miżuri li jtejbu l-fawna u l-fungi /
Konverżjoni ta' msajġar f'foresti biż-żkuk
u l-għeruq imħawla fl-art*

Attivitajiet ta' trobbija tal-annimali

Ekometan

Attivitajiet ta' ġestjoni kostali

*Tnaqqis fid-degradazzjoni tal-qigħan tal-
algi tal-qiegħ*

Emenda 115
Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ia) il-benefiċċju nett tas-sekwestru tal-
karbonju f'art agrikola msemmi fl-
Artikolu 4(2)*

Emenda 116
Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(j) l-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a);

(j) L-assorbimenti tal-karbonju taħt il-linja bażi msemmija fl-Artikolu 4(1)(a), **jew l-Artikolu 4(2)(a)**;

Emenda 117

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) l-assorbimenti totali tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 4(1)(b);

Emenda

(k) L-assorbiment totali tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 4(1)(b); **jew fl-Artikolu 4(2)(b)**;

Emenda 118

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) iż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1)(c);

Emenda

(l) iż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(1)(c); **jew fl-Artikolu 4(2)(c)**;

Emenda 119

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni

(o) **kwalunkwe** kobenefiċċji **sostenibbli msemmi** fl-Artikolu 7(3);

Emenda

(o) **jekk l-attività tal-assorbiment tal-karbonju jew tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola tiġġenerax** kobenefiċċji **għal xi wieħed mill-obiettivi ta' sostenibbiltà msemmija** fl-Artikolu 7(1) u 7(1a);

Emenda 120

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) **it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif imsemmi fl-**

Artikolu 4(2)(d).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju	
Referenzi	COM(2022)0672 – C9-0399/2022 – 2022/0394(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 1.2.2023	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 1.2.2023	
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	11.5.2023	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Martin Hlaváček 29.3.2023	
Eżami fil-kumitat	23.5.2023	28.6.2023
Data tal-adozzjoni	30.8.2023	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 31 - : 6 0 : 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Asger Christensen, Ivan David, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, José Manuel Fernandes, Luke Ming Flanagan, Paola Ghidoni, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Colm Markey, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Bronis Ropė, Anne Sander, Sarah Wiener	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Theresa Bielowski, Franc Bogovič, Christophe Clergeau, Lara Comi, Rosanna Conte, Marie Dauchy, Anna Deparnay-Grunenberg, Lena Düpont, Emmanouil Fragkos, Charles Goerens, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Ivo Hristov, Jan Huitema, Ladislav Ilčić, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Petros Kokkalis, Zbigniew Kuźmiuk, Sylvia Limmer, Benoît Lutgen, Cristina Maestre Martín De Almagro, Gabriel Mato, Tilly Metz, Alin Mituța, Dan-Ștefan Motreanu, Sandra Pereira, Pina Picierno, Tonino Picula, Nicola Procaccini, Katarína Roth Nevedálová, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Riho Terras, Irène Tolleret, Tom Vandenkendelaere, Achille Variati, Hilde Vautmans, Adrián Vázquez Lázara, Thomas Waitz, Emma Wiesner	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Erik Poulsen	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

31	+
ECR	Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk
ID	Rosanna Conte, Paola Ghidoni, Gilles Lebreton
PPE	Asim Ademov, Daniel Buda, Salvatore De Meo, José Manuel Fernandes, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Gabriel Mato, Anne Sander, Christine Schneider, Michaela Šojdová, Tom Vandenkendelaere
Renew	Asger Christensen, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Alin Mituța, Ulrike Müller, Erik Poulsen
S&D	Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Cristina Maestre Martín De Almagro, Juozas Olekas, Achille Variati
The Left	Chris MacManus

6	-
ID	Ivan David
S&D	Maria Noichl
Verts/ALE	Benoît Biteau, Claude Gruffat, Martin Häusling, Sarah Wiener

2	0
The Left	Luke Ming Flanagan
Verts/ALE	Bronis Ropë

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

29.6.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

Is-Sur Pascal Canfin
President
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Brussell

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju (COM(2022)0672 – C9-0399/2022 – 2022/0394(COD))


Sur President,

Fit-28 ta' Marzu, il-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) iddeċidew li jfasslu opinjoni fil-forma ta' ittra, bil-President bħala r-Rapporteur, dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju COM(2022)0672; 2022/0394(COD). Il-Kumitat ITRE ngħata kompetenzi kondiviżi skont l-Artikolu 57 dwar diversi dispożizzjonijiet.

Il-Kumitat ITRE adotta din l-opinjoni fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2023.

Jekk jogħġbok sib l-emendi tal-Kumitat ITRE mehmuża fl-Anness, li ġentilment nitolbok tressaq għall-votazzjoni dwar l-abbozz ta' rapport fil-kumitat tiegħek.

Dejjem tiegħek,



Cristian-Silviu Bușoi

ITRE 1

Premessa 3a (ġdida)

(3a) Jenħtieġ li tinżamm il-koerenza regolatorja mad-Direttiva dwar l-ETS u l-kriterji ta' sostenibbiltà fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-integrazzjoni mad-Direttiva dwar l-ETS jenħtieġ li titqies fit-tul u jenħtieġ li tkun parti mill-valutazzjoni tar-rieżami f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.

ITRE 2

Premessa 4

(4) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fl-Unjoni li jirriżultaw f'benefiċċju mhux ambigwu tal-assorbiment nett tal-karbonju, filwaqt li jevita l-greenwashing. Fil-każ tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, tali qafas ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jħeġġeġ ukoll l-adozzjoni ta' attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju li jiġġeneraw kobenefiċċji **għal objettivi ambjentali u ekonomiċi oħra, bħall-bijodiversità, biex jinkisbu** l-miri tar-restawr tan-natura stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar ir-restawr tan-natura. **Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jippermetti ċ-ċertifikazzjoni tal-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fejn il-ħżin ġeoloġiku jsir f'pajjiżi terzi jekk jiġu sodisfati r-rekwiżiti legali u strutturali ekwivalenti.** Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni se jkun strumentali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali u fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

ITRE 3

Premessa 4a (ġdida)

(4a) Peress li l-qafas jopera fuq bażi volontarja, din il-fażi se sservi bħala fażi pilota li matulha l-operaturi u l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jibnu l-kapaċità. Abbażi tal-esperjenza miksuba matul din il-fażi, se jiġu vvalutati aktar għażliet ta' politika. Sabiex tittejjeb l-effettività tal-qafas, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati.

ITRE 4

Premessa 4b (ġdida)

(4b) Il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għandu jinkoraġġixxi wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jenfasizza r-rwol tal-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, kif ukoll programmi oħra fil-qasam tat-teknoloġiji tal-qbid u l-użu tal-karbonju, speċjalment teknoloġiji b'kapaċità ta' assorbiment tal-karbonju filwaqt li jitqiesu l-proċessi eżistenti u l-iżviluppi possibbli bl-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq ta' teknoloġiji ġodda.

ITRE 5

Premessa 4c (ġdida)

(4c) *F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom f'kooperazzjoni transdixxiplinarja, bl-involviment ta' istituzzjonijiet ta' riċerka nazzjonali u reġjonali, xjentisti, bdiewa u SMEs.*

ITRE 6

Premessa 4d (ġdida)

(4d) *Barra minn hekk, il-qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn appoġġ finanzjarju għall-inizjattivi tal-assorbiment tal-karbonju biex tiġi żgurata l-espansjoni industrijali tiegħu.*

ITRE 7

Premessa 5a (ġdida)

(5a) *Sabiex jiġi prevenut li l-karbonju jidħol fl-atmosfera matul l-użu u r-rimi tal-prodotti, jenħtieġ li jew ikun marbut kimikament b'mod li jissodisfa r-regoli tal-EU ETS inkluż għall-mineralizzazzjoni tas-CO₂ fil-prodotti simentużi tal-bini, jew jinħażen għal diversi għexieren ta' snin fi prodott traċċabbli u dejjiemi, bħall-injam maħsud użat fil-kostruzzjoni. Dawn il-prodotti jistgħu jaħżnu l-karbonju għal għexieren ta' snin wara li jkunu saru u, meta ma jibqgħux jintużaw, il-karbonju jista' jiġi ttrasferit għal sistema oħra ta' ħżin fit-tul, bħal Bijoenerġija bil-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju (BECCS).*

ITRE 8

Premessa 5b (ġdida)

(5b) *It-tmexxija Ewropea se tkun fattur importanti fl-iżvilupp ta' qafas robust ta' ċertifikazzjoni għall-assorbimenti tal-karbonju u l-ħtieġa li jiġi vvalutat aktar ir-rwol tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju u l-kreditu assoċjati fl-EU ETS. Fuq terminu medju u fit-tul, is-swieq tal-karbonju, inkluż l-EU ETS u s-swieq volontarji, jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-użu tas-CDR. Peress li t-teknoloġiji li jassorbu l-karbonju mill-atmosfera se jkunu sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE, dan jenħtieġ li jsir b'appoġġ għall-iżvilupp u l-espansjoni tat-teknoloġiji tal-assorbiment tal-karbonju, permezz ta' inċentivi bħal kuntratti għad-differenza tal-karbonju (CCfD).*

ITRE 9

Premessa 5c (ġdida)

(5c) *Element importanti ta' kwalunkwe qafas ta' politika għall-assorbimenti tal-karbonju se jkun l-iżvilupp ta' networks u infrastrutturi tat-trasport u l-ħżin tas-CO₂ fl-UE, li jorbtu l-emittenti industrijali mal-kapaċità ta' ħżin tas-CO₂, sabiex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi problematiċi mil-lat ta' dekarbonizzazzjoni kif ukoll assorbimenti tal-karbonju fil-kuntest tal-bijoenerġija bis-CCS (BECCS) u l-qbid*

dirett mill-arja (DAC);

ITRE 10

Premessa 5d (ġdida)

(5d) L-assorbimenti fit-tul tal-karbonju, kemm dawk permanenti kif ukoll dawk temporanji, se jkollhom rwol fil-kisba tal-oġġettivi klimatiċi, iżda soġġetti għal termini distinti. Jenħtieġ li jiġu applikati kundizzjonijiet aktar stretti għall-assorbimenti temporanji tal-karbonju, bħal rekwiżiti ta' monitoraġġ, ta' skadenza u ta' responsabbiltà.

ITRE 11

Premessa 5e (ġdida)

(5e) Barra minn hekk, bl-għan li jiġu sfruttati r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-prattiki u l-proċessi li jikkwalifikaw bħala attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju, il-Kummissjoni għandha timmappja l-ekosistemi tal-baħar u tal-ilma ħelu, timmonitorja u tevalwa b'mod kostanti l-possibbiltà li tinkludi s-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju blu fil-qafas ta' dan ir-Regolament, trawwem katina tal-valur industrijali ġdida għall-qbid, ir-riċiklaġġ, it-trasport u l-ħżin sostenibbli tal-karbonju u tassisti lir-reġjuni kostali u insulari bil-mezzi meħtieġa biex jilhqqu l-miri klimatiċi.

ITRE 12

Premessa 5f (ġdida)

(5f) Il-qafas taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jiżgura wkoll il-flessibbiltà meħtieġa biex ikopri l-ispeċifitàjiet reġjonali, tekniċi, strutturali u ġeofiżiċi, filwaqt li jqis il-varjetà ta' kundizzjonijiet f'termini ta' sistemi ta' produzzjoni fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom.

ITRE 13

Premessa 5g (ġdida)

(5g) Bl-għan li jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' katina tal-valur industrijali ġdida għall-qbid u r-riċiklaġġ sostenibbli tal-karbonju u l-espansjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-qasam, il-qafas taċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn inizjattivi li jinċentivaw l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida u adegwata tan-network tat-trasport u l-ħżin tas-CO².

ITRE 14

Premessa 7

(7) Attività tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li tirriżulta f'benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju li juri li twassal impatt klimatiku pożittiv. Il-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju jenħtieġ li jiġi kkalkolat billi jiġu segwiti żewġ passi. L-ewwel nett, l-operaturi jenħtieġ li jikkwantifikaw l-ammont ta' assorbimenti addizzjonali tal-karbonju

li attività tal-assorbiment tal-karbonju tkun iġġenerat meta mqabbla ma' linja bażi. Jenħtieġ li tiġi ppreferuta linja bażi standardizzata li tirrifletti l-prestazzjoni standard ta' attivitajiet komparabbli f'ċirkostanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u f'postijiet ġeografiċi simili minħabba li tiżgura l-oġġettività, timminimizza l-konformità u kostijiet amministrattivi oħra, u tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-azzjoni tal-innovaturi li diġà kienu involuti f'aktivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Fil-kuntest tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji diġitali disponibbli, inklużi l-bażijiet tad-data elettroniċi u s-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi, it-telerilevament, l-intelliġenza artifiċjali u l-apprendiment awtomatiku, u l-użu ta' mapep elettroniċi biex jitnaqqsu l-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' linji bażi u mill-monitoraġġ tal-aktivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita tali linja bażi standardizzata, tista' tintuża linja bażi speċifika għall-proġett ibbażata fuq il-prestazzjoni individwali tal-operatur. Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u teknoloġiċi u biex tiġi mħeġġa l-ambizzjoni maż-żmien f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-linji bażi jenħtieġ li **jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni u aġġornati, tal-inqas darba kull għaxar snin. Il-linji bażi għall-proġetti volontarji jenħtieġ li jkunu allinjati mas-sistemi ta' monitoraġġ u konformità użati fl-inventarji nazzjonali tal-GHG u fl-istatistika agrikola u tal-użu tal-art.**

ITRE 15

Premessa 13

- (13) Il-karbonju atmosferiku u bijoġeniku li jinqabad u li jinħażen permezz ta' attività tal-assorbiment tal-karbonju jista' jiġi rilaxxat lura fl-atmosfera (eż. treġġiġh lura) minħabba kawżi naturali jew antropoġeniċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-miżuri preventivi rilevanti kollha biex jimmitigaw dawk ir-riskji u jimmonitorjaw kif xieraq li l-karbonju jkompli jinħażen matul il-perjodu ta' monitoraġġ stabbilit għall-attività rilevanti tal-assorbiment tal-karbonju. Il-validità tal-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li tiddependi fuq id-durata mistennija tal-ħżin u r-riskji differenti tat-treġġiġh lura assoċjati mal-attività partikolari tal-assorbiment tal-karbonju. L-aktivitajiet li jaħżnu l-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi **jew permezz ta' mineralizzazzjoni tal-karbonju** jipprovdu biżżejjed ċertezza dwar id-durata fit-tul ħafna ta' diversi sekli għall-karbonju maħżun u jistgħu jitqiesu bħala li jipprovdu ħżin permanenti tal-karbonju. Is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jew il-ħżin tal-karbonju fil-prodotti huma aktar esposti għar-riskju ta' rilaxx volontarju jew involontarju tal-karbonju fl-atmosfera. Sabiex jitqies dan ir-riskju, **il-perjodu ta' monitoraġġ** tal-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju ġġenerati mis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mill-ħżin tal-karbonju fil-prodotti jenħtieġ li **jkopri d-durata kollha tal-attività jew tal-ħajja tal-prodott, inkluż it-tmiem tal-attività jew it-tmiem tal-ħajja tal-prodott, u dawk l-assorbimenti ċċertifikati tal-karbonju jenħtieġ li jkunu soġġetti għal data ta' skadenza li taqbel mat-tmiem tal-perjodu ta' monitoraġġ rilevanti.** Minn hemm 'il quddiem, il-karbonju jenħtieġ li jiġi preżunt li jiġi rilaxxat fl-atmosfera, sakemm l-operatur ekonomiku ma jagħtix prova taż-żamma tal-ħżin tal-karbonju permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ mingħajr interruzzjoni.

ITRE 16

Premessa 15

- (15) L-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju għandhom potenzjal qawwi li jwasslu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku **għal benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u tas-sostenibbiltà, minkejja li l-kompromessi** ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jkollhom impatt newtrali jew jiġġeneraw kobenefiċċji għall-oġettivi ta' sostenibbiltà tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, **is-sigurtà alimentari, il-prevenzjoni** u l-kontroll tat-tniġġis, **il-produttività agrikola, l-introjtu tal-bdiewa u s-sigurtà tal-produzzjoni agrikola**. Dawk ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jenħtieġ li, kif xieraq, u filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet lokali, jibnu fuq il-kriterji tekniċi ta' skrinjar għal "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" fir-rigward tal-attivitajiet tal-forestrija u l-ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art tas-CO₂, stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139CO¹, u fuq il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-materja prima tal-bijomassa tal-foresti u tal-agrikoltura stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Il-prattiki, bħall-monokulturi tal-foresti, li **jkollhom** effetti dannużi għall-bijodiversità **u riperkussjonijiet ekoloġiċi avversi** jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni. **Ir-riżorsi finanzjarji jenħtieġ li jagħtu prijorità lit-teknoloġiji li ma jwasslux għal użu mhux xieraq tar-riżorsi naturali jew li jkollhom impatt negattiv ċar fuq il-bijodiversità.**

ITRE 17

Premessa 15a (ġdida)

- (15a) Il-valutazzjonijiet tal-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jinkludu l-impatti fuq il-komunità lokali bl-għan li tiġi indirizzata s-sostenibbiltà soċjali. L-indikaturi għal din il-valutazzjoni jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe ħolqien ta' impjegi li jirriżulta, il-bilanċ bejn ir-rispett lejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni u l-użu eċċessiv tar-riżorsi naturali mill-komunità lokali.**

ITRE 18

Premessa 16

1 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

2 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (16) Il-prattiki tal-biedja li jassorbu s-CO₂ mill-atmosfera jikkontribwixxu għall-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika u jenħtieġ li jiġu ppremjati, jew permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) jew permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati oħra ***bħal finanzjament privat sostenibbli, arranġamenti kuntrattwali tul il-ktajjen ta' provvista, swieq volontarji tal-karbonju u dikjarazzjonijiet dwar il-prodotti***. B'mod speċifiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis il-prattiki tal-biedja kif imsemmija fil-Komunikazzjoni dwar Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli³.

ITRE 19

Premessa 17

- (17) L-operaturi jew gruppi ta' operaturi jistgħu jirrapportaw kobenefiċċji li jikkontribwixxu għall-objettivi ***ambjentali, ekonomiċi u tas-sostenibbiltà*** lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà. Għal dan il-għan, ir-rapportar tagħhom jenħtieġ li jikkonforma mal-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju, żviluppata mill-Kummissjoni. Il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li, kemm jista' jkun, jinċentivaw il-ġenerazzjoni ta' kobenefiċċji għall-bijodiversità li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti ***ambjentali, ekonomiċi u tas-sostenibbiltà***. Dawn il-kobenefiċċji addizzjonali ***aktarx li*** jagħtu aktar valur ekonomiku lill-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju u ***jistgħu*** jirriżultaw fi dħul oġġla għall-operaturi. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, huwa xieraq li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-iżvilupp ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni mfassla apposta dwar l-attivitajiet tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola li jipprovdu kobenefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità. ***L-iskemi ta' kreditu tal-karbonju għandhom il-potenzjal li jkun sors ġdid ta' introjtu, madankollu, x'aktarx li se jkun wkoll sors ta' spejjeż addizzjonali (eż. spejjeż għar-rapportar, l-immudellar, il-kontabbiltà, iċ-ċertifikazzjoni, il-kampjunar tal-ħamrija). Il-miżuri implimentati biex jiżiedu l-livelli ta' sekwestru jistgħu jaffettwaw ukoll il-produttività tal-azjendi agrikoli u l-ispejjeż agrikoli. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li tali skema ta' ċertifikazzjoni tirrappreżenta mudell ta' negozju pożittiv fit-tul għal min jikkonverti l-karbonju.***

ITRE 20

Premessa 17a (ġdida)

- (17a) ***Iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li ttipprovi ċertezza legali u taqdi l-ħtiġijiet tal-kumpaniji privati u pubbliċi u tal-investituri (kemm l-emittenti kif ukoll il-konvertituri tal-karbonju) u tal-awtoritajiet lokali li lesti jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji tal-UE jew nazzjonali tagħhom jew il-miri u d-dikjarazzjonijiet volontarji tagħhom.***

ITRE 21

Premessa 18

- (18) Huwa xieraq li jiġu żviluppata metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju sabiex jiġu applikati, b'mod standardizzat, verifikabbli u komparabbli, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawk

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800.

il-metodoloġġi jenħtieġ li jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni robusta u trasparenti tal-benefiċċju tal-assorbiment nett tal-karbonju ġġenerat mill-attività tal-assorbiment tal-karbonju, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi jew għall-grupp ta' operaturi, b'mod partikolari għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, għas-sidien tal-foresti **u għall-SMEs**. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jistabbilixxu metodoloġġi ta' ċertifikazzjoni dettaljati għall-attivitajiet differenti tal-assorbiment tal-karbonju. Dawk il-metodoloġġi jenħtieġ li jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u mal-atturi interessati l-oħra kollha. Jeħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, jibnu fuq skemi u metodoloġġi pubbliċi u privati eżistenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju, u jqisu kwalunkwe standard u regola rilevanti adottati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

ITRE 22

Premessa 20

- (20) L-għoti ta' għarfien, għodod u metodi mtejbja lill-manigġers tal-artijiet għal valutazzjoni u ottimizazzjoni aħjar tal-assorbimenti tal-karbonju huwa kruċjali għall-implimentazzjoni kosteffiċjenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u biex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-bdiewa tal-Unjoni b'azjenda agrikola żgħira jew għas-sidien tal-foresti **u l-SMEs**, li spiss ma jkollhomx l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġ biex jimplementaw attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju u biex jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità meħtieġa u mal-metodoloġġi ta' ċertifikazzjoni relatati. Għalhekk, huwa xieraq li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jintalbu jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi rilevanti permezz ta' parir tekniku lill-membri tagħhom. Il-Politika Agrikola Komuni u l-għajnuna nazzjonali mill-Istat jistgħu jappoġġaw finanzjarjament il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza, l-iskambju tal-għarfien, it-taħriġ, l-azzjonijiet ta' informazzjoni jew proġetti interattivi ta' innovazzjoni mal-bdiewa u l-forestiera.

ITRE 23

Premessa 20a (ġdida)

- (20a) *Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, assistiti mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jistabbilixxu ċentri konsultattivi lokali li jkollhom il-kompitu li jiżguraw aċċess sempliċi għal gwida teknika u informazzjoni dwar l-iskema ta' ċertifikazzjoni stabbilita b'dan ir-Regolament, bl-involviment ta' kooperattivi jew assoċjazzjonijiet oħra tal-bdiewa. Dawn iċ-ċentri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkomunikaw ukoll il-benefiċċji tal-assorbiment tal-karbonju u jappoġġaw Prattiki sostenibbli, inkluż l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, filwaqt li jippromwovu l-bijodiversità u r-restawr tan-natura. Huma għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ħilet tas-sostenibbiltà fi ħdan il-komunitajiet fil-mira, inkluż permezz ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ kif ukoll permezz tal-promozzjoni ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-prattiki tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola permezz ta' azjendi agrikoli dimostrattivi.*

ITRE 24

Premessa 20b (ġdida)

(20b) Is-servizzi ta' konsulenza eżistenti tal-forestrija u tal-agrikoltura, b'has-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS), għandhom ukoll jikkontribwixxu għarfien u informazzjoni usa' biex jappoġġaw prattiki sostenibbli li jtejbju s-sekwestru tal-karbonju filwaqt li jippromwovu l-bijodiversità u r-restawr tan-natura, u biex jiżguraw aċċess faċli għal din l-informazzjoni inkluż l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fejn ikun rilevanti. L-AKIS għandha tistabbilixxi pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni tal-għarfien, li tipprovdi pariri tekniċi lil min jiġġestixxi l-art u feedback lill-Istati Membri.

ITRE 25

Premessa 20c (ġdida)

(20c) Il-Kummissjoni għandha tappoġġa wkoll il-bini tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri permezz ta' investimenti adegwati fi programmi edukattivi u ta' taħriġ, inkluż lil partijiet ikkonċernati potenzjali pubbliċi u privati u lill-forza tax-xogħol tagħhom. Tali appoġġ għandu jqis ukoll ir-realtajiet diverġenti tal-Istati Membri u r-reġjuni, anke billi jidentifika l-attivitajiet l-aktar adatti fir-rigward tal-ispeċifitàjiet differenti.

ITRE 26

Premessa 20d (ġdida)

(20d) Unità ċertifikata tal-assorbiment tal-karbonju ma tridx tingħadd darbtejn. Meta ċertifikat tal-assorbiment tal-karbonju jiskadi, l-unitajiet korrispondenti ta' assorbiment tal-karbonju jenħtieġ li jew jiġu invalidati u mnaqqsa, jew sostitwiti b'ammont ekwivalenti ta' unitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà, ir-reġistru tal-Unjoni jenħtieġ li jżomm rekords tas-sidien u l-utenti passati u attwali kollha ta' unità tal-assorbiment tal-karbonju.

ITRE 27

Premessa 23

(23) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi biex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li joperaw abbażi ta' regoli u proċeduri affidabbli u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw l-akkuratezza, l-affidabbiltà, l-integrità u n-nonripudju tal-orijini, u l-protezzjoni kontra l-frodi tal-informazzjoni u tad-data sottomessa mill-operaturi. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-kontabbiltà korretta tal-unitajiet ivverifikati tal-assorbiment tal-karbonju, b'mod partikolari billi jiġi evitat għadd doppju. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, inklużi standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza, kontabbiltà u awditjar indipendenti li għandhom jiġu applikati minn skemi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-operaturi u għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat proċess ta' ċertifikazzjoni kosteffettiv, dawk ir-regoli tekniċi armonizzati dwar iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jkollhom ukoll l-oġettiv li jnaqqsu l-piż amministrattiv mhux meħtieġ, *inkluż billi jiżviluppaw approċċi standardizzati għal teknoloġiji differenti, inkluż il-BECCS*, għall-operaturi, jew grupp ta' operaturi, b'mod partikolari

għall-Intrapriżi Żgħira u Medji (SMEs), inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-forestiera, ***mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw strutturi xierqa ta' taħriġ u appoġġ għal daww responsabbli mill-ġestjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, li jistgħu jgħinu biex jiżguraw li jkun mgħammra bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jiġġestixxu l-proċess b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jrawmu l-użu ta' teknoloġiji li jistgħu jżidu l-preċiżjoni tal-monitoraġġ, tar-rapportar u tal-verifika, filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż sussegwenti maż-żmien.***

ITRE 28

Premessa 26

- (26) L-iskemi ta' ċertifikazzjoni ***jirreġistraw l-assorbimenti ċertifikati tal-karbonju f'reġistri*** pubbliċi sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà sħiħa ta' ċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju, u biex jiġi evitat ir-riskju ta' frodi u ta' għadd doppju. Il-frodi tista' sseħħ jekk jinħareġ aktar minn ċertifikat wieħed għall-istess attività tal-assorbiment tal-karbonju minħabba li l-attività tkun ġiet irreġistrata taħt żewġ skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jew tkun ġiet irreġistrata darbtejn taħt l-istess skema. Il-frodi tista' sseħħ ukoll meta l-istess ċertifikat jintuża diversi drabi biex issir l-istess asserzjoni bbażata fuq attività tal-assorbiment tal-karbonju jew unità tal-assorbiment tal-karbonju. ***Skema ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li tipprovdil lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa li għandha tinħażen u ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika fir-reġistri tal-Unjoni. Tali informazzjoni tinkludi d-dokumenti li jirriżultaw mill-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, inklużi s-sommarji tal-awditi ta' ċertifikazzjoni u r-rapporti tal-awditu ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, iċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati aġġornati, u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku f'forma elettronika. Ir-reġistri jenħtieġ li jirreġistraw ukoll l-unitajiet iċċertifikati tal-assorbiment tal-karbonju li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu standards u regoli tekniċi dwar il-funzjonament tar-reġistri f'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli) li għandu jiġi adottat fil-futur⁴.***

ITRE 29

Premessa 30

- (30) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament 3 snin ***wara*** d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u sussegwentement mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawk ir-rieżamijiet jenħtieġ li jqisu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju u ***objettivi ambjentali u ekonomiċi rilevanti bħas-sigurtà***

⁴ ***Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli) COM(2022) 720 final 2022/0379 (COD).***

alimentari inklużi d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel, u jenħtieġ li jiġu informati bir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.

ITRE 30

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt a

- (a) “assorbiment tal-karbonju” tfisser il-ħżin ta' karbonju atmosferiku jew bijoġeniku f'raggruppamenti tal-karbonju ġeoloġiku, f'raggruppamenti tal-karbonju bijoġeniku, fi prodotti u f'materjali dejjiema, u fl-ambjent tal-baħar ;

ITRE 31

Artikolu 2 - paragrafu 1 – punt b

- (b) “attività tal-assorbiment tal-karbonju” tfisser Prattika jew proċess wieħed jew aktar li jidwettaq minn operatur li jirriżulta fi ħżin **temporanju jew** permanenti tal-karbonju, li jtejjeb il-qbid tal-karbonju f'raggruppament tal-karbonju bijoġeniku, jew karbonju bijoġeniku fi prodotti jew materjali fit-tul;

ITRE 32

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt fa (ġdid)

- (fa) *“ħżin temporanju tal-karbonju” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li, f'ċirkostanzi normali u permezz ta' prattiki ta' ġestjoni xierqa, taħżen temporanjament karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal perjodu ta' żmien limitat, monitorabbli, kontinwu u prevedibbli, bħas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, karbonju maħżun fil-prodotti, il-bijoenerġija bil-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-qbid u l-ħżin tal-karbonju dirett mill-arja.*

ITRE 33

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt g

- (g) “ħżin permanenti tal-karbonju” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju li taqbad u, f'ċirkostanzi normali u permezz ta' prattiki ta' ġestjoni xierqa, fiżikament taħżen karbonju atmosferiku jew bijoġeniku għal diversi sekli, **pereżempju permezz ta' ħżin ġeoloġiku u mineralizzazzjoni tal-karbonju f'raggruppamenti ġeoloġiċi** tal-karbonju, **f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2009/31/KE⁵**;

ITRE 34

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt h

- (h) “sekwestru tal-karbonju f'art agrikola” tfisser attività tal-assorbiment tal-karbonju relatata mal-ġestjoni tal-art **jew kostali** li tirriżulta fiż-żieda tal-ħżin tal-karbonju fil-bijomassa ħajja, fil-materja organika mejta u fil-ħamrija billi jittejjeb il-qbid tal-

⁵ *Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006.*

karbonju u *li jistgħu wkoll jiġġeneraw tnaqqis fir-rilaxx tal-karbonju bħala parti minn dik l-attività, pereżempju fil-każ tat-tixrib mill-ġdid tat-torbiera;*

ITRE 35

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

(p) *“tnaqqis fl-emissjonijiet bijoġeniċi tal-karbonju” tfisser it-tnaqqis tar-rilaxx tal-karbonju minn riżerva ta’ karbonju bijoġeniku fl-atmosfera.*

ITRE 36

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt p

(c) GHGżieda hija ż-żieda fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta’ gassijiet serra ■ li huma dovuti għall-implimentazzjoni tal-attività tal-assorbiment tal-karbonju.

ITRE 37

Artikolu 6 – titolu

Ħżin ■

ITRE 38

Artikolu 6 – paragrafu 1

1. ■ Attività tal-assorbiment tal-karbonju *għandhatiżgura l-ħżin temporanju jew permanenti* tal-karbonju.

ITRE 39

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

(a) *għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ perjodiku mill-korp ta’ ċertifikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 9 u jimmitigaw kwalunkwe riskju ta’ rilaxx tal-karbonju maħżun li jseħħ matul il-perjodu ta’ monitoraġġ;*

ITRE 40

Artikolu 6 – paragrafu 3

3. *Għall-attivitajiet ta’ assorbiment temporanju tal-karbonju*, il-karbonju li jinħażen ■ għandu jitqies rilaxxat fl-atmosfera fi tmiem il-perjodu ta’ monitoraġġ.

ITRE 41

Artikolu 7 – paragrafu 1

1. Attività tal-assorbiment tal-karbonju għandu jkollha *tal-inqas* impatt newtrali fuq *l-objettivi ta’ sostenibbiltà kollha li ġejjin* jew *tista’* tiġġenera kobenefiċċji *pożittivi* għal *wieħed jew aktar mill-objettivi ta’ sostenibbiltà* ■ li ġejjin:

ITRE 42

Artikolu 7 - paragrafu 1 - punt fa (ġdid)

(fa) il-produttività agrikola u s-sigurtà alimentari;

ITRE 43

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

(fb) l-impatt fuq il-komunità lokali.

ITRE 44

Artikolu 8 – paragrafu 2

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tistabbilixxi l-metodoloġiji tekniċi ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal attivitajiet relatati mal-ħżin permanenti tal-karbonju, mas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola u mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti. Dawk il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I. ***Għal kull abbozz ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, inkluż il-ħiliet esperti xjentifiċi meħtieġa kollha, u r-riżultati finali tagħha għandhom jiġu ppubblikati meta jiġi adottat l-att delegat relatat.***

ITRE 45

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b

- (b) l-obiettiv li jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, b'mod partikolari għall-operaturi tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola fuq skala żgħira ***u għall-SMEs mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-assorbimenti tal-karbonju jew il-kobenefiċċji;***

ITRE 46

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

(da) l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-innovazzjoni fil-qasam.

ITRE 47

Artikolu 8 - paragrafu 3a (ġdid)

3a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubbliċi l-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni.

ITRE 48

Artikolu 12 – paragrafu 1

- 1 ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm [] reġistru pubbliku tal-Unjoni tal-attivitajiet tal-assorbiment tal-karbonju u tal-unitajiet tal-assorbiment tal-karbonju ċċertifikati skont l-Artikolu 9. Kull skema ta' ċertifikazzjoni għandha tirrapporta lir-reġistru tal-Unjoni tal-attivitajiet tal-assorbimenti tal-karbonju u tal-unitajiet tal-***

assorbiment tal-karbonju ċċertifikati skont l-Artikolu 9. Dan ir-reġistru għandu juża sistemi awtomatizzati, inklużi mudelli elettroniċi .

ITRE 49

Artikolu 18 – paragrafu 1

1. Dan ir-Regolament għandu jinżamm taħt rieżami fl-aspetti kollha, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi rilevanti li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi, il-progress teknoloġiku u xjentifiku, l-iżviluppi tas-suq fil-qasam tal-assorbimenti tal-karbonju, *is-sigurtà* alimentari *nazzjonali, reġjonali u* tal-Unjoni *u l-impatt tal-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju fuq il-komunitajiet lokali milquta.*

ITRE 50

Artikolu 18 – paragrafu 2

2. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mhux aktar tard minn tmiem l-2028, u sussegwentement fi żmien sitt xhur wara l-eżitu ta' kull rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, *inkluż valutazzjoni dwar l-integrazzjoni possibbli mad-Direttiva dwar l-ETS. Dak ir-rapport jista' jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju	
Referenzi	COM(2022)0672 – C9-0399/2022 – 2022/0394(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	1.12.2022	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 1.2.2023	
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 1.2.2023	AGRI 1.2.2023
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 11.5.2023	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Lidia Pereira 10.1.2023	
Eżami fil-kumitat	1.3.2023	24.5.2023
Data tal-adozzjoni	24.10.2023	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 59 - : 9 0 : 17	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Catherine Amalric, Mathilde Androuët, Maria Arena, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Nathalie Colin-Oesterlé, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Pietro Focchi, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glueck, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsik, Pär Holmgren, Jan Huitema, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Lydie Massard, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Silvia Sardone, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraiki, Nils Torvalds, Edina Tóth, Achille Variati, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mercedes Bresso, Christophe Clergeau, Jens Gieseke, Martin Häusling, Stelios Kympouropoulos, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Annalisa Tardino, Róża Thun und Hohenstein, Grzegorz Tobiszowski, Marie Toussaint, Nikolaj Villumsen, Sarah Wiener	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie Dauchy, Carlo Fidanza, Georg Mayer, Maria Noichl, Philippe Olivier, Rob Rooken	
Data tat-tressiq	3.11.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

59	+
NI	Maria Angela Danzi
PPE	Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Jens Gieseke, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Stelios Kypouropoulos, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolores Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Pernille Weiss
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Andreas Glueck, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Róża Thun und Hohenstein, Nils Torvalds, Emma Wiesner
S&D	João Albuquerque, Maria Arena, Mercedes Bresso, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Cyrus Engerer, Helène Fritzon, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Nikos Papandreou, Christel Schaldemose, Achille Variati, Tiemo Wölken
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Martin Häusling, Pär Holmgren, Lydie Massard, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Marie Toussaint, Sarah Wiener

9	-
ECR	Teuvo Hakkarainen
ID	Mathilde Androuët, Marie Dauchy, Sylvia Limmer, Georg Mayer, Philippe Olivier
NI	Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth
Renew	Michał Wiezik

17	0
ECR	Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Rob Rooker, Grzegorz Tobiszowski, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
ID	Gianna Gancia, Silvia Sardone, Annalisa Tardino
Renew	Martin Hojsík
The Left	Malin Björk, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Mesure, Nikolaj Villumsen, Mick Wallace

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni